SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

29 ta' Settembru 2021 *

"Relazzjonijiet esterni – Ftehim internazzjonali – Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni KE-Marokk – Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni u l-Marokk – Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija – Skambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim ta' Sħubija – Deċiżjoni ta' konklużjoni – Regolament dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – *Locus standi in judicio* – Inċidenza diretta – Inċidenza individwali – Kamp ta' applikazzjoni territorjali – Kompetenza – Interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja – Prinċipju ta' awtodeterminazzjoni – Prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati – Invokabbiltà – Kunċett ta' kunsens – Implimentazzjoni – Setgħa diskrezzjonali – Limiti – Żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata"

Fil-Kawżi magħquda T-344/19 u T-356/19,

Front populaire pour la libération de la Saguia el-Hamra et du Rio de oro (Front Polisario), irrappreżentat minn G. Devers, avukat,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn F. Naert, P. Plaza García u V. Piessevaux, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn S. Centeno Huerta, bħala aġent,

intervenjenti fil-Kawżi T-344/19 u T-356/19,

minn

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata minn A.-L. Desjonquères, C. Mosser, J.-L. Carré u T. Stéhelin, bħala aġenti,

intervenjenti fil-Kawżi T-344/19 u T-356/19,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Castillo de la Torre, A. Bouquet u A. Stobiecka-Kuik, bħala aġenti,

intervenjenti fil-Kawżi T-344/19 u T-356/19,

u minn

Il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Mediterran, stabbilita f'Tangier (il-Marokk),

Il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tat-Tramuntana, stabbilita f'Casablanca (il-Marokk),

Il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku Ċentrali, stabbilita f'Agadir (il-Marokk),

Il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar, stabbilita f'Dakhla (is-Saħara tal-Punent),

irrappreżentati minn G. Forwood, N. Colin u A. Hublet, avukati,

intervenjenti fil-Kawża T-344/19,

li għandhom bħala suġġett, fil-Kawża T-344/19, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU 2019, L 77, p. 4), u, fil-Kawża T-356/19, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU 2019, L 77, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża),

komposta minn J. Costeira, President, D. Gratsias (Relatur), M. Kancheva, B. Berke u T. Perišin, Imħallfin,

Reġistratur: M. Marescaux, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Marzu 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

A. Il-kuntest internazzjonali

1 L-iżviluppi tal-kuntest internazzjonali relatat mal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent jistgħu jitqassru kif ġej.

2 Fl-14 ta' Diċembru 1960, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (ONU) adottat ir-Riżoluzzjoni 1514 (XV), intitolata "Dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-Indipendenza lill-pajjiżi u lill-popli kolonjali", li tipprevedi b'mod partikolari li "[l]-popli kollha għandhom id-dritt għall-awtodeterminazzjoni[,] li abbażi [tiegħu] jiddeterminaw b'mod ħieles l-istatus politiku tagħhom u jsegwu b'mod ħieles l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom", li "[m]iżuri immedjati għandhom jittieħdu, fit-territorji taħt protezzjoni, it-territorji mhux awtonomi u t-territorji l-oħra kollha li għadhom ma kisbux l-indipendenza, sabiex jiġu ttrasferiti immedjatament is-setgħat kollha lill-popli ta' dawn it-territorji, mingħajr ebda kundizzjoni jew riżerva, skont il-volontà tagħhom u x-xewqat tagħhom espressi b'mod ħieles", u li "[l-]istati kollha għandhom josservaw fedelment u strettament id-dispożizzjonijiet tal-[K]arta tan-Nazzjonijiet Uniti […] abbażi tal-ugwaljanza, nuqqas ta' ndħil fl-affarijiet interni tal-Istati u tal-osservanza tad-drittijiet sovrani u tal-integrità territorjali tal-popli kollha".

3 Is-Saħara tal-Punent hija territorju li jinsab fil-Majjistral tal-Afrika li ġie kkolonizzat mir-Renju ta' Spanja fi tmiem is-seklu XIX u li sar, fid-data tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV), provinċja Spanjola. Fl-1963, ġie inkluż mill-ONU fuq il-"lista preliminari tat-territorji li għalihom tapplika d-Dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-Indipendenza lill-pajjiżi u lill-popli kolonjali [Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali]", bħala territorju mhux awtonomu amministrat mir-Renju ta' Spanja, fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, iffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945, u sal-lum għadu fuq il-lista tat-territorji mhux awtonomi stabbilita mis-Segretarju Ġenerali tal-ONU abbażi ta' informazzjoni mibgħuta skont l-Artikolu 73(e) ta' din il-Karta.

4 Fl-20 ta' Diċembru 1966, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 2229 (XXI) dwar il-kwistjoni tal-Ifni u tas-Saħara Spanjola, li fiha "[r]eġa' ġie affermat] id-dritt inaljenabbli [tal-poplu] […] tas-Saħara Spanjol għall-awtodeterminazzjoni skont ir-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali" u talbet lir-Renju ta' Spanja, fil-kapaċità tiegħu bħala poter amministrattiv, "sabiex kemm jista' jkun malajr, jistabbilixxi l-modalitajiet tal-organizzazzjoni ta' referendum li għandu jinżamm taħt l-awspiċji tal-[ONU] sabiex il-popolazzjoni awtoktona tat-territorju tkun tista' teżerċita liberament id-dritt tagħha għall-awtodeterminazzjoni".

5 Fl-24 ta' Ottubru 1970, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 2625 (XXV), li permezz tagħha approvat id-"Dikjarazzjoni dwar il-prinċipji tad-dritt internazzjonali relatati mar-relazzjonijiet ta' ħbiberija u l-kooperazzjoni bejn l-Istati skont il-[K]arta tan-Nazzjonijiet Uniti", li t-test tagħha huwa anness ma' din ir-riżoluzzjoni. Din id-dikjarazzjoni "tipproklama

solennement", b'mod partikolari, "il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni". Fir-rigward ta' dan il-prinċipju, hija tistipula, b'mod partikolari, dan li ġej:

"Skont il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, prinċipju stabbilit fil-[K]arta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-popli kollha għandhom dejjem id-dritt, b'mod ħieles, li jistabbilixxu, meta jixtiequ u kif jixtiequ, l-istatus politiku intern u estern tagħhom, mingħajr indħil barrani, u li jsegwu skont ir-rieda tagħhom l-iżvilupp politiku, ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom, u kull Stat għandu d-dover li jirrispetta dan id-dritt skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta.

[…]

Il-ħolqien ta' Stat sovran u indipendenti, il-libertà ta' assoċjazzjoni jew tal-integrazzjoni ma' Stat indipendenti jew l-akkwist ta' kwalunkwe status politiku ieħor b'mod ħieles minn poplu jikkostitwixxi, għal dan il-poplu, mezzi sabiex jeżerċita d-dritt li jiddeċiedi għalih innifsu.

[…]

It-territorju ta' kolonja jew ta' territorju ieħor mhux awtonomu għandu, skont il-Karta, status separat u distint minn dak tat-territorju tal-Istati li jamministrah; dan l-istatus separat u distint bis-saħħa tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jibqa' jeżisti sakemm il-poplu tal-kolonja jew tat-territorju mhux awtonomu ma jeżerċitax id-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni skont il-Karta u, b'mod partikolari għall-għanijiet u l-prinċipji tiegħu".

6 Il-Front populaire pour la libération de la Saguia el-Hamra et du Rio de oro (Front Polisario) huwa organizzazzjoni maħluqa fl-10 ta' Mejju 1973 fis-Saħara tal-Punent. Fl-Artikolu 1 tal-Istatuti tiegħu, huwa ddefinit bħala "moviment ta' liberazzjoni nazzjonali" li l-membri tiegħu "jiġġieldu għall-indipendenza totali u għall-kisba tas-sovranità tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fuq it-territorju kollu tar-Repubblika Għarbija Demokratika tas-Saħara".

7 Fl-20 ta' Awwissu 1974, ir-Renju ta' Spanja informa lill-ONU li kien qiegħed jipproponi li jiġi organizzat, taħt l-awspiċi tiegħu, referendum fis-Saħara tal-Punent.

8 Fit-13 ta' Diċembru 1974, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 3292 (XXIX), li permezz tagħha ddeċidiet, b'mod partikolari, li titlob lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) Opinjoni konsultattiva fuq id-domandi segwenti:

"I. Is-Saħara tal-Punent (Rio de Oro u Sakiet El Hamra) kienet, fil-mument tal-kolonjalizzazzjoni tagħha minn Spanja, territorju mingħajr sid (*terra nullius*)?

Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fin-negattiv,

II. Liema kienu r-rabtiet ġuridiċi ta' dan it-territorju mar-Renju tal-Marokk u mat-territorju tal-Mawritanja?"

9 Fis-16 ta' Ottubru 1975, il-QIĠ tat Opinjoni konsultattiva (ara s-Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva, QIĠ, Ġabra 1975, p. 12, iktar 'il quddiem l-"Opinjoni konsultattiva dwar is-Saħara tal-Punent"). Fil-punt 162 ta' din l-opinjoni, hija kkunsidrat is-segwenti:

"Il-provi u l-informazzjoni prodotti quddiem il-Qorti juru l-eżistenza, fil-mument tal-kolonjalizzazzjoni Spanjola, ta' rabtiet ġuridiċi ta' alleanza bejn is-sultan tal-Marokk u xi tribujiet li jgħixu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Juru wkoll l-eżistenza ta' drittijiet, inkluż ċerti drittijiet relatati mal-art, li jikkostitwixxu rabtiet ġuridiċi bejn it-territorju tal-Mawritanja, fis-sens mifhum mill-Qorti, u t-territorju tas-Saħara tal-Punent. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tikkonkludi li l-provi u l-informazzjoni prodotti quddiemha ma jistabbilixxu l-eżistenza tal-ebda rabta ta' sovranità territorjali bejn it-territorju tas-Saħara tal-Punent minn naħa waħda, ir-Renju tal-Marokk jew it-territorju tal-Mawritanja, min-naħa l-oħra. Il-Qorti għalhekk ma kkonstatatx l-eżistenza ta' rabtiet ġuridiċi ta' natura li jibdlu l-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) [tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU] fir-rigward tad-dekolonjalizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent u b'mod partikolari tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni permezz tal-espressjoni libera u awtentika tar-rieda tal-popolazzjonijiet tat-territorju".

10 Fil-punt 163 tal-Opinjoni konsultattiva dwar is-Saħara tal-Punent, il-QIĠ iddikjarat, b'mod partikolari:

"[Il-Qorti hija tal-opinjoni], [f']dak li jirrigwarda d-domanda I, […] li s-Saħara tal-Punent (Rio de Oro u Sakiet El Hamra) ma kinitx territorju mingħajr sid (*terra nullius*) fil-mument tal-kolonjalizzazzjoni minn Spanja; […] f'dak li jirrigwarda d-domanda II, […] li t-territorju kellu, mar-Renju tal-Marokk, rabtiet ġuridiċi li għandhom il-karatteristiċi indikati fil-paragrafu 162 ta' din l-opinjoni [u] li t-territorju kellu, mat-territorju tal-Mawritanja, rabtiet ġuridiċi li għandhom il-karatteristiċi indikati fil-punt 162 ta' din l-opinjoni".

11 F'diskors mogħti fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tal-Opinjoni konsultattiva dwar is-Saħara tal-Punent, ir-Re tal-Marokk iddikjara li "d-dinja kollha [kienet] irrikonoxxiet li s-Saħara [tal-Punent] kienet fil-pussess" tar-Renju tal-Marokk u li "kien l-obbligu tiegħu li jirkupra b'mod paċifiku dan it-territorju", filwaqt li appella, għal dan il-għan, li tiġi organizzata mixja.

12 Fit-22 ta' Ottubru 1975, adit mir-Renju ta' Spanja, il-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU adotta r-Riżoluzzjoni 377 (1975), li fiha "talab lis-[S]egretarju Ġenerali [tal-ONU] jibda konsultazzjonijiet immedjati mal-partijiet ikkonċernati u interessati u "[a]ppella [lil dawn tal-aħħar] sabiex juru prudenza u moderazzjoni". Fit-2 ta' Novembru 1975, adotta r-Riżoluzzjoni 379 (1975), li fiha "[t]alab b'mod urġenti lill-partijiet kollha kkonċernati u interessati jevitaw kull azzjoni unilaterali jew kwalunkwe azzjoni li tista' tkompli taggrava t-tensjoni fir-reġjun" u "[talab] lis-[S]egretarju Ġenerali sabiex ikompli u jintensifika l-konsultazzjonijiet tiegħu". Fis-6 ta' Novembru 1975, wara li bdiet il-mixja mħabbra mir-Re tal-Marokk, li fiha pparteċipaw 350,000 persuna, u l-qsim tal-fruntiera bejn ir-Renju tal-Marokk u s-Saħara tal-Punent minn dawn il-persuni, adotta r-Riżoluzzjoni 380 (1975), li fiha, b'mod partikolari, "[iddeplora din i]l-mixja" u "[talab] lir-[Renju tal-]Marokk jirtira immedjatament mit-territorju tas-Saħara tal-Punent lill-parteċipanti kollha f'[din] il-mixja".

13 Fis-26 ta' Frar 1976, ir-Renju ta' Spanja informa lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU li, b'effett minn din id-data, huwa kien qiegħed itemm il-preżenza tiegħu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent u li minn dak il-mument kien qiegħed iqis ruħu ħieles minn kull responsabbiltà ta' natura

internazzjonali relatata mal-amministrazzjoni ta' dan it-territorju. Il-lista tat-territorji mhux awtonomi msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq tirreferi, f'dak li jirrigwarda s-Saħara tal-Punent, għal din id-dikjarazzjoni li hija riprodotta f'nota ta' qiegħ il-paġna.

14 Sadanittant, żviluppa kunflitt armat bejn ir-Renju tal-Marokk, ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u l-Front Polisario f'dan ir-reġjun. Parti mill-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent ħarbet minn dan il-kunflitt u sabet kenn fil-kampijiet fit-territorju Alġerin, qrib il-fruntiera mas-Saħara tal-Punent.

15 Fl-14 ta' April 1976, ir-Renju tal-Marokk ikkonkluda mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja trattat dwar it-tqassim tat-territorju tas-Saħara tal-Punent, u għamel annessjoni tal-parti minn dan it-territorju li kienet allokata lilu permezz ta' dan it-trattat. Fl-10 ta' Awwissu 1979, ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja kkonkludiet ftehim ta' paċi mal-Front Polisario, li permezz tiegħu hija rrinunzjat għal kull pretensjoni territorjali fis-Saħara tal-Punent. Ir-Renju tal-Marokk assuma l-kontroll tat-territorju evakwat mill-forzi tal-Mawritanja u pproċeda bl-annessjoni tiegħu.

16 Fil-21 ta' Novembru 1979, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 34/37 dwar il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, li fiha "[r]eġgħet affermat id-dritt inaljenabbli tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u għall-indipendenza, b'mod konformi mal-Karta tal-[ONU] […] u mal-għanijiet tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) [tagħha]", hija "ddeplora[t] bil-qawwa l-aggravazzjoni tas-sitwazzjoni li kienet tirriżulta mill-persistenza tal-okkupazzjoni tas-Saħara tal-Punent mill-Marokk", u "talbet immedjatament lill-Marokk biex jinvolvi ruħu hu wkoll fid-dinamika tal-paċi u jtemm l-okkupazzjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent" u "rrakkomandat għal dan l-għan li l-[Front Polisario], rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, jipparteċipa bis-sħiħ f'kull tiftixa ta' soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u definittiva tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, skont ir-riżoluzzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-[ONU]". Din ir-riżoluzzjoni ġiet segwita bir-Riżoluzzjoni 35/19, tal-11 ta' Novembru 1980, li fil-punt 10 tagħha l-Assemblea Ġenerali "[talbet] b'urġenza lill-Marokk u lill-[Front Polisario], rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, jibdew negozjati diretti sabiex il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent tiġi rregolata b'mod definittiv".

17 Il-kunflitt bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Front Polisario baqa' għaddej sakemm, fit-30 ta' Awwissu 1988, il-partijiet aċċettaw, fil-prinċipju, proposti ta' regolament li ħarġu b'mod partikolari mis-Segretarju Ġenerali tal-ONU u li jipprevedu b'mod partikolari t-tħabbir ta' waqfien mill-ġlied kif ukoll l-organizzazzjoni ta' referendum għall-awtodeterminazzjoni taħt il-kontroll tal-ONU.

18 Fis-27 ta' Ġunju 1990, il-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU adotta r-Riżoluzzjoni 658 (1990), li fiha "[approva] r-rapport tas-[S]egretarju Ġenerali [tal-ONU] li fih […] il-proposti ta' regolament [imsemmija fil-punt 17 iktar 'il fuq] kif ukoll pjan [ta' implimentazzjoni tagħhom]" u "[talab] liż-żewġ partijiet jikkooperaw b'mod sħiħ mas-[S]egretarju Ġenerali [tal-ONU] u mal-[P]resident tal-Konferenza tal-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvern tal-Organizzazzjoni tal-Għaqda Afrikana fil-qafas tal-isforzi li dawn kienu qegħdin jagħmlu sabiex ikun hemm soluzzjoni rapida tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent". Fid-29 ta' April 1991, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta r-Riżoluzzjoni 690 (1991) li biha stabbilixxa l-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-organizzazzjoni ta' referendum fis-Saħara tal-Punent (Minurso).

19 Fis-6 ta' Diċembru 1995, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 50/33, intitolata "Attivitajiet ta' interessi barranin, ekonomiċi u oħrajn, li jostakolaw l-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-indipendenza lill-pajjiżi u lill-popli kolonjali fit-territorji li jinsabu taħt dominju kolonjali", li fiha, b'mod partikolari, "[r]eġgħet affermat id-dritt inaljenabbli tal-popli tat-territorji kolonjali jew mhux awtonomi għall-awtodeterminazzjoni, għall-indipendenza u għat-tgawdija tar-riżorsi naturali tat-territorji tagħhom, kif ukoll id-dritt tagħhom li jiddisponu minn dawn ir-riżorsi fl-aħjar interessi tagħhom", "[affermat] il-valur tal-investimenti ekonomiċi barranin magħmula b'kollaborazzjoni mal-popolazzjonijiet tat-territorji mhux awtonomi u skont ix-xewqat tagħhom sabiex jingħata kontribut validu għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku tat-territorji", "[iddikjarat] mill-ġdid li l-isfruttament negattiv u s-serq ta' riżorsi marittimi u ta' riżorsi naturali oħra tat-territorji kolonjali jew mhux awtonomi minn interessi ekonomiċi barranin, bi ksur tar-riżoluzzjoni rilevanti tal-[ONU], [kienu jikkompromettu] l-integrità u l-prosperità ta' dawn it-territorji" u "[stiednet] lill-gvernijiet kollha u lill-organi kollha tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex jiżguraw li s-sovranità permanenti tal-popolazzjonijiet tat-territorji kolonjali u mhux awtonomi fuq ir-riżorsi naturali tagħhom tkun osservata u salvagwardata kompletament".

20 Sal-lum, minkejja skambji u konsultazzjonijiet organizzati taħt l-awspiċi tal-ONU, il-partijiet għadhom ma waslux għal soluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-Saħara tal-Punent. Ir-Renju tal-Marokk jikkontrolla l-parti l-kbira tat-territorju tas-Saħara tal-Punent, filwaqt li l-Front Polisario jikkontrolla l-parti l-oħra, peress li dawn iż-żewġ żoni huma sseparati minn ħajt tar-ramel mibni u ssorveljat mill-armata Marokkina. Numru sinjifikattiv ta' refuġjati oriġinarji minn dan it-territorju għadhom jgħixu f'kampijiet amministrati mill-Front Polisario, fit-territorju Alġerin.

B. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006

1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

21 Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-26 ta' Frar 1996, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000 (ĠU 2000, L 70, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni").

22 L-Artikolu 1(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistipula:

"Hija stabbilita assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Marokk, min-naħa l-oħra" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

23 L-Artikolu 94 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistipula:

"Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa, għat-territorji fejn jiġu applikati t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u skont il-kundizzjonijiet li huma stabbiliti fl-imsemmija trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tar-Renju tal-Marokk" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

24 Fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u skont l-Artikolu 16 tiegħu, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk iffirmaw, fit-13 ta' Diċembru 2010, fi Brussell (il-Belġju), il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta'

liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2012, L 241, p. 4, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Liberalizzazzjoni"). Fit-8 ta' Marzu 2012, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni 2012/497/UE dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni (ĠU 2012, L 241, p. 2).

2. Il-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006

25 Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2006, L 294M, p. 131). L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi: "Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk huwa approvat f'isem il-Komunità."

26 Kif jirriżulta mill-preambolu tiegħu u mill-Artikoli 1 u 3 tiegħu, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-Sajd tal-2006") kellu l-għan li jintensifika r-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u r-Renju tal-Marokk, b'mod partikolari fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, billi jistabbilixxi, fis-settur tas-sajd, sħubija intiża sabiex tippromwovi sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd Marokkini u jimplimenta b'mod effikaċi l-politika tas-sajd Marokkina. B'dan il-mod, dan il-Ftehim stabbilixxa, b'mod partikolari, regoli relatati mal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika bejn il-partijiet, mal-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri għaż-żoni tas-sajd Marokkini u l-metodi ta' kontroll tal-attivitajiet tas-sajd f'dawn iż-żoni.

27 L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 jistipula li dan għandu japplika, f'dak li jirrigwarda r-Renju tal-Marokk, għat-"territorju tal-Marokk u fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Marokk". Barra minn hekk, l-Artikolu 2(a) ta' dan il-Ftehim jispjega li l-kunċett ta' "żoni tas-sajd Marokkini" għandu jfisser, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, tal-Protokoll tiegħu u tal-anness tiegħu, bħala li jirreferi għal "l-ibħra rilevanti taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk".

28 Skont l-Artikolu 17 tiegħu, il-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2007 (ĠU 2008, L 4M, p. 216).

29 Il-Protokoll li inizjalment kien jakkumpanja l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 ġie ssostitwit bi protokoll ieħor li, min-naħa tiegħu, ġie ssostitwit, fl-2013, bi protokoll ġdid, iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2013, li ġie approvat, f'isem l-Unjoni, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/785/UE tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2013, L 349, p. 1), u li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2014 (ĠU 2014, L 228, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Protokoll tal-2013").

30 Skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-2013, huwa "jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ġenerali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jimmira li jiżgura l-vijabbiltà tar-riżorsi tas-sajd mill-aspetti ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali".

C. Il-kawżi marbuta mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

1. Il-Kawżi T-512/12 u C-104/16 P

31 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2012 u rreġistrat bin-numru T-512/12, ir-rikorrent, il-Front Polisario, ippreżenta rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni 2012/497 (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario, C-104/16 P, EU:C:2016:973, punt 38, iktar 'il quddiem is-"sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario").

32 Insostenn tar-rikors tiegħu f'dik il-kawża, ir-rikorrent kien allega, b'mod partikolari, numru ta' ksur, mill-Kunsill, tal-obbligi tiegħu fir-rigward tad-dritt internazzjonali, minħabba li kien approva, permezz tad-Deċiżjoni 2012/497, l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni fit-territorju tas-Saħara tal-Punent (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 44).

33 Permezz tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-512/12, EU:T:2015:953), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni 2012/497 inkwantu kienet approvat l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni fis-Saħara tal-Punent, minħabba li l-Kunsill kien naqas mill-obbligu tiegħu li jeżamina, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2012/497, l-elementi kollha tal-każ inkwistjoni, billi ma vverifikax jekk il-kummerċ ta' prodotti li joriġinaw minn dan it-territorju esportati lejn l-Unjoni Ewropea kienx isir għad-detriment tal-popolazzjoni ta' dan it-territorju u kienx jinvolvi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 47 u 48).

34 Fid-19 ta' Frar 2016, il-Kunsill appella mis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-512/12, EU:T:2015:953).

35 Permezz tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, li ddeċidiet dwar l-appell tal-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-512/12, EU:T:2015:953), u ddikjarat ir-rikors tar-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali bħala inammissibbli.

36 F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet it-tieni aggravju tal-appell, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tal-*locus standi* tar-rikorrent u, b'mod iktar partikolari, l-ilment bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni kien japplika għas-Saħara tal-Punent (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 126).

37 Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, skont il-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni, applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, is-Saħara tal-Punent, territorju mhux awtonomu fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, għandu status separat u distint meta mqabbel ma' dak ta' kwalunkwe Stat ieħor, inkluż dak tar-Renju tal-Marokk. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kliem "territorju tar-Renju tal-Marokk" li jinsab fl-Artikolu 94 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma setax jiġi interpretat b'tali mod li s-Saħara tal-Punent jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-ftehim (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 86 sa 93).

38 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll li għandha tiġi kkunsidrata wkoll ir-regola konswetudinarja kkodifikata fl-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1155, p. 331, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna"), li tipprevedi li, sakemm ma tirriżultax intenzjoni differenti minn

trattat jew ma jkunx stabbilit mod ieħor, dan it-trattat jorbot lil kull parti kontraenti tiegħu fir-rigward tat-territorju kollu tiegħu. Hija kkonkludiet li din ir-regola konswetudinarja kienet tipprekludi wkoll li s-Saħara tal-Punent jkun ikkunsidrat bħala li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Madankollu, hija kkonstatat li minn din ir-regola konswetudinarja jirriżulta wkoll li trattat jista', bħala deroga, jorbot Stat fir-rigward ta' territorju ieħor jekk tali intenzjoni tirriżulta minn dan it-trattat jew jekk din tkun stabbilita mod ieħor (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 94 sa 98).

39 Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali tal-effett relattiv tat-trattati għandu wkoll jiġi kkunsidrat, peress li, bħala "terz" għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, fis-sens ta' dan il-prinċipju, il-poplu tas-Saħara tal-Punent seta' jkun affettwat bl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim f'każ ta' inklużjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u kellu jagħti l-kunsens tiegħu għal tali implimentazzjoni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova ta' tali kunsens, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-fatt li t-territorju tas-Saħara tal-Punent jiġi kkunsidrat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kien kuntrarju għall-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 100 sa 107).

40 Fir-raba' lok, filwaqt li kkonstatat li l-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala trattat suġġett għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni ma setax jinftiehem bħala li japplika għat-territorju tas-Saħara tal-Punent, b'tali mod li ma kienx neċessarju li tiġi inkluża klawżola li teskludi din l-applikazzjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prattika tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma setgħetx tikkontesta din l-analiżi, peress li dan kien ifisser li għandu jiġi kkunsidrat li l-Unjoni kellha l-intenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni b'mod inkompatibbli mal-prinċipji ta' awtodeterminazzjoni u tal-effett relattiv tat-trattati u għalhekk b'mod irrikonċiljabbli mal-prinċipju ta' eżekuzzjoni tat-trattati *in bona fide* (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 110 sa 125).

41 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod definittiv fuq it-tilwima. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li l-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni għandu jiġi interpretat, b'mod konformi mar-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, fis-sens li ma kienx japplika għat-territorju tas-Saħara tal-Punent, ir-rikorrent għandu jiġi kkunsidrat, fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-argumenti li invoka, bħala li ma għandux *locus standi* għall-annullament tad-Deċiżjoni 2012/497, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra ta' inammissibbiltà tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 128 sa 134).

2. Il-Kawża C-266/16

42 Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' April 2016, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (l-Ingilterra u Wales), Diviżjoni tal-Queen's Bench (il-Qorti Amministrattiva), ir-Renju Unit) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari li jirrigwardaw il-validità tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006, kif approvat u implimentat bir-Regolament Nru 764/2006, bid-Deċiżjoni 2013/785 u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013 tal-15 ta' Novembru 2013 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2013, L 328, p. 40) (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU:C:2018:118, punt 1, iktar 'il quddiem is-"sentenza Western Sahara Campaign UK").

43 Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, jekk il-fatt li l-isfruttament ta' riżorsi li joriġinaw mill-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent kien permess bil-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 u l-Protokoll tal-2013 kienx jagħmel invalidi r-Regolament Nru 764/2006, id-Deċiżjoni 2013/785 u r-Regolament Nru 1270/2013 fid-dawl tal-Artikolu 3(5) TUE. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, dik il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, jekk parti f'kawża li għandha *locus standi* taħt id-dritt nazzjonali, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, setgħetx tikkontesta l-validità ta' atti ta' konklużjoni u ta' implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ta' dan il-Protokoll, abbażi ta' allegat ksur tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Unjoni Ewropea (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 41, 54 u 86).

44 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, fil-punt 59 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mill-ewwel paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 jirriżulta li dan jikkonkretizza x-xewqa komuni tal-Unjoni u tar-Renju tal-Marokk li jsaħħu r-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni mill-qrib stabbiliti bejniethom, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u li, għal dan il-għan, il-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 jifforma parti minn qafas konvenzjonali fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Fid-dawl tal-eżistenza ta' dan il-qafas konvenzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hemm lok li l-kunċett ta' "territorju tal-Marokk", li jinsab fl-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Sħubija, jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunċett ta' "territorju tar-Renju tal-Marokk", li jinsab fl-Artikolu 94 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (sentenza Western Sahara Campaign UK, punt 61).

45 Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, kif irrilevat fis-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-kunċett ta' "territorju tar-Renju tal-Marokk" għandu jinftiehem li jirreferi għall-ispazju ġeografiku li fuqu r-Renju tal-Marokk jeżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tiegħu rrikonoxxuta lill-entitajiet sovrani mid-dritt internazzjonali, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe territorju ieħor, bħal dak tas-Saħara tal-Punent, u li l-inklużjoni ta' dan tal-aħħar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tikser il-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk. Minn dan hija kkonkludiet li t-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jaqax fil-kunċett ta' "territorju tal-Marokk", fis-sens tal-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 62 sa 64).

46 Fit-tieni lok, sabiex tinterpreta l-espressjoni "ibħra rilevanti [li jaqgħu] taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk", il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Artikolu 2(1) u mill-Artikoli 55 u 56 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, konkluża f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar"), jirriżulta li l-ibħra li fuqhom l-Istat kostali għandu sovranità jew ġurisdizzjoni huma limitati għall-ibħra li jmissu mat-territorju tiegħu u li jaqgħu fil-baħar territorjali tiegħu jew fiż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE). Konsegwentement, u fid-dawl tal-fatt li t-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jifformax parti mit-territorju tar-Renju tal-Marokk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jaqgħux fiż-żona ta' sajd Marokkina msemmija fl-Artikolu 2(a) tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 65 sa 69).

47 Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li jkun kuntrarju għall-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati li jiġu inklużi, bħala "ibħra rilevanti [li jaqgħu] taħt is-sovranità […] tar-Renju tal-Marokk" imsemmija fl-Artikolu 2(a) tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006, l-ilmijiet li jmissu direttament mal-kosta tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim (sentenza Western Sahara Campaign UK, punt 71).

48 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-espressjoni "ibħra rilevanti [li jaqgħu] taħt is-sovranità […] tar-Renju tal-Marokk" li tinsab fl-Artikolu 2(a) tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Kunsill u l-Kummissjoni pprevedew, b'mod partikolari, li r-Renju tal-Marokk ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala "awtorità amministrattiva *de facto*" jew awtorità okkupanti tat-territorju tas-Saħara tal-Punent u li tali klassifikazzjoni tista' tkun rilevanti sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, anki mingħajr il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk intenzjoni komuni possibbli tal-partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 li din l-espressjoni tingħata sens partikolari, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tali ċirkustanzi, kinitx konformi mar-regoli ta' dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni, tali intenzjoni komuni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi kkonstatata f'dan il-każ peress li r-Renju tal-Marokk kien kategorikament eskluda li huwa awtorità okkupanti jew awtorità amministrattiva tat-territorju tas-Saħara tal-Punent (sentenza Western Sahara Campaign UK, punt 72).

49 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Protokoll tal-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-espressjoni "żoni tas-sajd Marokkini" kienet użata kemm fil-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 kif ukoll fil-Protokoll tal-2013, u kienet tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom. Hija kkunsidrat li din l-espressjoni għandha tinftiehem li tirreferi għall-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew taħt il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk u li, konsegwentement, ma tinkludix l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 75 sa 79).

50 Fis-sitt lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-komunikazzjoni tal-koordinati ġeografiċi tal-linji ta' bażi u taż-żoni tas-sajd tar-Renju tal-Marokk, imsemmija mid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-2013, twettqet biss fis-16 ta' Lulju 2014. Peress li l-Protokoll tal-2013 daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2014, minn dan hija kkonkludiet li dawn il-koordinati ġeografiċi ma kinux jiffurmaw parti mit-test tiegħu, kif miftiehem bejn il-partijiet. Fi kwalunkwe każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk l-imsemmija koordinati ġeografiċi kienu ġew ikkomunikati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tal-2013, dawn ma setgħu bl-ebda mod iqajmu dubju dwar l-interpretazzjoni tal-espressjoni "żoni tas-sajd Marokkini" li hija użat fil-punt 79 tas-sentenza tagħha jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-protokoll b'mod li jinkludi fih l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 80 sa 82).

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għall-ewwel domanda preliminari fis-sens li, peress li la l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006, u lanqas il-Protokoll tal-2013 ma kienu applikabbli għall-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent, l-eżami tiegħu ma żvela ebda element ta' natura tali li jaffettwa l-validità tal-atti ta' konklużjoni ta' dawn il-ftehim fid-dawl tal-Artikolu 3(5) TUE. Fid-dawl ta' din ir-risposta għall-ewwel domanda, hija kkunsidrat li ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 85 u 87).

3. Id-digrieti fil-Kawżi T-180/14, T-275/18, T-376/18

52 Permezz tad-digrieti tad-19 ta' Lulju 2018, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-180/14, mhux ippubblikat, EU:T:2018:496), tat-30 ta' Novembru 2018, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-275/18, mhux ippubblikat, EU:T:2018:869), u tat-8 ta' Frar 2019, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-376/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:77), il-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli r-rikorsi tar-rikorrent kontra atti tal-Kunsill relatati mal-konklużjoni jew mal-emendi ta' ftehim internazzjonali differenti bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk.

53 B'mod partikolari, fl-ewwel żewġ digrieti ċċitati fil-punt 52 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq is-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrent, minħabba li l-ftehim ikkontestati ma kinux applikabbli għas-Saħara tal-Punent jew għall-ibħra li jmissu magħha (digrieti tad-19 ta' Lulju 2018, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-180/14, mhux ippubblikat, EU:T:2018:496, punti 69 sa 71, u tat-30 ta' Novembru 2018, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-275/18, mhux ippubblikat, EU:T:2018:869, punti 41 u 42).

54 Fit-tielet digriet iċċitat fil-punt 52 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' April 2018 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tal-Marokk għall-emenda tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk u l-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-imsemmi ftehim kienet intiża biss sabiex tinnomina n-negozjatur jew il-kap tal-grupp tan-negozjati tal-Unjoni u tagħtihom direzzjonijiet. Din kienet għalhekk att li jipproduċi effetti ġuridiċi biss fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din id-deċiżjoni ma kinitx tipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent u li dan għalhekk ma setax jiġi kkunsidrat bħala direttament ikkonċernat minn din id-deċiżjoni (digriet tat-8 ta' Frar 2019, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-376/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:77, punti 28 u 29).

D. Id-deċiżjoni kkontestata u l-ftehim ikkontestat

55 Wara s-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Kunsill, permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' April 2018, awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati mar-Renju tal-Marokk, sabiex jiġi emendat il-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 u, b'mod partikolari, sabiex jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent.

56 Fl-24 ta' Lulju 2018, fi tmiem dawn in-negozjati, ġew inizjalati Ftehim ta' sħubija ġdid fis-settur tas-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, Protokoll ġdid ta' implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, inkluż l-anness u l-appendiċi ta' dan il-Protokoll, u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-ftehim inkwistjoni.

57 Fl-14 ta' Jannar 2019, fi Brussell, l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk iffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-Sajd"), il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (iktar 'il quddiem il-"Protokoll ta' Implimentazzjoni") u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (iktar 'il quddiem l-"iskambju ta' ittri") (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"ftehim ikkontestat").

58 Fl-4 ta' Marzu 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/441, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU 2019, L 77, p. 4, iktar

’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”). L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ta’ din id-deċiżjoni jipprevedi: “Il-Ftehim [dwar is-Sajd], il-Protokoll ta’ Implimentazzjoni […] u l-iskambju ta’ ittri […] huma b’dan approvati f’isem l-Unjoni.”

59 Skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar is-Sajd, dan il-ftehim, il-Protokoll ta’ Implimentazzjoni u l-iskambju ta’ ittri daħlu fis-seħħ fit-18 ta’ Lulju 2019 (ĠU 2019, L 195, p. 1).

60 Fil-premessi 3 sa 5 u 7 sa 12 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill jindika:

“(3) Fis-sentenza tagħha fil-kawża C-266/16 b’risposta għal talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu, il-Qorti ddeċidiet li la l-Ftehim u lanqas il-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu ma japplikaw għall-ilmijiet li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent.

(4) L-Unjoni ma tippreġudikax l-eżitu tal-proċess politiku dwar l-istatus finali tas-Saħara tal-Punent li qed iseħħ taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, u hija rriaffermat b’mod kostanti l-impenn tagħha għal soluzzjoni tat-tilwim fis-Saħara tal-Punent, li bħalissa huwa elenkat min-Nazzjonijiet Uniti bħala territorju mhux awtonomu u li huwa amministrat prinċipalment mir-Renju tal-Marokk. Hija tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-mibgħut personali tiegħu biex jgħin lill-partijiet jaslu għal soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u aċċettabbli b’mod reċiproku, li tippermetti l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent bħala parti mill-arranġamenti konformi mal-finijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-[k]arta tan-Nazzjonijiet Uniti u kif stabbilit fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti […].

(5) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-flotot tal-Unjoni jkomplu bl-attivitajiet tas-sajd li ilhom iwettqu mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, u jenħtieġ li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-Ftehim jiġi ddefinit b’mod li jinkludi l-ilmijiet li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tas-sħubija dwar is-sajd hija essenzjali sabiex dak it-territorju jkun jista’ jkompli jgawdi mill-appoġġ settorjali pprovdut taħt il-Ftehim, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, u għall-benefiċċju tal-popolazzjoni kkonċernata.

[…]

(7) L-objettiv tal-Ftehim dwar is-Sajd huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Renju tal-Marokk jaħdmu flimkien aktar mill-qrib rigward il-promozzjoni ta’ politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd definita fil-Ftehim dwar is-Sajd u li jiġu appoġġati l-isforzi tar-Renju tal-Marokk biex jiżviluppa s-settur tas-sajd u l-ekonomija blu. B’dan il-mod il-Ftehim jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(8) Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt potenzjali tal-Ftehim dwar is-Sajd fuq l-iżvilupp sostenibbli, b’mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji għall-popolazzjoni kkonċernata u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati.

(9) Konformement ma’ dik l-evalwazzjoni, jidher li l-Ftehim dwar is-Sajd ikun ta’ benefiċċju kbir għall-popolazzjoni kkonċernata minħabba l-impatt soċjoekonomiku pożittiv għal dik il-popolazzjoni, b’mod partikolari f’termini ta’ impjiegi u ta’ investiment, u f’termini tal-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur tas-sajd u s-settur tal-ipproċessar tal-ħut.

(10) Bl-istess mod, jidher li l-Ftehim dwar is-Sajd jirrappreżenta l-aqwa garanzija għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent, peress li l-attivitajiet tas-sajd jikkonformaw mal-aqwa parir u rakkomandazzjonijiet xjentifiċi f'dan il-qasam u huma soġġetti għal miżuri xierqa ta' monitoraġġ u ta' kontroll.

(11) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ifformulati fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ħadet il-miżuri raġonevoli u possibbli kollha fil-kuntest attwali biex il-popolazzjoni kkonċernata tiġi involuta b'mod xieraq sabiex jiġi determinat il-kunsens tagħhom. Saru konsultazzjonijiet estensivi fis-Saħara tal-Punent u fir-Renju tal-Marokk, u l-atturi soċjoekonomiċi u politiċi li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet kienu b'mod ċar favur il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd. Madankollu, il-Front Polisario u xi partijiet oħra ma aċċettawx li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni.

(12) Dawk li ma aċċettawx li jieħdu sehem fil-proċess ma aċċettawx l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu għall-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent, għaliex ħassew essenzjalment li dawk l-atti jikkonfermaw il-pożizzjoni tal-Marokk fir-rigward tat-territorju tas-Saħara tal-Punent. Madankollu, mhemm xejn fit-termini tal-Ftehim dwar is-Sajd jew tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu li jimplika rikonoxximent tas-sovranità jew tad-drittijiet sovrani tar-Renju tal-Marokk fuq is-Saħara tal-Punent u l-ilmijiet li jmissu magħha. L-Unjoni ser tkompli wkoll tintensifika l-isforzi tagħha b'appoġġ għall-proċess, mibdi u mmexxi taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim."

61 Skont l-Artikolu 1(h) tal-Ftehim dwar is-Sajd, għall-finijiet ta' dan il-ftehim, "żona tas-sajd" għandha tfisser "l-ilmijiet tal-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant li jinsabu bejn il-paralleli 35°47'18" fit-Tramuntana u 20°46'13" fit-Tramuntana, inkluż l-ilmijiet tal-madwar [fi]s-Saħara tal-Punent li jkopru ż-żoni kollha ta' ġestjoni". Huwa wkoll spjegat li "din id-definizzjoni ma għandhiex taffettwa n-negozjati possibbli dwar id-demarkazzjoni taż-żoni marittimi tal-Istati kostali li jikkonfinaw maż-żona tas-sajd u, b'mod ġenerali, id-drittijiet ta' Stati terzi".

62 L-Artikolu 6(1) tal-Ftehim dwar is-Sajd jistipula: "Biex jiġi ġġarantit qafas regolatorju għas-sajd sostenibbli, il-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Marokk li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd f'dik iż-żona, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim […]."

63 L-Artikolu 12(1) sa (4) tal-Ftehim dwar is-Sajd jistipula:

"1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja hija definita fil-Protokoll.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

a) kumpens finanzjarju mogħti mill-Unjoni għall-aċċess mill-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd;

b) l-imposti li għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni;

c) appoġġ settorjali mogħti mill-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli u governanza tal-oċeani, soġġett għall-programmazzjoni annwali u pluriennali.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni għandha titħallas kull sena skont il-Protokoll.

4. Il-Partijiet għandhom jeżaminaw l-allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-benefiċċji soċjoekonomiċi li jirriżultaw minn dan il-Ftehim, b'mod partikolari f'termini ta' infrastruttura, servizzi soċjali bażiċi, twaqqif ta' negozji, taħriġ vokazzjonali, u proġetti ta' żvilupp u ta' modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd, sabiex jiġi żgurat li din l-allokazzjoni tkun ta' benefiċċju għall-persuni kkonċernati b'mod proporzjonali mal-attivitajiet tas-sajd."

64 L-Artikolu 13(1) tal-Ftehim dwar is-Sajd jistipula: "Għandu jiġi stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-[p]artijiet. Dan il-Kumitat għandu jkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u jista' jemenda l-Protokoll."

65 L-Artikolu 14 tal-Ftehim dwar is-Sajd jistipula: "Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorji fejn japplikaw, minn naħa t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u min-naħa l-oħra il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dan il-Ftehim."

66 L-Artikolu 16 tal-Ftehim dwar is-Sajd jistipula: "Il-Protokoll [ta' Implimentazzjoni] u l-iskambju ta' ittri […] għandhom ikunu parti integrali ta' dan il-Ftehim […]."

67 L-Artikolu 6(1) u (2) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni jistipula:

"1. Il-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-imposti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim dwar is-Sajd għandhom ikunu soġġetti għal allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-benefiċċji soċjoekonomiċi sabiex jiġi żgurat li l-kumpens ikun ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali kkonċernati, skont l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim dwar is-Sajd.

2. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet tar-Renju tal-Marokk għandhom jippreżentaw metodu li jwassal għall-allokazzjoni ġeografika u soċjali msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll kriterju tal-allokazzjoni tal-ammonti li għandhom jiġu allokati, li għandhom jiġu eżaminati mill-Kumitat Konġunt."

68 L-Artikolu 7(1) u (2) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni jistipula:

"1. L-appoġġ settorjali msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim dwar is-Sajd se jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd.

2. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel fuq programm settorjali pluriennali u fuq arranġamenti ta' implimentazzjoni dettaljati li jkopru b'mod partikolari:

a) linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-ammont speċifiku mogħti bħala appoġġ settorjali skont l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim dwar is-Sajd;

[…]".

69 Id-dokumenti tekniċi tas-sajd nri 3 sa 6 li jinsabu fl-appendiċi 2 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni jsemmu, bħala limitu fin-Nofsinhar taż-żona ta' ġestjoni korrispondenti, il-latitudni 20°46'13''. Id-dokument tekniku tas-sajd nru 6, dwar is-sajd pelaġiku industrijali bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku jew semipelaġiku u bit-tartarun tal-borża, jirreferi għall-bastimenti bl-imħażen kesħin (bastimenti tat-tkarkir u bastimenti tas-sajd bit-tartarun), li jiżbarkaw fil-port ta' Dakhla.

70 L-iskambju ta' ittri jindika, fit-tieni paragrafu tiegħu:

"Wara n-negozjati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li:

1. Fir-rigward tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, il-Partijiet itennu l-appoġġ tagħhom għall-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti u l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali biex tinkiseb soluzzjoni politika definittiva, skont il-prinċipji u l-għanijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u abbażi tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

2. Il-Ftehim dwar is-Sajd huwa konkluż mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi:

– għall-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-istatut tat-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent, fejn l-ilmijiet tal-madwar huma koperti miż-żona tas-sajd kif definita fil-punt (h) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar is-Sajd, u tad-dritt tagħha għall-awtodeterminazzjoni, kull referenza fil-Ftehim dwar is-Sajd għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Marokk ma tippreġudikax il-pożizzjoni tagħha;

– għar-Renju tal-Marokk, ir-reġjun tas-Saħara huwa parti integrali tat-territorju nazzjonali li fuqu jeżerċita sovranità sħiħa bħal fuq il-bqija tat-territorju nazzjonali. Il-Marokk iqis li kull soluzzjoni għal din it-tilwima reġjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-inizjattiva tiegħu ta' awtonomija."

E. Ir-regolament ikkontestat

71 Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU 2019, L 77, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"). Skont l-Artikolu 2 tiegħu, dan ir-regolament daħal fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li saret, fl-istess jum mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fl-20 ta' Marzu 2019.

72 L-Artikolu 1(1) tar-regolament ikkontestat jalloka l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bis-saħħa tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni kif ġej:

Kategorija ta' sajd	Tip ta' bastiment	Stat Membru	Liċenzji jew kwota
Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana, speċijiet pelaġiċi	Bastimenti tas-sajd bit-tartaruni < 150 tunnellaġġ gross (TG)	Spanja	22
Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ < 40 TG	Spanja	25
		Il-Portugall	7
	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ ≥ 40 TG < 150 TG	Il-Portugall	3
Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar	Qasba u xlief < 150 TG kull bastiment Total ≤ 800 TG	Spanja	10
Sajd tal-qiegħ	Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ, ≤ 150 TG	Spanja	7
		Il-Portugall	4
	Bastimenti tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir ≤ 750 TG Total ≤ 3 000 TG	Spanja	5
		L-Italja	0
Sajd għat-tonn	Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	Spanja	23
		Franza	4

Pelaġiku industrijali	85 000 tunnellata (t) għall-ewwel sena 90 000 t għat-tieni sena 100 000 t għat-tielet u r-raba' sena Allokazzjoni tal-bastimenti awtorizzati li jistadu: 10 bastimenti ≥ 3 000 TG u < 7 765 TG 4 bastimenti ≥ 150 u < 3 000 TG 4 bastimenti < 150 TG	L-ewwel sena: 85 000 t	
		Il-Ġermanja	6 871.2 t
		Il-Litwanja	21 986.3 t
		Il-Latvja	12 367.5 t
		Il-Pajjiżi l-Baxxi	26 102.4 t
		L-Irlanda	3 099.3 t
		Il-Polonja	4 807.8 t
		Ir-Renju Unit	4 807.8 t
		Spanja	496.2 t
		Il-Portugall	1 652.2 t
		Franza	2 809.3 t
		It-tieni sena: 90 000 t	
		Il-Ġermanja	7 275.4 t
		Il-Litwanja	23 279.6 t
		Il-Latvja	13 095.0 t
		Il-Pajjiżi l-Baxxi	27 637.9 t
		L-Irlanda	3 281.6 t
		Il-Polonja	5 090.6 t
		Ir-Renju Unit	5 090.6 t
		Spanja	525.4 t
		Il-Portugall	1 749.4 t
		Franza	2 974.5 t
		It-tielet u r-raba' sena: 100 000 t	
		Il-Ġermanja	8 083.8 t
		Il-Litwanja	25 866.3 t
		Il-Latvja	14 550.0 t
		Il-Pajjiżi l-Baxxi	30 708.8 t
		L-Irlanda	3 646.3 t
		Il-Polonja	5 656.3 t
		Ir-Renju Unit	5 656.3 t
		Spanja	583.8 t
		Il-Portugall	1 943.8 t
		Franza	3 305.0 t

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

73 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 u fit-12 ta' Ġunju 2019 rispettivament, ir-rikorrent ippreżenta dawn ir-rikorsi, irreġistrati, wieħed minnhom, bin-numru T-344/19 u, l-ieħor, bin-numru T-356/19.

74 Il-Kunsill ippreżenta r-risposti tiegħu fid-19 (Kawża T-344/19) u fl-20 ta' Settembru 2019 (Kawża T-356/19) rispettivament.

75 Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2019, peress li l-kompożizzjoni tal-Awli ġiet mibdula, skont l-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lid-disa' Awla tal-Qorti Ġenerali, li konsegwentement, lilha ġew assenjati dawn il-kawżi.

76 Fit-8 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent ippreżenta r-replika fil-Kawża T-344/19. Huwa ma ppreżentax replika fit-termini mogħtija fil-Kawża T-356/19.

77 Permezz ta' deċiżjonijiet tat-13 ta' Novembru 2019, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali, laqa' t-talbiet għal intervent insostenn tal-Kunsill ippreżentati mir-Renju ta' Spanja, mir-Repubblika Franċiża u mill-Kummissjoni fiż-żewġ kawżi.

78 Permezz ta' digriet tal-10 ta' Diċembru 2019, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-344/19, mhux ippubblikat, EU:T:2019:862), il-President tad-Disa' Awla laqa' t-talba għal intervent insostenn tal-Kunsill, ippreżentata fil-Kawża T-344/19 mill-Kmamar tas-Sajd Marittimu Marokkini, jiġifieri l-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Mediterran, il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tat-Tramuntana, il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku Ċentrali u l-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien, il-"KSMM").

79 Fit-8 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat in-noti ta' intervent tagħha. Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Franċiża ppreżentaw dawk tagħhom fid-9 ta' Jannar 2020.

80 Fid-9 ta' Jannar 2020, il-Kunsill ippreżenta l-kontroreplika fil-Kawża T-344/19.

81 Fl-4 ta' Marzu 2020, il-KSMM ippreżentaw in-noti ta' intervent tagħhom fil-Kawża T-344/19.

82 Fid-9 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, minn naħa waħda, fuq in-noti ta' intervent tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża u tal-Kummissjoni fil-Kawża T-344/19 u, min-naħa l-oħra, fuq dawk tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Franċiża fil-Kawża T-356/19. Fl-20 ta' Ġunju 2020, huwa ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq in-nota ta' intervent tal-KSMM fil-Kawża T-344/19.

83 Ma tressqet l-ebda talba għall-organizzazzjoni ta' seduta għat-trattazzjoni fit-termini mogħtija fil-Kawża T-356/19. Fit-22 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent talab li ssir udjenza fil-Kawża T-344/19.

84 Fit-23 ta' Novembru 2020, fuq proposta tad-Disa' Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża lil kulleġġ ġudikanti estiż.

85 Fid-9 ta' Diċembru 2020, abbażi tal-Artikolu 106(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura. Barra minn hekk, hija stiednet lill-partijiet sabiex jieħdu pożizzjoni dwar l-għaqda tal-kawżi għall-finijiet tal-fażi orali u tad-deċiżjoni li tikkonkludi din l-istanza.

86 Permezz ta' żewġ miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura fil-Kawża T-344/19 tat-18 ta' Diċembru 2020, il-Qorti Ġenerali, minn naħa waħda, għamlet mistoqsijiet sabiex tingħata tweġiba bil-miktub u stiednet lir-rikorrent, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jagħtuha informazzjoni supplimentari u, min-naħa l-oħra, stiednet lill-partijiet sabiex jispjegaw, waqt is-seduta, il-pożizzjoni tagħhom fuq ċerti kwistjonijiet ta' prinċipju rilevanti għat-tilwima f'din il-kawża.

87 Fil-25 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent, il-Kunsill u l-Kummissjoni ppreżentaw it-tweġibiet tagħhom bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali u taw l-informazzjoni mitluba. Il-partijiet prinċipali ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għaqda tal-kawżi fil-25 ta' Jannar 2021.

88 Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2021, il-President tad-Disa' Awla estiża tal-Qorti Ġenerali għaqqad il-kawżi għall-finijiet tal-fażi orali tal-proċedura u tad-deċiżjoni li tikkonkludi din l-istanza.

89 Fil-25 ta' Frar 2021, abbażi tal-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikorrent ipproduċa prova ġodda. Il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwarhom fit-12 ta' Marzu 2021, filwaqt li l-Kunsill u l-KSMM ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-15 ta' Marzu 2021.

90 Is-seduta għat-trattazzjoni saret fit-3 ta' Marzu 2021. Waqt is-seduta, il-Qorti Ġenerali stiednet lir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni sabiex jagħtu ċerti spjegazzjonijiet fattwali bil-miktub.

91 Fid-9 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet talba sabiex il-Qorti Ġenerali, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, iżomm l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata, f'każ li din tiġi annullata, sa data ulterjuri jew, f'każ ta' appell, sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwarha.

92 Ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni rrispondew, fl-10 u fit-12 ta' Marzu 2021 rispettivament, għat-talbiet ta' spjegazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent spontanjament ippreżenta provi ġodda bħala risposta għal din it-talba fit-12 ta' Marzu 2021. Ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet fuq dawn il-provi fil-25 ta' Marzu 2021, filwaqt li l-Kunsill u l-KSMM ippreżentaw tagħhom f'dan ir-rigward, fid-29 ta' Marzu u fit-2 ta' April 2021 rispettivament. Barra minn hekk, ir-Renju ta' Spanja u l-Kunsill ippreżentaw, fil-25 u fid-29 ta' Marzu 2021 rispettivament, osservazzjonijiet fuq it-talba tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 91 iktar 'il fuq, filwaqt li r-rikorrent u r-Repubblika Franċiża ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din it-talba fit-2 ta' April 2021. L-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura ġie ddikjarat fid-9 ta' April 2021 u l-kawżi ntbagħtu għad-deliberazzjoni.

93 Wara l-mewt tal-Imħallef Berke fl-1 ta' Awwissu 2021, it-tliet Imħallfin li qegħdin jiffirmaw din is-sentenza komplew bid-deliberazzjonijiet, skont l-Artikolu 22 u l-Artikolu 24(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

94 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– fil-Kawża T-344/19, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– fil-Kawża T-356/19, f'każ li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li r-regolament ikkontestat jikkostitwixxi miżura intermedja li tostakola l-involviment dirett tiegħu mid-deċiżjoni kkontestata, tannulla dan ir-regolament;

– tikkundanna lill-Kunsill u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

95 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikorsi;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

96 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikorsi;

– tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

97 Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikorsi.

98 Il-Kummissjoni tindika li ssostni t-talbiet tal-Kunsill. Barra minn hekk, fil-Kawża T-344/19, hija titlob lill-Qorti Ġenerali sabiex iżomm l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata, f'każ li tiġi annullata, sa data ulterjuri jew, f'każ ta' appell, sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwarha.

99 Fil-Kawża T-344/19, il-KSMM jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

A. Fuq ir-rikors fil-Kawża T-344/19

100 Permezz tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-344/19, ir-rikorrent, li jiddikjara li qiegħed jaġixxi "għan-nom tal-poplu tas-Saħara tal-Punent", jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba li, essenzjalment, meta approva l-ftehim ikkontestat mingħajr il-kunsens ta' dan il-poplu, il-Kunsill naqas milli jwettaq l-obbligi li kienu jaqgħu fuq l-Unjoni fil-qafas tar-relazzjonijiet tagħha mar-Renju tal-Marokk, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt internazzjonali. Fil-fatt, ir-rikorrent isostni li dan il-ftehim japplika għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha, jipprevedi l-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u huwa favur il-politika ta' annessjoni ta' dan it-territorju minn dan l-Istat

terz. B'mod partikolari, ir-rikorrent isostni li l-konklużjoni ta' dan il-ftehim ma hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, li teskludi tali applikazzjoni territorjali.

101 Mingħajr ma ppreżenta b'mod formali eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kunsill, sostnut mir-Renju ta' Spanja, mir-Repubblika Franċiża, mill-Kummissjoni u mill-KSMM, iqajjem, prinċiparjament, żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà kontra dan ir-rikors, ibbażati, minn naħa waħda, fuq in-nuqqas ta' *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni, u min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' *locus standi* tiegħu fil-konfront tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, fil-qafas ta' dawn l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà, il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Franċiża, mill-Kummissjoni u mil-KSMM, jikkontesta l-portata u l-esklużività tar-rwol li allegatament għandu r-rikorrent fil-konfront tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, il-KSMM, min-naħa tagħhom, jikkontestaw il-validità tal-mandat li r-rikorrent ta lill-avukat tiegħu. B'mod sussidjarju, il-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM jitolbu li l-argument tar-rikorrent dwar il-mertu jiġi miċħud. B'mod partikolari, il-Kunsill, sostnut mir-Renju ta' Spanja u mir-Repubblika Franċiża, isostni, essenzjalment, li, meta approva l-Ftehim dwar is-Sajd, huwa kkonforma ruħu mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa tagħhom, il-Kummissjoni u l-KSMM, filwaqt li aċċettaw dan l-argument, jikkunsidraw, fi kwalunkwe każ, li din il-ġurisprudenza ma hijiex rilevanti għall-eżami tar-rikors, b'mod partikolari, minħabba l-fatt li hija relatata mal-interpretazzjoni tal-ftehim konklużi mill-Unjoni mar-Renju tal-Marokk u mhux mal-validità tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM jikkunsidraw li l-prinċipji tad-dritt internazzjonali li fuqhom ir-rikorrent jibbaża l-argument tiegħu ma jistgħux jiġu invokati.

102 Preliminarjament, minn naħa waħda, hemm lok li jiġi rrilevat li dan ir-rikors huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu din wasslet għall-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni u tal-iskambju ta' ittri, b'dawn l-aħħar żewġ strumenti jiffurmaw parti integrali tal-imsemmi Ftehim dwar is-Sajd, skont l-Artikolu 16 tiegħu.

103 Min-naħa l-oħra, b'sentenza bid-data tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217 tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2019, L 34, p. 1). Kif jirriżulta mill-motivi ta' dik is-sentenza, fil-Kawża T-279/19, il-motivi tar-rikors u l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà, tal-Kunsill, il-konvenut sostnut, b'mod partikolari, mir-Repubblika Franċiża u mill-Kummissjoni, jistrieħu, fil-parti l-kbira tagħhom, fuq l-istess bażijiet legali u l-istess argumenti bħall-motivi u l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ser teżamina, jekk meħtieġ, dawn tal-aħħar fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-imsemmija sentenza.

1. Fuq l-ammissibbiltà ta' wħud mill-annessi tar-replika

104 Fil-kontroreplika, il-Kunsill jikkontesta, abbażi tal-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura, l-ammissibbiltà tal-annessi C.1 sa C.3, C.5, C.6, C.8, C.9, C.12, C.14, C.15, C.17, C.21, C.22, C.24 sa C.40 u C.42 sa C.53, minħabba li s-sottomissjoni tardiva ta' dawn il-provi ma kinitx iġġustifikata. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda insostenn tal-argumenti tagħhom anki fir-replika u fil-kontroreplika, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex

dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw fid-dawl tal-Artikolu 92(7) tal-imsemmija regoli, li jipprevedi espressament li l-produzzjoni tal-prova kuntrarja u l-amplifikazzjoni tal-provi proposti għandhom jibqgħu rriżervati. Konsegwentement, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, il-prova kuntrarja u l-amplifikazzjoni tal-provi proposti prodotti wara prova kuntrarja tal-parti avversarja ma humiex koperti mir-regola dwar id-dekadenza prevista fl-Artikolu 85(2) imsemmi iktar 'il fuq (ara s-sentenza tat-18 ta' Settembru 2017, Uganda Commercial Impex vs Il-Kunsill, T-107/15 u T-347/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:628, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta minn partijiet tar-replika li jirreferu għalihom, il-provi li jinsabu fl-annessi kkontestati mill-Kunsill jippermettu li tingħata risposta għall-argumenti li permezz tagħhom dan tal-aħħar, fir-risposta, isostni, minn naħa waħda, il-validità tal-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex jinkiseb il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' *locus standi in judicio* u ta' *locus standi* tar-rikorrent. Għaldaqstant, ir-regola dwar id-dekadenza prevista fl-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura ma għandhiex tapplika għal dawn il-provi li għalhekk huma ammissibbli. Minn dawn isegwi li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill fil-konfront tagħhom għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

106 Qabel wieħed jipproċedi għall-eżami tal-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà tal-Kunsill u tad-dubji espressi mil-KSMM, għandu jiġi rrilevat li s-suġġett ta' dan ir-rikors iqajjem kwistjonijiet oħra ta' ammissibbiltà, li hija l-Qorti Ġenerali li għandha tiddeċiedi dwarhom *ex officio*. Dawn il-kwistjonijiet huma relatati, minn naħa waħda, mal-premessa li fuqha r-rikorrent jibbaża l-*locus standi* tiegħu, jiġifieri li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat jinkludi s-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha u, min-naħa l-oħra, il-portata tat-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

a) Fuq il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat

107 Mill-motivi u mill-argumenti ppreżentati fir-rikors jirriżulta li dan ir-rikors huwa bbażat fuq il-premessa li l-ftehim ikkontestat japplika għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu. B'mod partikolari, fuq il-livell tal-ammissibbiltà tar-rikors, ir-rikorrent jibbaża ruħu fuq il-fatt allegat li, bħala rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, huwa affettwat direttament u individwalment mid-deċiżjoni kkontestata minħabba din l-applikazzjoni territorjali tal-imsemmi ftehim.

108 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat, b'mod preliminari, jekk il-premessa li fuqha r-rikorrent jibbaża l-*locus standi* tiegħu fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata hijiex korretta.

109 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, skont il-kliem tal-Artikolu 1(h) tal-Ftehim dwar is-Sajd, iż-żona tas-sajd, għall-finijiet ta' dan il-ftehim, tikkonċerna "ilmijiet tal-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant li jinsabu bejn il-paralleli 35°47'18" fit-Tramuntana u 20°46'13" fit-Tramuntana, inkluż l-ilmijiet tal-madwar [fi]s-Saħara tal-Punent", mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' Stati terzi, b'mod partikolari, tal-Istati kostali ġirien tal-imsemmija żona tas-sajd (ara l-punt 61 iktar 'il fuq).

110 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 69 iktar ’il fuq, id-dokumenti tekniċi tas-sajd nri 3 sa 6, li jinsabu fl-appendiċi 2 tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni, isemmu, bħala limitu fin-Nofsinhar taż-żona ta’ ġestjoni koperta b’dawn id-dokumenti, il-latitudni 20°46’13’’ u d-dokument tekniku tas-sajd nru 6 jirreferi għall-bastimenti li jiżbarkaw fil-port ta’ Dakhla, li jinsab fis-Saħara tal-Punent.

111 Minn dawn id-dispożizzjonijiet huwa dedott li l-koordinati ġeografiċi hemm imsemmija jkopru kemm l-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk kif ukoll l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent, kif juru, fuq kollox, il-mapep imsemmija fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:1) u fil-punti 66 sa 69 ta’ dawn il-konklużjonijiet. Fil-qafas ta’ tweġiba bil-miktub għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kkonfermat li d-delimitazzjoni taż-żoni ta’ sajd li jinsabu f’dawn il-mapep tikkorrispondi, essenzjalment, mal-limitazzjonijiet taż-żoni ta’ ġestjoni koperti mid-dokumenti tekniċi msemmija fil-punt 110 iktar ’il fuq.

112 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 12 tal-Ftehim dwar is-Sajd, minn naħa waħda, jipprevedi li għandha titħallas “kontribuzzjoni finanzjarja”, li tinkludi, b’mod partikolari, skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-artikolu, “appoġġ settorjali mogħti mill-Unjoni”, u, min-naħa l-oħra, jimponi fuq il-partijiet għal dan il-ftehim, permezz tal-paragrafu 4 tiegħu, l-obbligu li jeżaminaw “l-allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-benefiċċji soċjoekonomiċi li jirriżultaw minn dan il-Ftehim” “sabiex jiġi żgurat li din l-allokazzjoni tkun ta’ benefiċċju għall-persuni kkonċernati b’mod proporzjonali mal-attivitajiet tas-sajd” (ara l-punt 63 iktar ’il fuq).

113 Id-dispożizzjonijiet imfakkra fil-punt 112 iktar ’il fuq huma spjegati, b’mod partikolari, mill-Artikoli 6 u 7 tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni. L-Artikolu 6(2) ta’ dan il-protokoll jipprevedi, b’mod partikolari, li l-awtoritajiet tar-Renju tal-Marokk għandhom jippreżentaw il-metodu li jwassal għall-allokazzjoni ġeografika u soċjali tal-vantaġġi soċjo-ekonomiċi inkwistjoni kif ukoll il-kriterju tal-allokazzjoni tal-ammonti li għandhom jiġu allokati, li għandhom jiġu eżaminati mill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll jipprevedi li dan il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel, sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll, fuq programm settorjali pluriennali u fuq l-arranġamenti ta’ implimentazzjoni ddettaljati tiegħu.

114 Fit-tielet lok, skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim dwar is-Sajd intitolat “Żona ta’ applikazzjoni”, il-Ftehim dwar is-Sajd għandu japplika għat-territorji fejn japplikaw, minn naħa waħda, it-Trattat UE u t-Trattat FUE, u min-naħa l-oħra, “il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 6(1) ta’ dan il-Ftehim”, jiġifieri skont dan l-aħħar artikolu, il-liġijiet u r-regolamenti Marokkini li huma applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd (ara l-punti 62 u 65 iktar ’il fuq).

115 Fir-raba’ lok, it-tieni sentenza tal-paragrafu 1 tal-iskambju ta’ ittri tispjega li, “[f]ir-rigward tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent”, l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk “itennu l-appoġġ tagħhom għall-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti”. It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-iskambju ta’ ittri jispjega li “[l]-Ftehim dwar is-Sajd mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi [tagħhom]”, “għall-Unjoni […], fir-rigward tal-istatut tat-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent” u, “għar-Renju tal-Marokk, [fuq] ir-reġjun tas-Saħara [bħala] parti integrali tat-territorju nazzjonali li fuqu jeżerċita sovranità sħiħa” (ara l-punt 70 iktar ’il fuq).

116 Fil-ħames lok, mill-premessi 3 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b’mod espliċitu (ara l-punt 60 iktar ’il fuq) li, wara l-għoti tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, li permezz tagħha “l-Qorti ddeċidiet li la l-Ftehim [dwar is-Sajd tal-2006] u lanqas il-Protokoll [tal-2013] ma

japplikaw għall-ilmijiet li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent", il-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat kienet intiża sabiex tippermetti li l-"flotot tal-Unjoni" "jkomplu bl-attivitajiet tas-sajd li ilhom iwettqu", sabiex "tinkludi [fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim]" l-imsemmija ilmijiet u tippermetti, permezz tal-"kontinwazzjoni tas-sħubija dwar is-sajd", li "dak it-territorju" "jkompli jgawdi mill-appoġġ settorjali pprovdut taħt il-Ftehim, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, u għall-benefiċċju tal-popolazzjoni kkonċernata".

117 Konsegwentement, minn naħa waħda, mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim ikkontestat meħuda kollha flimkien kif ukoll mill-premessi tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod espress li l-għan ta' dan il-ftehim, ikkonfermat mill-intenzjoni tal-partijiet għalih, huwa li jippermetti lill-flotot tas-sajd tal-Unjoni jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd tagħhom f'perimetru li jinkludi kemm l-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk kif ukoll l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Min-naħa l-oħra, minnhom jirriżulta wkoll li dan il-ftehim japplika kemm għat-territorju tar-Renju tal-Marokk kif ukoll għal dak tas-Saħara tal-Punent, tal-inqas għall-parti minn dan it-territorju kkontrollat minn dan l-Istat terz, li fuqu, skont l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim dwar is-Sajd, il-"liġijiet u r-regolamenti" Marokkini "għandhom japplikaw". B'mod partikolari, l-istess japplika fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kumpens finanzjarju, li jinkludi l-appoġġ settorjali u li minnu l-"popolazzjonijiet" ta' dan it-territorju jistgħu jibbenefikaw b'mod proporzjonali mal-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra li jmissu miegħu.

118 Din l-analiżi ma hijiex ikkontestata mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-kamp ta' applikazzjoni, minn naħa waħda, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Ftehim ta' Liberalizzazzjoni fil-punti 86 sa 126 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario u, min-naħa l-oħra, tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 u tal-Protokoll tal-2013 fil-punti 59 sa 82 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK (ara l-punti 36 sa 40 u 44 sa 51 iktar 'il fuq).

119 Fil-fatt, mill-punti 86 sa 126 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario u mill-punti 59 sa 82 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK jirriżulta li ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk konkluż fil-qafas konvenzjonali magħmul mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma jistax jiġi interpretat bħala li jinkludi, b'mod impliċitu, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu, kif iddefinit fl-Artikolu 94 ta' dan l-aħħar ftehim, it-territorju tas-Saħara tal-Punent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 187). Barra minn hekk, mill-punti 73 u 79 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK jirriżulta li Ftehim dwar is-Sajd bejn dawn iż-żewġ partijiet u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu konkluż f'dan il-qafas, li jirreferu għaż-"żona tas-sajd Marokkina", iddefinita bħala li tirreferi għall-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk, ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jinkludu fl-imsemmija żona ta' sajd Marokkina l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

120 Għall-kuntrarju, fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar il-konsegwenzi li jeħtieġ li jiġu misluta minn dikjarazzjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li tipprevedi b'mod espress li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kien jestendi għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha. B'mod partikolari, kif jirrilevaw il-Kummissjoni u r-Repubblika Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx, bħala regola, li tali inklużjoni espliċita ta' dan it-territorju u ta' dawn l-ibħra mill-imsemmi kamp ta' applikazzjoni hija valida (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 187 u 188).

121 Barra minn hekk, ir-rekwiżit li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 31(3)(c) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, li d-dispożizzjonijiet ta' trattat għandhom jiġu interpretati billi tiġi kkunsidrata kull regola ta' dritt internazzjonali applikabbli bejn il-partijiet, ma jistax iservi bħala bażi għal

interpretazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet li tmur kontra l-kliem tagħhom, meta s-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa ċar u li barra minn hekk huwa stabbilit li dan is-sens jikkorrispondi ma' dak li l-partijiet għat-trattat kellhom il-ħsieb li jagħtuhom. Fil-fatt, barra mill-fatt li l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit għandha tkun kompatibbli mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 31(1) tal-imsemmija konvenzjoni, li trattat għandu jiġi interpretat *in bona fide* skont is-sens normali li għandu jingħata lill-kliem tat-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tiegħu, din l-implimentazzjoni ma għandux ikollha l-konsegwenza li tibdel is-sustanza tad-drittijiet u tal-obbligi li dwarhom l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk qablu b'mod reċiproku fil-qafas tal-ftehim ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 190 sa 192).

122 Sa fejn il-ftehim ikkontestat għandu l-għan, b'mod partikolari, li jagħti qafas ġuridiku għall-inklużjoni tal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent fiż-żona tas-sajd awtorizzata għall-bastimenti tal-Unjoni u, b'mod korollarju, għall-applikazzjoni għat-territorju tagħha tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni b'mod proporzjonali mal-attivitajiet ta' dawn il-bastimenti, minn dan għandu neċessarjament jiġi konklużż li, b'dan il-ftehim, il-partijiet riedu jidderogaw mill-Artikolu 94 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni inkwantu l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tas-sistema ġuridika applikabbli għal dawn l-attivitajiet u għal din il-kontribuzzjoni huwa kkonċernat. Fil-fatt, dan l-artikolu jillimita, f'dak li jirrigwarda r-Renju tal-Marokk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għat-territorju ta' dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 189).

123 Il-premessa li fuqha r-rikorrent jibbaża l-*locus standi* tiegħu fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri li d-deċiżjoni kkontestata tapprova ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li japplika b'mod espliċitu għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu, hija għalhekk korretta.

b) Fuq il-portata tat-talbiet għall-annullament

124 Il-Qorti Ġenerali tirrileva li, fil-qafas ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent jikkontesta, permezz tal-motivi u l-argumenti tiegħu, il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata sempliċement minħabba li hija tapprova l-applikazzjoni għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu tal-ftehim ikkontestat, kif ikkonferma r-rikorrent, essenzjalment, waqt is-seduta bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar dan is-suġġett. B'hekk, permezz ta' dawn il-motivi u argumenti, ir-rikorrent ma għandux l-intenzjoni jikkontesta l-legalità tal-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti għat-territorju tar-Renju tal-Marokk jew għall-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat terz, liema applikazzjoni għalhekk ma hijiex ikkontestata fil-qafas ta' din il-kawża.

125 Madankollu, mill-kliem tar-rikors, b'mod partikolari mill-partijiet ta' introduzzjoni u ta' konklużjoni tiegħu, jirriżulta li fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma jillimita b'mod espliċitu l-portata ta' dan l-annullament għall-approvazzjoni, permezz ta' din id-deċiżjoni, tal-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha.

126 Mistoqsi waqt is-seduta dwar il-kwistjoni tal-portata tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent indika li r-rikors tiegħu kien intiż, prinċiparjament, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu kienet tapprova l-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha u, b'mod sussidjarju, jekk il-Qorti Ġenerali jkollha tikkunsidra li din l-applikazzjoni territorjali ma hijiex separabbli mill-imsemmi ftehim kollu, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi.

127 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħhom ikunu separabbli mill-kumplament tal-att. F'dan ir-rigward, ġie repetutament deċiż dan ir-rekwiżit ma jkunx issodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbiddel is-sustanza tiegħu. Barra minn hekk, il-verifika tan-natura separabbli tal-elementi ta' att tal-Unjoni jippreżupponi l-eżami tal-portata tagħhom, sabiex jiġi evalwat jekk annullament ta' dawn l-elementi jibdilx l-ispirtu u s-sustanza ta' dan l-att (ara s-sentenza tas-9 ta' Novembru 2017, SolarWorld vs Il-Kunsill, C-204/16 P, EU:C:2017:838, punti 36 u 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

128 Kif jirriżulta mill-punti 109 sa 117 iktar 'il fuq, bid-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill, għan-nom tal-Unjoni, esprima l-kunsens ta' din tal-aħħar għall-ftehim mar-Renju tal-Marokk li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw mingħajr distinzjoni, minn naħa waħda, għat-territorju ta' dan il-pajjiż terz u għall-ibħra li jaqgħu fis-sovranità u fil-ġurisdizzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha. B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Ftehim dwar is-Sajd jinkludi b'mod espliċitu dawn l-aħħar ibħra fiż-żona tas-sajd, id-definizzjoni tagħha kif ukoll ta' dawk taż-żoni ta' ġestjoni msemmija fid-dokumenti tekniċi fl-appendiċi 2 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni ma jimplikawx delimitazzjoni tal-attivitajiet ta' sajd skont jekk iseħħux f'dawn l-ibħra jew fl-ibħra Marokkini. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja, b'mod partikolari, l-appoġġ settorjali, ma jistabbilixxu l-ebda distinzjoni bejn il-parti tagħha mogħtija għall-attivitajiet fit-territorju tal-Marokk u l-parti mogħtija għall-attivitajiet fit-territorju mhux awtonomu msemmi iktar 'il fuq.

129 Konsegwentement, minn dan għandu jiġi dedott li l-kunsens mogħti, għan-nom tal-Unjoni, permezz tad-deċiżjoni kkontestata sabiex il-ftehim ikkontestat japplika għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha ma huwiex separabbli mill-kunsens mogħti, permezz ta' din id-deċiżjoni, għall-imsemmi ftehim kollu kemm hu. B'hekk, annullament tad-deċiżjoni biss inkwantu approvat l-applikazzjoni tal-imsemmi ftehim għal dan it-territorju mhux awtonomu u għall-imsemmija ibħra jibdel l-ispirtu u s-sustanza ta' dan l-att.

130 Qabelxejn, għandu jitfakkar li r-rikorrent ma għandux dritt, bħala regola, jemenda l-għan oriġinali tar-rikors billi jissostitwixxi t-talbiet ippreżentati fih b'talbiet ippreżentati għall-ewwel darba waqt is-seduta [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2000, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-104/89 u C-37/90, EU:C:2000:38, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' April 2005, Holcim (Il-Ġermanja) vs Il-Kummissjoni T-28/03, EU:T:2005:139, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata]. F'dan il-każ, hemm lok li jiġi rrilevat li huwa biss il-kap tat-talbiet li ppreżenta waqt is-seduta b'mod sussidjarju, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi, li jikkorrispondi mat-talbiet imsemmija fir-rikors.

131 Għalhekk, hemm lok li jiġi miċħud bħala inammissibbli l-kap tat-talbiet tar-rikorrent ippreżentat prinċiparjament, waqt is-seduta, għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu tapprova l-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu. Għalhekk għandhom jiġu eżaminati biss it-talbiet tar-rikorrent, kif stipulati fir-rikors u msemmija mill-ġdid, b'mod sussidjarju, waqt is-seduta, intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi.

c) Fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill, ibbażata fuq in-nuqqas ta' locus standi in judicio ***tar-rikorrent***

132 Insostenn tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kunsill isostni li r-rikorrent ma huwiex persuna ġuridika, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li għandha *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni. Fl-ewwel lok, huwa jsostni li r-rikorrent ma għandux personalità ġuridika bis-saħħa tad-dritt intern ta' Stat Membru. Fit-tieni lok, huwa jiddikjara li r-rikorrent ma huwiex suġġett tad-dritt internazzjonali. Fit-tielet lok, huwa jsostni li r-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-qrati tal-Unjoni sabiex jirrikonoxxu l-*locus standi in judicio* lil entità li ma għandhiex personalità ġuridika u, b'mod partikolari, il-kundizzjoni relatata mal-fatt li l-entità inkwistjoni għandha tkun ittrattata mill-Unjoni bħala suġġett distint li għandu drittijiet u obbligi.

133 Ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM jiżviluppaw, essenzjalment, l-istess argument bħal dak tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-KSMM isostnu li r-rikorrent ma għandux l-awtonomija neċessarja sabiex jaġixxi bħala entità responsabbli fir-relazzjonijiet ġuridiċi, fir-rigward tar-relazzjonijiet tiegħu mar-Repubblika Għarbija Demokratika tas-Saħara (RASD), li ma hijiex rikonoxxuta mill-ONU u mill-Unjoni.

134 Insostenn tal-*locus standi in judicio* tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa moviment ta' liberazzjoni nazzjonali, li jislet id-drittijiet u l-obbligi tiegħu direttament mid-dritt internazzjonali, minħabba l-istatus separat u distint tas-Saħara tal-Punent u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Dan l-istatus huwa kkonfermat, b'mod partikolari, mill-kapaċità tiegħu, li jikkonkludi ftehim u mir-rikonoxximent tiegħu bħala l-uniku rappreżentant ta' dan il-poplu mill-Assemblea Ġenerali tal-ONU. Bħala suġġett tad-dritt internazzjonali, huwa jissodisfa, b'mod iktar partikolari, il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza sabiex jiġi vverifikat li entità mingħajr personalità ġuridika tista' tiġi kkunsidrata bħala persuna ġuridika, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

135 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' dan l-artikolu, tippreżenta appell kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardaha direttament u individwalment, kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni.

136 Sussegwentement, skont il-ġurisprudenza, minkejja li l-kunċett ta' persuna ġuridika li jinsab fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jimplika, bħala regola, l-eżistenza tal-personalità ġuridika, li għandha tiġi vverifikata fid-dawl tad-dritt nazzjonali li bis-saħħa tiegħu l-persuna ġuridika inkwistjoni hija kkostitwita, huwa mhux neċessarjament jikkoinċidi ma' dawk ta' ordinamenti ġuridiċi differenti tal-Istati Membri. B'hekk, il-ġurisprudenza diġà rrikonoxxiet il-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni lil entitajiet indipendentement mill-kwistjoni tal-kostituzzjoni tagħhom bħala persuna ġuridika fid-dritt intern (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

137 Dan kien, b'mod partikolari, il-każ meta, minn naħa waħda, l-entità inkwistjoni kellha rappreżentattività biżżejjed fir-rigward tal-persuni li tagħhom hija allegatament kienet tiddefendi d-drittijiet misluta mid-dritt tal-Unjoni kif ukoll l-awtonomija u r-responsabbiltà neċessarji sabiex taġixxi fil-qafas tar-relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti minn dan l-istess dritt u li, min-naħa l-oħra,

hija kienet ġiet rikonoxxuta mill-istituzzjonijiet bħala interlokutriċi waqt in-negozjati relatati ma' dawn id-drittijiet (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

138 Dan kien ukoll il-każ meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ttrattaw din l-entità bħala suġġett distint, bi drittijiet u b'obbligi tagħha tagħha stess. Fil-fatt, il-koerenza u l-ġustizzja jirrikjedu li għandu jiġi rrikonoxxut il-*locus standi in judicio* ta' tali entità sabiex tikkontesta l-miżuri li jillimitaw id-drittijiet tagħha u d-deċiżjonijiet sfavorevoli meħuda kontra tagħha mill-istituzzjonijiet (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

139 Għandu jingħad ukoll li l-ġurisprudenza ma teskludix li, f'kuntesti differenti minn dawk tas-sentenzi msemmija fil-punti 137 u 138 iktar 'il fuq, il-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni għandu jiġi rrikonoxxut lil entità indipendentement mill-personalità ġuridika tagħha taħt id-dritt intern, b'mod partikolari jekk ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva jimponu dan, u b'hekk interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' persuna ġuridika għandha tiġi mwarrba (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

140 Finalment, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li suġġetti tad-dritt internazzjonali pubbliku, bħall-Istati terzi, jikkostitwixxu persuni ġuridiċi fis-sens tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

141 F'dan il-każ, bħal fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), minkejja li l-partijiet jaqblu dwar il-fatt li r-rikorrent ma għandux personalità ġuridika tad-dritt intern, huma ma jaqblux dwar il-kwistjoni tal-eżistenza tal-personalità ġuridika tar-rikorrent fid-dritt internazzjonali pubbliku, b'mod partikolari dwar l-effetti għal din il-personalità tar-rwol tar-rikorrent fil-qafas tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent u fuq in-natura limitata jew le tar-rappreżentattività tagħha fir-rigward tal-poplu ta' dan it-territorju (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 88 u 89).

142 Għalhekk għandu jiġi vverifikat, fid-dawl tal-ġurisprudenza relatata mal-kunċett ta' persuna ġuridika, imfakkra fil-punti 136 sa 140 iktar 'il fuq, jekk ir-rwol u r-rappreżentattività tar-rikorrent humiex tali li jagħtuh il-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 90).

143 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fil-punt 89 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, li fuqha r-rikorrent jibbaża ruħu fil-qafas ta' dan ir-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-prinċipju konswetudinarju ta' awtodeterminazzjoni kien jagħmel parti mir-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni. B'mod iktar partikolari, fil-punt 105 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-QIĠ kienet enfasizzat, fl-opinjoni konsultattiva tagħha dwar is-Saħara tal-Punent, li l-popolazzjoni ta' dan it-territorju kienet tibbenefika, abbażi tad-dritt internazzjonali ġenerali, mid-dritt għall-awtodeterminazzjoni, kif ġie espost fil-punti 90 u 91 tal-istess sentenza. Barra minn hekk, hija spjegat li, min-naħa tagħha, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU, fil-punt 7 tar-Riżoluzzjoni 34/37 tagħha dwar il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, irrakkomandat li r-rikorrent, "rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, jipparteċipa bis-sħiħ f'kull tiftixa ta' soluzzjoni politika ġusta, dewwiema u definittiva tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent".

144 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet għalhekk jirriżulta li d-dritt internazzjonali jirrikonoxxi lill-poplu tas-Saħara tal-Punent dritt għall-awtodeterminazzjoni, u dan għandu jiġi kkunsidrat mill-qrati tal-Unjoni, u li, abbażi ta' dan id-dritt, ir-rikorrent, bħala rappreżentant ta' dan il-poplu, ingħata mill-Assemblea Ġenerali tal-ONU d-dritt li jipparteċipa "bis-sħiħ" fit-tfittxija ta' soluzzjoni politika għall-kwistjoni dwar l-istatus definittiv ta' dan it-territorju. Barra minn hekk, hemm lok li jitfakkar li dan id-dritt ġie kkonfermat bir-Riżoluzzjoni 35/19 (ara l-punt 16 iktar 'il fuq) u li r-rikorrent eżerċitah fil-qafas tan-negozjati li saru taħt l-awspiċji tal-ONU, li fihom ir-Renju tal-Marokk u hu stess kienu parti mill-1988 (ara l-punti 17, 18 u 20 iktar 'il fuq) (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 92).

145 Fil-qafas ta' din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ammissibbiltà, il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM ma jikkontestawx l-eżerċizzju, mir-rikorrent, tad-dritt tiegħu li jipparteċipa fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent, bħala rappreżentant tal-poplu ta' dan it-territorju, li huwa rrikonoxxut lilu mill-organi tal-ONU (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 93).

146 Barra minn hekk, kif jesponi r-rikorrent, huwa kellu numru ta' impenji bis-saħħa tad-dritt internazzjonali fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, b'mod partikolari bil-ftehim ta' paċi konkluż mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ara l-punt 15 iktar 'il fuq), bi ftehim li permezz tagħhom ir-Renju tal-Marokk u r-rikorrent waslu għal ftehim fuq ċertu numru ta' kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' proposti ta' regolament tas-Segretarju Ġenerali tal-ONU u bl-erba' Konvenzjonijiet ta' Genève tat-12 ta' Awwissu 1949 u bil-Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Genève tat-12 ta' Awwissu 1949 dwar il-protezzjoni tal-vittmi ta' kunflitti armati internazzjonali (Protokoll I), iffirmat fit-8 ta' Ġunju 1977, li magħhom aderixxa ruħu fit-23 ta' Ġunju 2015 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 94).

147 Barra minn hekk, il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM ma jikkontestawx li, kif isemmi r-rikorrent, huwa jipparteċipa fix-xogħolijiet tal-Kumitat Speċjali inkarigat li jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-Indipendenza lill-pajjiżi u lill-popli kolonjali, maħruġa mill-ONU, dwar il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent kif ukoll fix-xogħolijiet konġunti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Afrika (KEA), stabbilita fi ħdan il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, u tal-Kumitat Tekniku speċjalizzat tal-Unjoni Afrikana dwar il-finanzi, l-affarijiet monetarji, il-pjanifikazzjoni ekonomika u l-integrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 95).

148 Ir-rikorrent huwa għalhekk irrikonoxxut fuq il-livell internazzjonali bħala rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, anki jekk, kif isostnu l-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM, dan ir-rikonoxximent jaqa' fil-qafas limitat tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni ta' dan it-territorju. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tiegħu f'dan il-proċess timplika li huwa għandu l-awtonomija u r-responsabbiltà neċessarja sabiex jaġixxi f'dan il-qafas, li huwa kkonfermat, barra minn hekk, mill-Istatuti tiegħu li tpoġġew fil-proċess. Il-fatt li, kif isostnu l-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM, id-drittijiet u l-obbligi tar-rikorrent ma humiex ekwivalenti għal dawk tal-Istati jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, fatt li, qabelxejn, ma huwiex ikkontestat minnu, ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 96 u 97).

149 Fit-tieni lok, ir-rikorrent isostni, korrettament, li l-istituzzjonijiet ħadu konjizzjoni tar-rwol tiegħu u tar-rappreżentattività tiegħu. Minn naħa waħda, fil-punt 105 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Qorti tal-Ġustizzja stess ħadet konjizzjoni tar-rikonoxximent mill-Assemblea Ġenerali tal-ONU ta' din ir-rappreżentattività (ara l-punt 143 iktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent jipproduċi provi li jindikaw li huwa kellu regolarment skambju mal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sitwazzjoni tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, fil-qafas tal-konsultazzjonijiet msemmija fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 60 iktar 'il fuq), is-SEAE ppropona lir-rikorrent sabiex ikun hemm skambju ta' opinjonijiet miegħu dwar il-ftehim ikkontestat, kif jirriżulta mir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-benefiċċji għall-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent tal-Ftehim dwar is-Sajd sostenibbli bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu kif ukoll dwar il-konsultazzjoni ta' din il-popolazzjoni, mill-Kummissjoni, li takkumpanja l-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, għan-nom tal-Unjoni tal-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u ta' skambju ta' ittri li jakkumpanjaw l-imsemmi ftehim [SWD(2018) 433 final, iktar 'il quddiem ir-"rapport tat-8 ta' Ottubru 2018"]. Ir-rikorrent għalhekk għandu bażi sabiex isostni li huwa kkunsidrat bħala interlokutur leġittimu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet li jistgħu jikkonċernaw dan it-territorju, inkluż sabiex jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 98).

150 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li, fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, fid-dawl tal-elementi mfakkra fil-punt 105 tal-istess sentenza (ara l-punt 143 iktar 'il fuq), il-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu jiġi kkunsidrat bħala "terz" fis-sens tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, li, bħala tali, seta' jiġi affettwat mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'każ ta' inklużjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi ftehim, b'tali mod li din l-implimentazzjoni jkollha, fi kwalunkwe każ, tirċievi l-kunsens tiegħu (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 99).

151 Barra minn hekk, fil-punti 63 u 64 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, b'mod partikolari dawk tal-punti 105 u 106 tagħha, sabiex tikkonkludi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 ma setax jiġi interpretat bħala li jinkludi t-territorju tas-Saħara tal-Punent, ħlief bi ksur tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. Bl-istess mod, fil-punti 69 sa 73 tal-istess sentenza, billi bbażat ruħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet minn din il-konklużjoni li huwa kuntrarju għall-istess prinċipji li jiġi kkunsidrat li l-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju mhux awtonomu jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-sens tal-imsemmi ftehim dwar is-sajd.

152 B'dan ir-rikors, ir-rikorrent, irid jiddefendi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, minħabba l-fatt, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata ma tirrispettax dan id-dritt, billi approvat il-konklużjoni ta' ftehim mar-Renju tal-Marokk li japplika għal dan it-territorju u għall-ibħra li jmissu miegħu, mingħajr il-kunsens tiegħu, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 100 iktar 'il fuq). Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li, f'din is-sitwazzjoni partikolari, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva jirrikjedu, fi

kwalunkwe każ, li jiġi rikonoxxut li r-rikorrent għandu l-kapaċità li jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jiddefendi dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 100).

153 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, ir-rikorrent għandu jiġi kklassifikat bħala persuna ġuridika fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li għandu *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni sabiex jippreżenta dan ir-rikors, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tiegħu li juri li jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra ta' ammissibbiltà u, b'mod partikolari, li huwa għandu *locus standi* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 101).

154 L-argumenti tal-Kunsill, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM ma jikkontestawx din il-konklużjoni.

155 L-ewwel nett, iċ-ċirkustanzi allegati dwar il-fatt li r-rikorrent ma huwiex l-uniku rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u li r-rappreżentattività tiegħu hija limitata għall-proċess ta' awtodeterminazzjoni ma humiex, fi kwalunkwe każ, determinanti fir-rigward taċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punti 143 sa 149 iktar 'il fuq. L-istess jgħodd għall-fatt li l-organi tal-ONU ma ddefinixxewhx b'mod espliċitu bħala moviment ta' liberazzjoni nazzjonali u li ma tawhx l-istatus ta' osservatur kif ukoll li l-argument li l-personalità ġuridika tiegħu hija, sempliċement, "funzjonali" jew "tranżitorja" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 103).

156 It-tieni, fir-rigward tal-argument tal-KSMM ibbażat fuq l-allegat nuqqas ta' indipendenza tar-rikorrent fir-rigward tal-RASD, fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent huwa parti fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni bħala organizzazzjoni politika awtonoma u mhux biex jirrappreżenta l-RASD, u li, fi kwalunkwe każ, it-test iċċitat mill-KSMM insostenn tal-argument tagħhom kien jirrikonoxxi din l-awtonomija tiegħu, dan għandu jiġi miċħud (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 104).

157 It-tielet, fir-rigward tal-argument li bejn ir-rikorrent u l-Unjoni jew bejn ir-rikorrent u l-Istati Membri ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika, li minnha jirriżultaw, għalih, drittijiet u obbligi u li tikkostitwixxi, min-naħa tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, forma ta' "rikonoxximent internazzjonali", huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali hija adita minn rikors għal annullament ta' att tal-Unjoni, li fir-rigward tiegħu hija għandha kompetenza tiddeċiedi, li r-rikorrent isostni li huwa direttament u individwalment affettwat bħala rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u li, permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent irid jiddefendi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni ta' dan tal-aħħar, li l-istituzzjonijiet huma obbligati jirrispettaw. Konsegwentement, l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika bejn l-Unjoni u r-rikorrent, li għandha tiġi vverifikata fil-qafas tal-eżami tal-inċidenza diretta u individwali fuq dan tal-aħħar, ma tistax tiġi eskluża f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ, sa fejn l-istituzzjonijiet ħadu konjizzjoni tar-rappreżentattività tar-rikorrent u li jittrattawh bħala interlokutur leġittimu fir-rigward tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, il-fatt li ma huwiex destinatarju ta' xi att tal-Unjoni li tipproduċi effetti ġuridiċi ma huwiex determinanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 105 sa 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

158 Ir-raba', kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, billi tirrikonoxxi li r-rikorrent għandu *locus standi in judicio* quddiemha, il-Qorti Ġenerali ma tittrasformax ruħha f'qorti "kważi internazzjonali". Fil-fatt, qabelxejn, din il-kawża ma tirrigwardax "tilwima" internazzjonali li fiha r-rikorrent kien parti, iżda rikors għal annullament kontra att tal-Unjoni. Sussegwentement, sa

fejn hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha tivverifika jekk ir-rikorrent issodisfax il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà relatati mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-kunċett ta' persuna ġuridika, ir-rikors tiegħu jintlaqa' fil-qafas ristrett tal-eżerċizzju tal-kompetenzi li ngħataw lill-Qorti Ġenerali bid-dritt tal-Unjoni. Finalment, peress li l-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam internazzjonali ma jistgħux jiġu preklużi, għalhekk, mill-istħarriġ ġudizzjarju, ir-rikonoxximent ta' *locus standi in judicio* f'dak li jirrigwarda lir-rikorrent ma għandux iwassal sabiex il-Qorti Ġenerali tissostitwixxi lill-istituzzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tadotta deċiżjoni "politika". Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tagħmel kunsiderazzjonijiet ta' politika internazzjonali u ta' opportunità fuq ir-regoli ta' ammissibbiltà tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 109 sa 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

159 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill ibbażata fuq in-nuqqas ta' *locus standi in judicio* tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda.

d) Fuq il-validità tal-mandat mogħti mir-rikorrent lill-avukat tiegħu

160 Il-KSMM jesprimu dubji dwar il-validità tal-mandat mogħti mir-rikorrent lill-avukat tiegħu. Fil-fatt, huma jistaqsu jekk dan il-mandat jistax ikun validament iffirmat mis-"segretarju politiku" tar-rikorrent, kif ġara f'dan il-każ. Huma jitolbu lill-Qorti Ġenerali tivverifika l-validità ta' dan il-mandat. Huma jsostnu li, jekk ma huwiex validu, ir-rikors għandu jiġi ddikjarat inammissibbli abbażi tal-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

161 Mistoqsi f'dan ir-rigward, fil-qafas tal-miżura ta' organizzazzjoni tat-18 ta' Diċembru 2020, l-ewwel nett, ir-rikorrent jindika li huwa ma huwiex "persuna ġuridika tad-dritt privat" fis-sens tal-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura. It-tieni, huwa jsostni li r-rikorsi kollha li huwa ppreżenta sa mill-2012 ġew ippreżentati abbażi ta' mandati ffirmati mis-"segretarju politiku" tiegħu, u l-validità ta' dawn il-mandati qatt ma ġiet ikkontestata. It-tielet, is-"segretarjat tal-organizzazzjoni politika", li l-firmatarju tal-mandat huwa l-kap tiegħu, jagħmel parti mill-"istrutturi prinċipali tal-Front" u huwa s-suġġett tal-Artikoli 119 sa 130 tal-Istatuti tiegħu. Ir-raba', dan il-firmatarju u l-funzjonijiet tiegħu huma faċilment identifikati f'dokumenti disponibbli online. Minn dawn il-punti kollha jirriżulta li, skont il-ġurisprudenza, ma hemm ebda dubju dwar l-intenzjoni tar-rikorrent li jippreżenta dan ir-rikors. Ir-rikorrent jipproduċi, insostenn tal-argumenti tiegħu, it-test sħiħ tal-Istatuti tiegħu, approvati fl-erbatax-il kungress tiegħu, li nżamm mis-16 sat-23 ta' Diċembru 2015, kif ukoll id-dokumenti disponibbli online, li għalihom jirreferi.

162 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, bħall-mandat tal-avukat prodott mir-rikorrent fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), id-dokument tal-20 ta' Mejju 2019 li huwa pproduċa f'dan il-każ u li għalih il-KSMM jirreferu huwa ppreżentat bħala mandat mogħti lill-avukat tiegħu sabiex jippreżenta għan-nom tiegħu rikors għall-annullament, maħruġ f'ismu u ffirmat minn A, indikat bħala "segretarju politiku" ta' din l-organizzazzjoni. Barra minn hekk, il-KSMM jesprimu d-dubji tagħhom dwar il-validità ta' dan il-mandat bl-istess mod bħall-Konfederazzjoni Marokkina tal-Agrikoltura u tal-Iżvilupp Rurali (Comader), parti intervenjenti fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza u, ir-rikorrent, f'dan il-każ, ippreżenta f'dan ir-rigward osservazzjonijiet li għandhom l-istess kontenut bħal dawk li huwa ppreżenta f'dik il-kawża (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 115, 116 u 123).

163 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, irrispettivament mill-kundizzjonijiet previsti bl-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura, kwalunkwe entità għandha turi mhux biss il-*locus standi* tagħha, iżda wkoll il-fatt li hija verament ħadet id-deċiżjoni li tippreżenta r-rikors u li l-avukati li jallegaw li qegħdin jirrappreżentawha jkunu effettivament ingħataw mandat għal dan il-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 120 sa 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

164 F'dan il-każ, mill-punti 143 sa 159 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrent għandu *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni. Madankollu, għandu jiġi vverifikat jekk hemmx dubju dwar il-fatt li huwa effettivament iddeċieda li jippreżenta r-rikors, peress li din il-kwistjoni, tista', fi kwalunkwe każ, tiġi eżaminata *ex officio* mill-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 117 u 119).

165 Minn naħa waħda, kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tar-rikorrent u mid-dokumenti prodotti insostenn, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat, l-espressjoni "segretarju politiku" għandha tinftiehem bħala l-persuna fit-tmexxija tal-organizzazzjoni indikata, fl-Istatuti tagħha, "segretarjat tal-organizzazzjoni politika". Barra minn hekk, mill-imsemmija dokumenti jirriżulta espliċitament li l-persuna li ffirmat il-mandat mogħti mir-rikorrent lill-avukat kienet effettivament taqdi l-funzjonijiet ta' "segretarju politiku" tar-rikorrent fid-data tal-preżentata tar-rikors, u dan lanqas ma huwa kkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 125).

166 Min-naħa l-oħra, skont il-punt 7 tal-Artikolu 92 tal-Istatuti tar-rikorrent, is-segretarju nazzjonali, li huwa, skont l-Artikolu 76 tal-istess Statuti, l-"organu suprem" tar-rikorrent "matul il-perijodu bejn iż-żewġ Kungressi", għandu bħala funzjonijiet, b'mod partikolari, li "[j]irrappreżenta lill-Front fir-relazzjonijiet tiegħu mal-partiti politiċi, il-gvernijiet, il-movimenti ta' liberazzjoni u l-organizzazzjonijiet l-oħra". Skont l-Artikolu 120 ta' dawn l-istess Statuti, "is-segretarjat tal-organizzazzjoni politika għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' deċiżjonijiet u ta' programmi tas-segretarjat nazzjonali u tal-Uffiċċju tiegħu b'rabta man-natura u mal-funzjonijiet tal-organizzazzjoni politika" (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 126).

167 Minn dawn l-artikoli tal-Istatuti tar-rikorrent jista' għalhekk jiġi dedott, kif ikkonferma r-rikorrent waqt is-seduta, li l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tas-segretarjat nazzjonali fir-relazzjonijiet tiegħu mal-gvernijiet u mal-organizzazzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari mal-Unjoni, tista' taqa' fil-kompetenza tas-segretarjat tal-organizzazzjoni politika u li, b'dan il-mod, A kien awtorizzat jiffirma l-mandat tal-avukat tar-rikorrent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 127).

168 Għandu jingħad ukoll li, minkejja li r-rwol tas-"segretarju politiku" ta' rappreżentazzjoni fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Unjoni, u fi ħdan qrati, bħall-Qorti Ġenerali, ma jirriżultax mil-lista ta' funzjonijiet tas-segretarjat tal-organizzazzjoni politika, fl-Artikoli 122 u 131 tal-Istatuti tagħha, l-Artikolu 120 tagħhom jagħti lil dan l-organu l-kompetenza għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' deċiżjonijiet u ta' programmi tas-segretarjat nazzjonali u minn dawn l-Artikoli 122 u 133 ma jirriżultax li l-lista ta' dawn il-funzjonijiet hija restrittiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 128 u 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

169 Għalhekk, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet għandu jiġi dedott li, f'dan il-każ, A, "segretarju politiku" tar-rikorrent kien awtorizzat jimplimenta d-deċiżjoni tal-"organu suprem" ta' dan ta-aħħar, jiġifieri s-segretarjat nazzjonali, li jippreżenta dan ir-rikors. Barra minn hekk, jista' jiġi rrilevat li l-avukat tar-rikorrent, membru tal-avukatura ta' Stat Membru u suġġett bħala tali għal kodiċi ta' etika professjonali, iddikjara, fit-tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2021, li r-rikorrent "kellu b'mod ċar l-intenzjoni li jippreżenta r-[rikors]" u li "r-rieda tiegħu li jikseb l-osservanza effettiva tas-sentenzi tal-Qorti [kienet] totali" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 130 u 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).

170 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dubji tal-KSMM dwar il-validità tal-mandat mogħti mir-rikorrent lill-avukat tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

e) Fuq it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill, ibbażata fuq nuqqas ta' locus standi ***tar-rikorrent***

171 Fil-qafas tat-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kunsill, sostnut mir-Renju ta' Spanja, mir-Repubblika Franċiża, mill-Kummissjoni u mil-KSMM, isostni li r-rikorrent, li ma huwiex id-destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata, ma huwa affettwat la direttament u lanqas individwalment minnha.

172 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa direttament u individwalment affettwat mid-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-ftehim ikkontestat japplika għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu, u b'hekk jaffettwa l-poplu ta' dan it-territorju.

173 Preliminarjament, minn naħa waħda, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, att bħad-deċiżjoni kkontestata, li tirrigwarda l-approvazzjoni ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, tista' tiġi kkontestata. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li l-Artikolu 263 TFUE jagħmel distinzjoni netta bejn id-dritt għal azzjoni legali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri u dak tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, peress li r-raba' paragrafu ta' dan l-artikolu jistipula li dawn tal-aħħar jistgħu jieħdu azzjoni legali kontra l-atti indirizzati lilhom u li jirrigwardawhom direttament u individwalment u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 135 u 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

174 F'dan il-każ, ir-rikorrent ma huwa destinatarju la tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas tal-ftehim ikkontestat. Fid-dawl tal-pożizzjoni partikolari tal-ftehim internazzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u tal-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(i) TFUE, li jirrikjedi, għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, ir-rikors tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni kkontestata ma għandux ikun suġġett għal kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà inqas ristretti minn dawk li japplikaw għal rikors kontra atti leġiżlattivi. Huwa għalhekk ir-rikorrent li għandu juri li huwa direttament u individwalment affettwat mid-deċiżjoni kkontestata, u dan, qabelxejn, ma huwiex ikkontestat minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 137 sa 140 u l-ġurisprudenza ċċitata).

175 Id-deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tingħata billi jingħata bidu għall-eżami tal-inċidenza diretta fuq ir-rikorrent.

1) Fuq l-inċidenza diretta fuq ir-rikorrent

176 Il-Kunsill isostni li r-rikorrent ma kienx jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna fiżika jew ġuridika hijiex direttament affettwata mill-att ikkontestat. F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, f'dak li jikkonċerna lill-ewwel wieħed minn dawn il-kriterji, huwa jsostni li r-rikorrent ma huwiex destinatarju tal-att ikkontestat u li dan tal-aħħar ma jipproduċix, fir-rigward tiegħu, effetti ġuridiċi. Fil-fatt, fl-ewwel lok, fl-opinjoni tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata tipproduċi effetti ġuridiċi biss fir-rigward tal-Unjoni jew tal-istituzzjonijiet tagħha u mhux fir-rigward ta' terzi. Fit-tieni lok, huwa jikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata ma għandhiex effetti barra mit-territorju ta' applikazzjoni tat-trattati. Fit-tielet lok, huwa jsostni li, billi bbażat ruħha fuq l-effetti tal-ftehim ikkontestat fuq territorju barra mill-Unjoni sabiex tistabbilixxi l-inċidenza diretta fuq ir-rikorrent, il-Qorti Ġenerali jkollha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-drittijiet u tal-obbligi tar-Renju tal-Marokk li jirriżultaw mill-imsemmi ftehim, li għalih dan il-pajjiż terz ta l-kunsens tiegħu b'mod ħieles u b'mod sovran, u dan imur lil hinn mill-kompetenzi tagħha. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tieni minn dawn il-kriterji, huwa jiddikjara li dan il-ftehim u l-iskambju ta' ittri fihom innifishom ma jipproduċux effetti ġuridiċi fir-rigward ta' terzi u jeħtieġu li jiġu implimentati mill-Protokoll ta' Implimentazzjoni, li, min-naħa tiegħu, jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni addizzjonali. Fil-kontroreplika, il-Kunsill iżid li, anki jekk id-deċiżjoni kkontestata tipproduċi effetti barra mit-territorju tal-Unjoni, il-ftehim ikkontestat jista' jaffettwa biss lill-operaturi attivi fis-setturi ekonomiċi kkonċernati.

177 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa affettwat direttament mid-deċiżjoni kkontestata. Huwa jsostni li jissodisfa ż-żewġ kriterji li huma meħtieġa t-tnejn sabiex il-kundizzjoni tal-inċidenza diretta tkun issodisfatta. Fil-fatt, minn naħa waħda, mis-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario jiddeduċi li, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata twassal għall-konklużjoni ta' ftehim li jinkludi b'mod espliċitu t-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu u r-riżorsi naturali tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu mingħajr il-kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju, l-imsemmi ftehim jaffettwa direttament lil dan tal-aħħar, bħala terz għal dan il-ftehim. B'dan il-fatt biss, dan il-ftehim jipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu, bħala l-uniku rappreżentant ta' dan il-poplu. Min-naħa l-oħra, huwa jiddikjara li r-regolament ikkontestat, li ġie adottat qabel id-deċiżjoni kkontestata u li sempliċement jalloka l-opportunitajiet tas-sajd previsti fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni, ma għandux jiġi kkunsidrat bħala miżura intermedja li tipprekludi l-inċidenza diretta tiegħu.

178 Ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM jiżviluppaw, essenzjalment, l-istess argument bħal dak tal-Kunsill.

179 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament affettwata mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett ta' rikors, kif previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, tirrikjedi li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji kumulattivi. Fl-ewwel lok, il-miżura tal-Unjoni kkontestata għandha toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-individwu. Fit-tieni lok, hija ma għandha tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li huma inkarigati li jimplimentawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedjarji (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 144 u l-ġurisprudenza ċċitata).

180 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat, b'mod distint, jekk ir-rikorrent kienx jissodisfa kull wieħed minn dawn iż-żewġ kriterji.

i) Fuq l-osservanza, mir-rikorrent, tal-ewwel kriterju tal-inċidenza diretta, li jirrikjedi li l-miżura kkontestata għandha tipproduċi b'mod dirett effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu

181 Fir-rigward tal-osservanza tal-ewwel kriterju tal-inċidenza diretta, mill-argument tal-Kunsill, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM jiġi dedott li l-kontestazzjoni tagħhom dwar l-eżistenza ta' effetti diretti tad-deċiżjoni kkontestata fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent tinvolvi, essenzjalment, tliet partijiet. L-ewwel waħda hija bbażata fuq l-effetti ġuridiċi intrinsiċi ta' deċiżjoni ta' konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni, ta' ftehim internazzjonali. It-tieni waħda hija relatata mal-effetti ġuridiċi speċifiċi tad-deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tal-applikazzjoni territorjali tiegħu. It-tielet tikkonċerna n-nuqqas ta' bidla tas-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent, fid-dawl tar-rwol limitat tiegħu fil-parteċipazzjoni fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 146).

– Fuq l-ewwel parti tal-argument tal-Kunsill, dwar l-effetti ġuridiċi intrinsiċi ta' deċiżjoni ta' konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni, ta' ftehim internazzjonali

182 Minn naħa waħda, il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Franċiża, isostni, essenzjalment, li deċiżjoni ta' konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni, ta' ftehim internazzjonali ma tipproduċix effetti fil-konfront ta' terzi u li l-effetti allegati tal-ftehim ikkontestat fuq ir-rikorrent ma għandhomx jiġu invokati sabiex juru li s-sitwazzjoni ġuridika tiegħu hija affettwata minn din id-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill, sostnut, essenzjalment, mir-Repubblika Franċiża u mill-Kummissjoni, jiddikjara li deċiżjoni ta' din in-natura ma tista' tipproduċi effetti ġuridiċi biss fl-Unjoni.

183 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata, inkwantu twassal għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat, hija indissoċjabbli minn dan tal-aħħar, ħlief sabiex tneħħi tali att, li jista' jiġi kkontestat, mill-istħarriġ ta' legalità mill-qrati. Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li, fi kwalunkwe każ, ma huwiex ikkontestat li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat, approvat mid-deċiżjoni kkontestata, jinkludi t-territorju tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu u r-riżorsi naturali tagħhom. Skont ir-rikorrent, ir-riferiment tal-Kunsill għall-kunsens liberu u sovran tar-Renju tal-Marokk jikkontesta l-kompetenza tal-qrati tal-Unjoni sabiex jistħarrġu d-deċiżjoni kkontestata.

184 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, li hija bbażata fuq l-Artikolu 218(6) TFUE, ma għandhiex tiġi konfuża mad-deċiżjonijiet adottati abbażi tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-artikolu, li huma relatati mat-tmexxija ta' negozjati internazzjonali u li għalhekk ma joħolqux, bħala regola, effetti ġuridiċi ħlief fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, din id-deċiżjoni tirriżulta mill-kunsens tal-Unjoni li tintrabat b'dan il-ftehim. Hija għalhekk element kostituttiv tal-imsemmi ftehim u toħloq effetti ġuridiċi fil-konfront tal-partijiet l-oħra fih, inkwantu tifformalizza l-aċċettazzjoni, mill-Unjoni, ta' obbligi li hija aċċettat fil-konfront tagħhom (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 149 u 150 u l-ġurisprudenza ċċitata).

185 Barra minn hekk, minkejja li l-ftehim internazzjonali konkluż b'deċiżjoni bħal din jorbot lill-partijiet fir-rigward ta' territorju ieħor li ma huwiex tagħhom skont il-kundizzjonijiet iddefiniti mid-dritt internazzjonali, dan il-ftehim jista' jaffettwa terz, fis-sens tal-prinċipju ġenerali tal-effett relattiv tat-trattati. Konsegwentement, l-effetti tal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim fuq is-sitwazzjoni ġuridika ta' dan it-terz huma rilevanti sabiex tiġi evalwata l-inċidenza diretta fuq

dan tal-aħħar mid-deċiżjoni ta' konklużjoni ta' tal-imsemmi ftehim, adottat għan-nom tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 151 u 152 u l-ġurisprudenza ċċitata).

186 Minn dan isegwi li huwa b'mod żbaljat li l-Kunsill jiddikjara li, min-natura tagħha, id-deċiżjoni kkontestata toħloq biss effetti fir-rigward tal-Unjoni u tal-istituzzjonijiet tagħha. Għall-istess raġunijiet, għandu jiġi miċħud l-argument tar-Repubblika Franċiża li d-deċiżjoni kkontestata ma toħloqx, fiha nnifisha, effetti ġuridiċi fir-rigward tar-rikorrent, peress li ma hijiex suffiċjenti sabiex iddaħħal fis-seħħ il-ftehim ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 153 u l-ġurisprudenza ċċitata).

187 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li ftehim internazzjonali konklużż mill-Unjoni jorbot mhux biss lill-istituzzjonijiet tagħha, iżda wkoll lill-Istati terzi li huma partijiet f'dawn il-ftehim. Huwa għalhekk li, kif tfakkar ir-Repubblika Franċiża stess, rikors għal annullament ippreżentat kontra ftehim internazzjonali għandu jinftiehem bħala li huwa indirizzat kontra d-deċiżjoni li kkonkludietu għan-nom tal-Unjoni. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hemm lok li jiġi kkunsidrat li talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-validità ta' ftehim internazzjonali konklużż mill-Unjoni għandha tinftiehem fis-sens li tinkludi l-att li bih l-Unjoni kkonkludiet tali ftehim internazzjonali (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 154 u l-ġurisprudenza ċċitata).

188 Madankollu, fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm fil-kuntest ta' rikors għal annullament kif ukoll f'dak ta' talba għal deċiżjoni preliminari, sabiex twettaq evalwazzjoni dwar jekk ftehim internazzjonali konklużż mill-Unjoni huwiex kompatibbli mat-trattati u mar-regoli tad-dritt internazzjonali li jorbtuha, ġie deċiż li l-istħarriġ ta' validità ta' deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' deċiżjoni preliminari, jista' jirrigwarda l-legalità ta' dan l-att fid-dawl tal-kontenut stess tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

189 Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma applikabbli fl-ipoteżi ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni ta' dan it-tip, ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minn persuna ġuridika, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, bħal dan ir-rikors. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra twassal, kif jirrileva, essenzjalment, ir-rikorrent, sabiex tneħħi, fil-parti l-kbira tagħha, id-deċiżjoni kkontestata mill-istħarriġ tal-legalità tagħha fuq il-mertu, li ma huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 156 u 157 u l-ġurisprudenza ċċitata).

190 Konsegwentement, l-eżami tal-inċidenza diretta u individwali fuq din il-persuna ġuridika minn tali deċiżjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, l-effetti prodotti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu permezz tal-ftehim internazzjonali konklużż bis-saħħa tagħha (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 158 u l-ġurisprudenza ċċitata).

191 F'dan il-każ, ġie kkonstatat li r-rikorrent għandu, fid-dawl tar-rwol tiegħu ta' rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, *locus standi in judicio* kontra d-deċiżjoni kkontestata sabiex jiddefendi d-drittijiet li dan il-poplu għandu abbażi tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni (ara l-punt 152 iktar 'il fuq). Konsegwentement, kif essenzjalment isostni, ir-rikorrent għandu jkun jista' jinvoka, sabiex jistabbilixxi l-inċidenza diretta u individwali fuqu, l-effetti

tal-ftehim ikkontestat fuq dawn id-drittijiet, għaliex inkella l-protezzjoni ġudizzjarja tagħhom titlef ħafna mill-effett utli tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 160 u l-ġurisprudenza ċċitata).

192 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi rrilevat, minn naħa waħda, li din hija intiża sabiex toħloq effetti ġuridiċi fil-qafas tar-rapporti bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, bħala element kostituttiv tal-espressjoni ta' qbil ta' intenzjonijiet ta' dawn iż-żewġ suġġetti tad-dritt internazzjonali, u, konsegwentement, neċessarjament toħloq effetti fl-ordinament ġuridiku internazzjonali. Min-naħa l-oħra, kif huwa dedott mill-ġurisprudenza, l-effetti ġuridiċi ta' dan il-ftehim fuq it-territorju tal-parti l-oħra fil-ftehim jew fuq it-territorju terz jistgħu jiġu invokati sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza diretta u individwali fuq persuna fiżika u ġuridika mid-deċiżjoni kkontestata, inkwantu din tal-aħħar tesprimi l-kunsens tal-Unjoni sabiex il-ftehim joħloq tali effetti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 161 sa 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

193 F'dan il-każ, ir-rikorrent, filwaqt li jinvoka s-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, jibbaża ruħu fuq l-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat fit-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu u fuq il-kwalità ta' terz fil-ftehim, fis-sens tal-effett relattiv tat-trattati, tal-poplu ta' dan it-territorju, sabiex isostni li huwa affettwat direttament mid-deċiżjoni kkontestata, bħala rappreżentant ta' dan il-poplu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 166).

194 Il-fatt li, kif il-Kunsill u r-Repubblika Franċiża jenfasizzaw, l-effetti tal-ftehim u tal-implimentazzjoni tiegħu fuq it-territorju tar-Renju tal-Marokk jaqgħu fil-kompetenza sovrana ta' dan tal-aħħar ma huwiex rilevanti.

195 Fil-fatt, minn naħa waħda, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma jinvokax l-effetti tal-ftehim ikkontestat fuq it-territorju tal-Marokk jew fuq l-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, fis-sens tas-sentenza Western Sahara Campaign UK (ara l-punti 44 sa 50 iktar 'il fuq), iżda l-effetti li huwa joħloq fuq territorju terz u fuq l-ibħra li jmissu miegħu. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali ma tiddeċidix dwar il-legalità tal-kunsens tar-Renju tal-Marokk għad-drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-imsemmi ftehim, iżda biss fuq il-legalità tal-kunsens tal-Unjoni għalihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 168 u 169 u l-ġurisprudenza ċċitata).

196 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fir-rigward tan-natura ta' deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u tal-effetti ġuridiċi tiegħu stess, l-eżistenza ta' effetti diretti tad-deċiżjoni kkontestata fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent, minħabba l-kontenut tal-ftehim ikkontestat, ma għandhiex tiġi miċħuda fl-ewwel lok. L-ewwel parti tal-argument tal-Kunsill għandha għalhekk tiġi miċħuda.

– Fuq it-tieni parti tal-argument tal-Kunsill, relatata mal-effetti ġuridiċi speċifiċi tal-ftehim ikkontestat, fid-dawl tal-applikazzjoni territorjali tiegħu għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu

197 Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-KSMM jikkontestaw, essenzjalment, il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata u l-ftehim ikkontestat jipproduċu effetti ġuridiċi fir-rigward tar-rikorrent, minħabba l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu. Minn naħa waħda, il-Ftehim dwar is-Sajd jeħtieġ l-adozzjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u ta' miżuri addizzjonali oħra sabiex jipproduċi effetti ġuridiċi

fir-rigward ta' terzi. Min-naħa l-oħra, l-effetti ta' dawn l-atti fuq it-territorju allegatament huma purament ekonomiċi u mhux ġuridiċi. Huma għalhekk ma joħolqux drittijiet jew obbligi fir-rigward tal-poplu ta' dan it-territorju u ma jistgħux jiġu ċċitati kontrih.

198 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li, minħabba l-inklużjoni espliċita tat-territorju tas-Saħara tal-Punent u tal-ibħra li jmissu miegħu kif ukoll tar-riżorsi naturali tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat, dan tal-aħħar u għalhekk id-deċiżjoni kkontestata jaffettwaw lill-poplu ta' dan it-territorju, fir-rigward tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, huwa jsostni li l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan il-ftehim ma humiex rilevanti, peress li l-imsemmija inklużjoni hija, fiha nnifisha, kuntrarja għall-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u għall-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati u toħloq effetti ġuridiċi fuq l-imsemmi poplu, u dan jaffettwah direttament, bħala rappreżentant tiegħu.

199 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, preliminarjament, li, kif ġie kkonstatat fil-punti 109 u 123 iktar 'il fuq, il-premessa li fuqha r-rikorrent jibbaża l-*locus standi* tiegħu, jiġifieri li d-deċiżjoni kkontestata tapprova ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li japplika espliċitament għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu, hija korretta.

200 Għalhekk għandu jiġi vverifikat biss jekk, minħabba l-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu, id-deċiżjoni kkontestata tistax tiġi kkunsidrata bħala li taffettwa l-poplu ta' dan it-territorju.

201 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li, kif tfakkar fil-punt 150 iktar 'il fuq, fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu jiġi kkunsidrat bħala "terz", fis-sens tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, li jista' jiġi affettwat mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'każ ta' inklużjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi ftehim. It-tieni, fl-istess punt ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li tali inklużjoni għandha, fi kwalunkwe każ, tirċievi l-kunsens tiegħu, kemm fil-każ fejn tali implimentazzjoni tkun ta' natura li tippreġudikah kif ukoll jekk tkun ta' benefiċċju għalih. It-tielet, fil-punt 63 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, b'mod partikolari, għall-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario sabiex tikkunsidra li l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 ma setax japplika għat-territorju tas-Saħara tal-Punent, ħlief bi ksur tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. Ir-raba', fil-punt 69 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, mill-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni", imsemmi f'dan il-Ftehim dwar is-Sajd, fid-dawl tal-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li, peress li t-territorju tas-Saħara tal-Punent ma kienx jagħmel parti mit-territorju tar-Renju tal-Marokk, kif tfakkar fil-punti 62 sa 64 tal-istess sentenza, l-ibħra li jmissu miegħu ma kinux jaqgħu fiż-żona ta' sajd iddefinita fl-istess ftehim.

202 Għalhekk hemm lok li mill-ġurisprudenza jiġi dedott li l-kunsiderazzjonijiet tal-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario huma rilevanti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ikkontestat, li, filwaqt li jaqgħu fl-istess ġabra konvenzjonali bħall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, japplika espliċitament għat-territorju u għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Konsegwentement, din l-applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat tista' taffettwa lill-poplu ta' dan it-territorju u tirrikjedi l-kunsens tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 194 u 195).

203 Din l-analiżi ma hijiex ikkontestata bl-argumenti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-KSMM.

204 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argumenti relatati mal-ħtieġa ta' miżuri ta' implimentazzjoni sabiex il-ftehim ikkontestat joħloq effetti ġuridiċi fil-konfront ta' terz, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li, kif ġie rrilevat fil-punti 125 sa 131 iktar 'il fuq, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi. Din id-deċiżjoni tirrigwarda l-konklużjoni kemm tal-Ftehim dwar is-Sajd kif ukoll tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni u tal-iskambju ta' ittri, peress li dawn l-aħħar żewġ strumenti, barra minn hekk, huma parti integrali mil-imsemmi ftehim (ara l-punt 102 iktar 'il fuq). Konsegwentement, il-fatt, invokat mill-Kummissjoni, li l-ħolqien ta' effetti ġuridiċi fil-konfront ta' terz permezz tal-Ftehim dwar is-Sajd jirrikjedi l-intervent tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni ma huwiex rilevanti.

205 Sussegwentement, kif jenfasizza r-rikorrent, l-inklużjoni, permezz tal-Ftehim dwar is-Sajd, tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu kif ukoll tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tirriżulta biss mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ftehim u tal-imsemmi protokoll relatati ma' dan il-kamp ta' applikazzjoni, moqrija fid-dawl tal-iskambju ta' ittri (ara l-punti 109 sa 117 iktar 'il fuq).

206 Ċertament, l-eżerċizzju effettiv mill-Unjoni u mir-Renju tal-Marokk ta' drittijiet u ta' obbligi reċiproċi li għalihom taw il-kunsens tagħhom permezz tal-Ftehim dwar is-Sajd u permezz tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni jeħtieġ l-adozzjoni ta' diversi miżuri ta' implimentazzjoni f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' drittijiet ta' sajd għall-bastimenti tal-Unjoni kif ukoll f'dak li jirrigwarda, minn naħa waħda, il-ħlas, taħt id-diversi forom tagħha, tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 12 ta' dan il-ftehim u, min-naħa l-oħra, l-allokazzjoni ta' din il-kontribuzzjoni, b'mod partikolari, dik tal-appoġġ settorjali.

207 Madankollu, minn naħa waħda, hemm lok li jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, il-fatt stess li l-ftehim ikkontestat jistabbilixxi sistema ġuridika ta' drittijiet ta' sajd u ta' kumpens finanzjarju applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu jaffettwa lill-poplu ta' dan it-territorju, bħala terz f'dan il-ftehim, fis-sens tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati u irrispettivament mill-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Bl-istess mod, dan tal-aħħar huwa affettwat mis-sempliċi fatt li dan il-ftehim jagħti lill-Unjoni u lir-Renju tal-Marokk id-drittijiet u l-obbligi reċiproki relatati ma' din is-sistema ġuridika fuq l-imsemmi territorju u l-imsemmija ibħra.

208 Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, mill-kliem tal-Artikolu 1(h) tal-Ftehim dwar is-Sajd, b'mod partikolari, jirriżulta li l-inklużjoni tas-Saħara tal-Punent u tal-ibħra li jmissu magħha fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni għandha natura inkundizzjonata. Fil-fatt, l-inklużjoni tal-imsemmija ibħra fiż-żona ta' sajd iddefinita minn dan il-ftehim ma hija suġġetta għal ebda limitazzjoni partikolari.

209 Finalment, ċertament, kif jirriżulta mill-Kapitolu II tal-Anness tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni u mid-dokumenti tekniċi tas-sajd li jinsabu fl-appendiċi 2 tal-istess protokoll, l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk għamlu distinzjoni, fiż-żona tas-sajd, bejn żoni ta' ġestjoni suġġetti għal limitazzjonijiet partikolari. Huwa għalhekk li dan il-kapitolu jagħti lir-Renju tal-Marokk il-kompitu li jistabbilixxi l-koordinati eżatti ta' dawn iż-żoni ta' ġestjoni kif ukoll ta' kull żona li jinsabu fihom fejn huwa pprojbit is-sajd, filwaqt li d-dokumenti tekniċi tas-sajd imsemmija iktar 'il fuq jistabbilixxu biss il-limiti massimi ta' dawn iż-żoni ta' ġestjoni.

210 Barra minn hekk, huma biss il-kategoriji tas-sajd imsemmija fid-dokumenti tekniċi nri 3 sa 6 li huma kkonċernati minn żoni ta' ġestjoni li l-limiti tagħhom jinkludu l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent (ara l-punt 110 iktar 'il fuq).

211 Madankollu, mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 208 u 209 iktar ’il fuq jirriżulta li l-marġni diskrezzjonali li r-Renju tal-Marokk għandu jikkonċerna d-delimitazzjoni eżatta taż-żoni ta’ ġestjoni u taż-żoni fejn is-sajd huwa eventwalment ipprojbit, iżda mhux iż-żona tas-sajd stess. Is-sempliċi fatt li dawn id-dispożizzjonijiet jawtorizzaw lir-Renju tal-Marokk jiddeċiedi jekk iż-żoni ta’ ġestjoni tal-kategoriji tas-sajd imsemmija iktar ’il fuq jistgħux jinkludu l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent jaffettwa l-poplu ta’ dan it-territorju.

212 Qabelxejn, kif ifakkar l-Avukat Ġenerali Wathelet fil-punt 69 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:1), il-fruntiera bejn is-Saħara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk tinsab fil-latitudni 27°42’N (Ponta Stafford). Fir-rigward tal-koordinati relatati mal-limiti taż-żoni ta’ ġestjoni msemmija fid-dokument tekniċi tas-sajd nri 4 u 6, għandu jiġi dedott minnhom, minn naħa waħda, li l-iktar parti kbira taż-żona li tinsab bejn il-limiti taż-żona ta’ ġestjoni msemmija fl-ewwel wieħed minn dawn id-dokumenti tikkorrispondi mal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent u, min-naħa l-oħra, li ż-żona li tinsab bejn il-limiti taż-żona ta’ ġestjoni msemmija fit-tieni dokument hija kompletament inkluża f’dawn l-ibħra. Barra minn hekk, dawn il-limiti huma ddefiniti fil-qafas tal-istrumenti approvati mid-deċiżjoni kkontestata u għalhekk ma jiddependux minn miżuri ta’ implimentazzjoni ulterjuri.

213 Bl-istess mod, bis-saħħa tal-prinċipju ta’ allokazzjoni proporzjonali tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd elenkati fl-Artikolu 12(4) tal-Ftehim dwar is-Sajd, il-partijiet huma obbligati jiżguraw li l-popolazzjonijiet milqutin, inklużi dawk tas-Saħara tal-Punent, igawdu minn dawn il-benefiċċji b’mod proporzjonali mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona ddefinita minn dan il-ftehim, li jinkludu l-ibħra li jmissu ma’ dan it-territorju, mingħajr eċċezzjoni għal dan il-prinċipju.

214 F’dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet u mill-punti msemmija mir-rikorrent, ir-riżorsi tas-sajd huma partikolarment abbundanti fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, fir-rapport tat-8 ta’ Ottubru 2018, il-Kummissjoni tindika li, fl-2012, dan it-territorju kien jipprovdi 78 % tal-volum totali ta’ qbid ta’ ħut fl-ibħra Marokkini u fl-ibħra li jmissu mat-territorju inkwistjoni. Bl-istess mod, minn dan ir-rapport jirriżulta wkoll li 66 % tal-ammont tal-appoġġ settorjali għall-perijodu mill-2014 sat-2018 tħallas lill-parti tas-Saħara tal-Punent ikkontrollata mir-Renju tal-Marokk. Minn dan għalhekk jista’ jiġi dedott li, skont il-prinċipju mfakkar fil-punt 213 iktar ’il fuq, il-parti tal-volum totali tal-qbid tal-ħut fiż-żona tas-sajd iddefinita mill-ftehim ikkontestat irrappreżentata mill-qbid mill-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent tista’ tiġġustifika l-ħlas ta’ parti sinjifikattiva tal-ammont tal-appoġġ settorjali lis-settur tas-sajd ta’ dan it-territorju mhux awtonomu.

215 Kif jirriżulta, b’mod partikolari, mill-Artikolu 12(4) tal-Ftehim dwar is-Sajd u mill-Artikolu 6(2) u mill-Artikolu 7(2) tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni, l-eżami tal-allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-kontribuzzjoni finanzjarja, u b’mod partikolari tal-appoġġ settorjali, jaqa’ fil-kompetenza konġunta tal-partijiet tal-ftehim ikkontestat. B’mod iktar preċiż, mill-Artikoli 4 u 6 sa 8 tal-imsemmi protokoll kif ukoll mill-punt E tal-Kapitolu 1 tal-anness tiegħu, jirriżulta li, kif irrilevat mir-rikorrent, il-pagamenti korrispondenti ma’ din il-kontribuzzjoni finanzjarja jitħallsu lir-Renju tal-Marokk u li dan għandu r-responsabbiltà li jużahom taħt il-kontroll tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

216 Konsegwentement, kif korrettament isostni r-rikorrent, l-effett fuq il-poplu tas-Saħara tal-Punent u l-obbligu li jintalab il-kunsens tiegħu jirriżultaw biss mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim ikkontestat u tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni, irrispettivament minn miżuri ta’ implimentazzjoni addizzjonali. B’mod partikolari, jista’ jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mir-Riżoluzzjoni 50/33

tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU (ara l-punt 19 iktar ’il fuq) u kif espona r-rikorrent, dan l-organu fakkar b’mod repetut id-dritt tal-poplu tat-territorji mhux awtonomi li jgawdi mir-riżorsi naturali tat-territorji tagħhom, li jiddisponi minn dawn ir-riżorsi fl-aħjar interessi tagħhom, b’mod partikolari r-riżorsi tal-baħar tagħhom, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sovranità permanenti tal-popolazzjonijiet ta’ dawn it-territorji fuq dawn ir-riżorsi tkun osservata u salvagwardata kompletament. Barra minn hekk, fil-punti 130 sa 134, 145 u 146 ta’ dawn il-konklużjonijiet fil-kawża Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:1), l-Avukat Ġenerali Wathelet ikkonstata li dan id-dritt kien rilevanti fil-kuntest ta’ ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk dwar l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tas-Saħara tal-Punent u li l-ksur tad-dritt tal-poplu tiegħu li jiddisponi b’mod ħieles minn dawn ir-riżorsi naturali jikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni.

217 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-natura purament ekonomika u mhux ġuridika tal-effetti tal-ftehim ikkontestat fuq it-territorju tas-Saħara tal-Punent, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, minħabba s-sempliċi fatt tal-applikazzjoni tiegħu fuq dan it-territorju u l-ibħra li jmissu miegħu, il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll ta’ Implimentazzjoni, moqrija flimkien mal-iskambju ta’ ittri, joħolqu effetti ġuridiċi fir-rigward tal-poplu ta’ dan it-territorju, bħala terz fil-ftehim, fis-sens tal-effett relattiv tat-trattati, għar-raġunijiet indikati fil-punti 201 sa 216 iktar ’il fuq. Barra minn hekk, minn naħa waħda, jista’ jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet ta’ dawn l-istrumenti u tal-annessi tagħhom jistipulaw regoli preċiżi u inkundizzjonati f’dak li jirrigwarda d-delimitazzjoni taż-żona tas-sajd u taż-żoni ta’ ġestjoni kif ukoll f’dak li jirrigwarda l-obbligi u l-limitazzjonijiet li għandhom jiġu osservati fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd, li huma applikabbli għall-ibħra li jmissu mal-imsemmi territorju. L-istess japplika għad-dispożizzjonijiet ta’ dawn l-istrumenti relatati mal-ammont tal-kumpens finanzjarju, il-kompożizzjoni tiegħu u l-allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tal-ftehim ikkontestat li jiddefinixxu l-qafas ġuridiku li fih parti minn dan il-kumpens finanzjarju jiġi allokat għal attivitajiet ekonomiċi li jinsabu fit-territorju inkwistjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet huma għalhekk ta’ natura li joħolqu effetti ġuridiċi fuq l-operaturi li jibbenefikaw mill-finanzjamenti li jirriżultaw minn dan il-kumpens, b’mod partikolari mill-appoġġ settorjali, inklużi dawk li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fuq dan it-territorju (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, id-digriet tal-10 ta’ Diċembru 2019, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-344/19, mhux ippubblikat, EU:T:2019:862, punti 24 sa 35).

218 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-fatt allegat li l-ftehim ikkontestat ma joħloqx drittijiet jew obbligi fil-konfront tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat, f’dan l-istadju, li, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk il-partijiet f’dan il-ftehim kellhomx l-intenzjoni li jagħtuh drittijiet, l-imsemmi ftehim jesprimi l-volontà tal-partijiet, jiġifieri tal-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, li jadottaw u jimplimentaw sistema legali ta’ sfruttament tar-riżorsi tas-sajd tal-ibħra li jmissu ma’ dan it-territorju u ta’ allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, b’mod partikolari, għall-benefiċċju tal-attivitajiet fuq l-imsemmi territorju. Ir-regoli implimentati minn din is-sistema legali huma imposti għalhekk fuq dan it-terz fir-rigward tal-ftehim inkwistjoni, inkwantu japplikaw għal dan it-territorju, b’mod partikolari r-regoli relatati mal-kompetenza tal-partijiet fl-imsemmi ftehim u tal-awtoritajiet pubbliċi tagħhom f’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tiegħu. B’mod partikolari, dawn ir-regoli jipprekludu li dan il-poplu jiddeċiedi b’mod liberu modalitajiet ta’ dan l-isfruttament u tal-allokazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw minnu. Il-ftehim ikkontestat għalhekk għandu l-effett li joħloq obbligi fil-konfront tiegħu (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 322 u l-ġurisprudenza ċċitata).

219 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument li l-ftehim ikkontestat ma huwiex, fi kwalunkwe każ, opponibbli għall-poplu tas-Saħara tal-Punent, minn naħa waħda, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament hija stabbilita biss skont il-kundizzjonijiet iddefiniti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kif interpretati mill-ġurisprudenza. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-opinjoni tal-professur tad-dritt internazzjonali pubbliku li fuqu l-KSMM jibbażaw ruħhom, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha fuq tali dokumenti sabiex tikkontesta l-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 198 u 199 u l-ġurisprudenza ċċitata).

220 Fil-ħames lok, l-effett tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ikkontestat applikabbli għall-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju mhux awtonomu fuq il-poplu tas-Saħara tal-Punent u l-ħtieġa li jinkiseb il-kunsens tiegħu ma humiex ikkontestati mill-kunsiderazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni fin-nota ta' intervent tagħha, li jipprevedu li r-relazzjoni legali "eżatta" bejn territorju mhux awtonomu u l-ibħra lil jinsabu lil hinn mill-kosti tiegħu ma humiex rregolati "b'mod ċar" mid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar.

221 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, kif korrettament enfasizza r-rikorrent, il-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar tikkostitwixxi l-espressjoni tal-istat attwali tad-dritt internazzjonali marittimu konswetudinarju, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-ġurisprudenza tal-QIĠ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-QIĠ tat-12 ta' Ottubru 1984, Delimitazzjoni tal-fruntiera marittima fir-reġjun tal-Golf ta' Maine, QIĠ, Ġabra 1984, p. 246, punt 94).

222 F'dan ir-rigward, mill-paragrafu 1(a) tar-Riżoluzzjoni III tal-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, tat-30 ta' April 1982, iċċitat mill-Kummissjoni, jirriżulta li, fil-każ ta' territorju mhux awtonomu, "id-dispożizzjonijiet relatati ma' drittijiet jew interessi msemmija fil-Konvenzjoni huma applikati għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju bil-għan li jippromwovu l-prosperità u l-iżvilupp tiegħu". Minn dan għalhekk għandu jiġi dedott li, kull darba li dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar jirreferu għal drittijiet jew għal interessi tal-Istati li huma parti f'din il-konvenzjoni, huma applikabbli b'analoġija għad-drittijiet u għall-interessi tal-popli tat-territorji mhux awtonomi u għandhom jiġu implimentati jekk mhux minnhom, tal-inqas għall-benefiċċju tagħhom. Fir-rigward tal-paragrafu 1(b) ta' din ir-riżoluzzjoni, iċċitat ukoll mill-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li, kif jirrileva r-rikorrent fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq in-nota ta' intervent ta' din l-istituzzjoni, dan il-paragrafu ma huwiex applikabbli għas-Saħara tal-Punent, sa fejn huwa jkopri l-"każ" ta' "tilwima bejn l-Istati dwar is-sovranità fuq it-territorju [mhux awtonomu]". Issa, id-diverġenzi dwar dan it-territorju bejn ir-Renju tal-Marokk u r-rikorrent ma għandhomx jiġu kkunsidrati, fid-dawl tal-istatus ta' dan tal-aħħar, bħala li jaqgħu taħt "tilwima bejn l-Istati".

223 Madankollu, fir-rigward tad-drittijiet li jaffettwaw l-isfruttament tar-riżorsi naturali li jinsabu fl-ibħra li jmissu ma' dawn it-territorji mhux awtonomi, ir-Riżoluzzjoni III tal-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' sovranità permanenti dwar dawn ir-riżorsi u tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni li jirriżulta minnu (ara l-punt 216 iktar 'il fuq), fis-sens li l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet għall-benefiċċju ta' dawn il-popli minn terz, pereżempju l-awtorità amministrattiva, ma jistax iseħħ mingħajr ma jkunu jistgħu jesprimu l-volontà tagħhom f'dan ir-rigward.

224 B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li, kif tfakkar il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 6 sa 9 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar tiddefinixxi, b'mod partikolari, id-drittijiet tal-Istat kostali fuq il-baħar territorjali u fuq iż-ŻEE. F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, l-Artikolu 2(1) ta' din il-Konvenzjoni jistipula li s-sovranità tal-Istat kostali testendi, lil hinn mill-art territorjali tiegħu u mill-ibħra interni tiegħu, lejn medda tal-baħar tal-biswit, deskritti bħala "baħar territorjali". L-Artikolu 2(3) ta' din il-Konvenzjoni jistipula li s-sovranità fuq il-baħar territorjali hija eżerċitata skont il-kundizzjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u mir-regoli l-oħra tad-dritt nazzjonali. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 55 ta' din l-istess Konvenzjoni jistipula li "[i]ż-żona ekonomika esklużiva hija żona lil hinn u biswit tal-baħar territorjali, suġġetti għar-reġim legali speċifiku stabbilit f'din il-parti, permezz tad-drittijiet u l-ġurisdizzjoni tal-Istat kostali u tad-drittijiet u l-libertajiet tal-Istati l-oħrajn li huma rregolati bid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din il-[k]onvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 56(1)(a) ta' din il-Konvenzjoni jistipula, b'mod partikolari, li "fiż-żona ekonomika esklużiva, l-Istat kostali għandu d-drittijiet sovrani għall-iskop tal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni, tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali, sew jekk ħajjin jew mhux ħajjin, tal-baħar supraqarib tal-qiegħ tal-baħar jew tal-qiegħ tal-baħar u l-istrata ta' taħt il-wiċċ tal-qiegħ tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

225 B'hekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti huwa dedott li t-territorji mhux awtonomi jistgħu jiġulhom rikonoxxuti drittijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-isfruttament tar-riżorsi naturali, fiż-żona tal-baħar li tmiss ma' dan it-territorju, iddefinita mill-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar bħala l-baħar territorjali, kif ukoll fiż-żona tal-baħar li tmur lil hinn minn din l-ewwel żona, fil-limitu tad-drittijiet irrikonoxxuti minn din il-Konvenzjoni lill-Istati kostali fuq iż-ŻEE u mingħajr preġudizzju għad-delimitazzjoni taż-żoni marittimi tal-Istati terzi kostali u tad-drittijiet tagħhom.

226 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 1(h) tal-Ftehim dwar is-Sajd jinkludi fiż-żona tas-sajd l-"ilmijiet tal-madwar [fi]s-Saħara tal-Punent" mingħajr ma huwa spjegat jekk dan il-kunċett jikkorrispondix biss mad-definizzjoni tal-baħar territorjali, fis-sens tal-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, jew jekk jestendix fuq iż-żona tal-baħar li tmur lil hinn minn din, fil-limiti tad-drittijiet irrikonoxxuti lill-Istati kostali fuq iż-ŻEE minn din l-istess Konvenzjoni. Fi kwalunkwe każ, sa fejn dan l-istess artikolu jispjega li d-definizzjoni taż-żona tas-sajd ma taffettwax in-negozjati eventwali dwar id-delimitazzjoni taż-żoni marittimi tal-Istati kostali taż-żona tas-sajd u, b'mod ġenerali, id-drittijiet tal-Istati terzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-poplu tas-Saħara tal-Punent jistgħu jiġulhom rikonoxxuti drittijiet fuq l-isfruttament tar-riżorsi naturali fl-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju, fis-sens tal-Ftehim dwar is-Sajd.

227 Sussegwentement, kif ifakkar ir-rikorrent u kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-QIĠ u tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ (QPA), id-drittijiet fuq il-baħar huma rregolati mill-prinċipju tad-dritt internazzjonali konswetudinarju li jipprevedi li "l-art tiddomina l-baħar minħabba l-estensjoni tal-kosti jew tal-konfini kostali", jiġifieri, b'mod iktar preċiż, li d-drittijiet fuq il-baħar jirriżultaw mis-sovranità tal-Istat kostali fuq l-art, peress li t-territorju marittimu jikkostitwixxi d-dipendenza inseparabbli tat-territorju tal-art (ara, f'dan is-sens, il-QPA, 23 ta' Ottubru 1909, Kawża ta' Grisbådarna (Norveġja, Svezja), *Ġabra ta' sentenzi ta' arbitraġġ*, Vol. XI, p. 159; il-QIĠ, sentenzi tat-8 ta' Ottubru 2007, Tilwima territorjali u marittima bejn in-Nikaragwa u l-Ħonduras fil-Baħar tal-Karibew (In-Nikaragwa vs Il-Ħonduras), sentenza, QIĠ, Ġabra 2007, p. 659, punt 126, u tat-3 ta' Frar 2009, Delimitazzjoni marittima fil-Baħar l-Iswed (Ir-Rumanija vs L-Ukraina), sentenza, QIĠ, Ġabra 2009, p. 61, punt 77).

228 Kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tar-rikorrent, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti b'mod impliċitu tapplika dan il-prinċipju għat-territorji mhux awtonomi, b'mod partikolari, meta, fir-Riżoluzzjoni 50/33, hija tiddikjara li "l-isfruttament negattiv u s-serq ta' riżorsi marittimi" ta' territorji mhux awtonomi "jikkompromettu l-integrità u l-prosperità ta' dawn it-territorji" u "tistieden lill-gvernijiet kollha u lill-organi kollha tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex jiżguraw li s-sovranità permanenti [ta' dawn it-territorji] fuq ir-riżorsi naturali tagħhom tkun osservata u salvagwardata kompletament" (ara l-punt 19 iktar 'il fuq). Hija għalhekk tistipula li r-riżorsi naturali li jinsabu fit-territorju marittimu li jikkostitwixxu d-dipendenza inseparabbli tal-parti tal-art ta' dawn it-territorji mhux awtonomi jaqgħu fis-sovranità permanenti tal-popli ta' dawn it-territorji.

229 Barra minn hekk, kif jirrileva r-rikorrent, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għat-territorji mhux awtonomi hija dedotta wkoll mill-prattika internazzjonali tal-Unjoni, kif juri l-Ftehim ta' assoċjazzjoni interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Frar 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 26, p. 124). Fil-fatt, l-Artikolu 1(m) tal-Protokoll Nru 3 ta' dan il-ftehim relatat mad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinanti" u tal-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva jiddefinixxi t-"territorji" tal-partijiet bħala t-"territorji jinkludi ilma teritorjali".

230 Finalment, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat b'mod impliċitu dawn il-prinċipji għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha.

231 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa waħda, li l-ibħra li fuqhom l-Istat kostali għandu sovranità jew ġurisdizzjoni, skont il-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, huma limitati għall-ibħra li jmissu mat-territorju tiegħu u li jaqgħu fil-baħar territorjali tiegħu jew fiż-ŻEE tiegħu u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl tal-fatt li t-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jifformax parti mit-territorju tar-Renju tal-Marokk, l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jaqgħux fiż-żona ta' sajd Marokkina (sentenza Western Sahara Campaign UK, punti 68 u 69).

232 Għalhekk minn dan jista' jiġi dedott li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-drittijiet fuq l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent għandhom isegwu d-drittijiet fuq il-parti tal-art ta' dan it-territorju mhux awtonomu u, b'mod partikolari, dawk tal-poplu tiegħu.

233 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta għalhekk li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, id-drittijiet tal-Istat kostali stabbiliti mill-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar u, b'mod partikolari, id-drittijiet relatati mal-isfruttament tar-riżorsi naturali li jinsabu fiż-żoni ddefiniti minn din il-Konvenzjoni, inklużi r-riżorsi tas-sajd, jistgħu jiġu eżerċitati għall-benefiċċju tal-popli tat-territorji mhux awtonomi li għandhom kosta marittima, bħas-Saħara tal-Punent, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati kostali ġirien.

234 Fi kwalunkwe każ, sa fejn il-ftehim ikkontestat ma japplikax biss għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent, iżda wkoll għat-territorju stess tiegħu, il-poplu tiegħu huwa affettwat mill-applikazzjoni territorjali ta' dan il-ftehim, irrispettivament mir-relazzjoni bejn l-imsemmi territorju u l-imsemmija ibħra li jmissu miegħu.

235 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, peress li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat jinkludi t-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu, dan il-ftehim jista' jaffettwa l-poplu ta' dan it-territorju u għalhekk għandu bżonn il-kunsens tiegħu.

– Fuq it-tielet parti tal-argument tal-Kunsill, ibbażata fuq in-nuqqas ta' bidla tas-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent, fid-dawl tar-rwol limitat tiegħu għall-parteċipazzjoni fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent

236 Skont il-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM, ir-rwol mogħti lir-rikorrent fil-qafas tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent ma jfissirx li d-deċiżjoni kkontestata u l-ftehim ikkontestat joħolqu effetti diretti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu. Fil-fatt, is-setgħa ta' rappreżentazzjoni tiegħu hija limitata u mhux esklużiva u huwa ma huwiex operatur ekonomiku. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata u l-ftehim ikkontestat ma jippreġudikawx ir-riżultat ta' dan il-proċess. B'hekk, l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata fuq ir-rikorrent huma, l-iktar, indiretti u politiċi.

237 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li, minħabba s-sempliċi fatt li d-deċiżjoni kkontestata taffettwa lill-poplu tas-Saħara tal-Punent, fis-sens tal-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, hija toħloq effetti ġuridiċi diretti fuq is-sitwazzjoni tiegħu bħala l-uniku rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, huwa jsostni li l-proċess politiku ta' awtodeterminazzjoni jinkludi "ovvjament" il-kwistjonijiet ekonomiċi u marbuta mal-isfruttament tar-riżorsi naturali u li, fi kwalunkwe każ, il-ftehim ikkontestat iqajjem kwistjoni "territorjali", b'tali mod li t-tilwima taqa' kompletament fil-qafas li fih jeżerċita l-missjoni tiegħu.

238 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandha titfakkar is-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent, kif tirriżulta mill-iżvilupp tal-kuntest internazzjonali mfakkar fil-punti 2 sa 20 iktar 'il fuq. Fil-fatt, minkejja li l-proċess ta' awtodeterminazzjoni ta' dan it-territorju għadu għaddej, l-awtorità amministrattiva tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri r-Renju ta' Spanja, irrinunzjat, b'effett mis-26 ta' Frar 1976, milli teżerċita kwalunkwe responsabbiltà ta' natura internazzjonali relatata mal-amministrazzjoni ta' dan it-territorju, u dwar dan il-korpi tal-ONU ħadu konjizzjoni (ara l-punt 13 iktar 'il fuq). Konsegwentement, il-partijiet f'dan il-proċess, immexxi taħt l-awspiċi ta' din l-organizzazzjoni, huma, minn naħa waħda, ir-Renju tal-Marokk, li jinvoka l-eżerċizzju ta' drittijiet sovrani fuq dan it-territorju u, min-naħa l-oħra, ir-rikorrent, bħala rappreżentant tal-poplu ta' dan it-territorju. B'hekk, kif tesponi, essenzjalment, il-Kummissjoni fin-nota ta' intervent tagħha, hemm "kunflitt ta' leġittimità" bejn ir-Renju tal-Marokk u r-rikorrent f'dak li jirrigwarda r-"rappreżentattività" ta' dan it-territorju u tal-popolazzjoni tiegħu (sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 203).

239 Sussegwentement, fir-rigward tal-portata tar-rappreżentattività tar-rikorrent fil-konfront tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u tal-effett tiegħu fuq l-inċidenza diretta minn deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li japplika espliċitament għal dan it-territorju u għall-ibħra li jmissu miegħu, għandu jiġi rrilevat li, il-qrati tal-Unjoni ma ħadux pożizzjoni dwar din il-kwistjoni, la fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK u lanqas fid-digrieti msemmija fil-punt 52 iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 204).

240 Min-naħa l-oħra, il-Kunsill, jirreferi għall-punti 183 sa 194 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:677), li fihom l-Avukat Ġenerali indika li, fl-opinjoni tiegħu, ir-rikorrent kien irrikonoxxut mill-ONU bħala r-rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent biss fil-qafas tal-proċess politiku intiż sabiex tiġi

solvuta l-kwistjoni tal-awtodeterminazzjoni tal-poplu ta' dan it-territorju u li t-tilwima inkwistjoni ma kinitx tagħmel parti minn dan il-proċess politiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 205).

241 Madankollu, mill-punt 7 tar-Riżoluzzjoni 34/37 u mill-punt 10 tar-Riżoluzzjoni 35/19 (ara l-punt 16 iktar 'il fuq) jirriżulta li r-rikonoxximent, mill-organi tal-ONU, tar-rappreżentattività tar-rikorrent fir-rigward tal-imsemmi poplu loġikament tiġi qabel ir-rikonoxximent tad-dritt tiegħu li jkun parti fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni ta' dan it-territorju u li huwa preċiżament minħabba din ir-rappreżentattività li dawn l-organi kkunsidraw li huwa kellu dan id-dritt. Konsegwentement, minkejja li huwa veru li dan il-proċess ma fihx komponent relatat mal-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tat-territorju u l-allokazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw minnha, il-parteċipazzjoni tar-rikorrent f'dan il-proċess ma tfissirx li huwa ma jistax jirrappreżenta lill-poplu tas-Saħara tal-Punent fil-qafas ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, peress li dan tal-aħħar japplika għall-imsemmi territorju u għall-ibħra li jmissu miegħu u jaffettwa, minħabba f'hekk, lill-poplu inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 206 u 207).

242 Barra minn hekk, kif jirriżulta mir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU relatati ma' din il-kwistjoni u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:1) (ara l-punt 216 iktar 'il fuq), id-dritt tal-popli tat-territorji mhux awtonomi, u b'mod partikolari tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, li jiddisponu liberament mir-riżorsi naturali tagħhom huwa parti integrali mid-dritt ta' awtodeterminazzjoni tagħhom.

243 Finalment, fir-rigward tal-esklużività tar-rappreżentattività tar-rikorrent fir-rigward tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, f'dan l-istadju, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li mid-dokumenti tal-proċess ma jirriżultax li l-organi tal-ONU, kif ir-rikorrent jirrileva essenzjalment, ikkontestaw il-pożizzjoni espressa fir-Riżoluzzjonijiet 34/37 u 35/19 u rrikonoxxew organizzazzjonijiet oħra li awtorizzawh jirrappreżenta lill-poplu inkwistjoni. Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-KSMM, il-fatt li, fil-qafas tal-monitoraġġ tagħhom tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni, dawn l-organi għandhom, skont il-mandat tagħhom, rapporti u skambji ma' organizzazzjonijiet oħra minbarra r-rikorrent, b'mod partikolari dawk tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-awtoritajiet Marokkini, ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Bl-istess mod, il-kwalità bħala awtorità amministrattiva, fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, tas-Saħara tal-Punent eventwalment miżmuma mir-Renju ta' Spanja, minkejja d-dikjarazzjoni tagħha tas-26 ta' Frar 1976, ma għandhiex, fi kwalunkwe każ, tostakola l-espressjoni tal-kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju permezz tar-rikorrent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 208 u 209).

244 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li l-konklużjoni, mill-Unjoni, tal-ftehim ikkontestat ma' waħda mill-partijiet fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni fis-seħħ fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, li tinvoka drittijiet ta' sovranità fuqu u fuq l-ibħra li jmissu miegħu u, kif jirriżulta mill-iskambju ta' ittri (ara l-punt 70 iktar 'il fuq), ikkonkludiet hi stess l-imsemmi ftehim abbażi ta' dan, toħloq neċessarjament effetti ġuridiċi fuq il-parti l-oħra f'dan il-proċess, fid-dawl tal-"kunflitt ta' leġittimità" li hemm bejn il-partijiet fir-rigward ta' dan it-territorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 210).

245 Barra minn hekk, il-motivi tal-iskambju ta' ittri u l-premessi tad-deċiżjoni kkontestata jindikaw li l-partijiet stess, u b'mod partikolari l-Unjoni, jafu li l-konklużjoni ta' dan il-ftehim għandha rabta mal-proċess ta' awtodeterminazzjoni fis-seħħ fis-Saħara tal-Punent.

246 Dan jixhdu l-fatt li, fi-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-iskambju ta' ittri, il-partijiet "itennu l-appoġġ tagħhom għall-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti" u, fil-paragrafu 2, jispjegaw li l-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd ma tippreġudikax il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent u tal-ibħra li jmissu magħha, jiġifieri, minn naħa waħda, għall-Unjoni, li hija territorju mhux awtonomu li għandu dritt għall-awtodeterminazzjoni u, min-naħa l-oħra, għar-Renju tal-Marokk, li din hija "parti integrali" mit-territorju nazzjonali tiegħu. Barra minn hekk, l-Unjoni tispjega li, għalkemm l-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju huma koperti miż-żona tas-sajd kif iddefinita fl-Artikolu 1(h) tal-Ftehim dwar is-Sajd, "kull referenza fil-Ftehim dwar is-Sajd għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Marokk ma tippreġudikax il-pożizzjoni tagħha". Bl-istess mod, ir-Renju tal-Marokk jispjega li huwa jikkunsidra li "kull soluzzjoni għal din it-tilwima reġjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-inizjattiva tiegħu ta' awtonomija".

247 Minn dan għalhekk għandu jiġi dedott li kien hemm ir-riskju li l-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat setgħet tiġi interpretata bħala pożizzjoni komuni dwar l-istatus ta' dan it-territorju u bħala li tikkawża preġudizzju għall-proċess ta' awtodeterminazzjoni inkwistjoni u li kien meħtieġ li jsiru dawn l-ispjegazzjonijiet sabiex ma jkunx hemm tali riskju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 212).

248 Dawn il-preokkupazzjonijiet huma riflessi wkoll premessi 4 u 12 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 60 iktar 'il fuq). B'mod partikolari, f'din l-aħħar premessa, il-Kunsill jirrispondi lir-rikorrent u lill-"partijiet oħra" li "ma aċċettawx li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni" u li ma aċċettawx "l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu għall-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent" għaliex "ħassew essenzjalment li dawk l-atti jikkonfermaw il-pożizzjoni tal-Marokk fir-rigward tat-territorju tas-Saħara tal-Punent". F'dan ir-rigward, il-Kunsill jindika li "mhemm xejn fit-termini tal-Ftehim dwar is-Sajd jew tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu li jimplika rikonoxximent tas-sovranità jew tad-drittijiet sovrani tar-Renju tal-Marokk fuq is-Saħara tal-Punent u l-ilmijiet li jmissu" u li "l-Unjoni ser tkompli wkoll tintensifika l-isforzi tagħha b'appoġġ għall-proċess, mibdi u mmexxi taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim".

249 Barra minn hekk, minkejja li, kif jirrileva l-Kunsill fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrent ma aċċettax li jipparteċipa fil-konsultazzjonijiet msemmija fil-punt 248 iktar 'il fuq, mir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 jirriżulta li "saritlu stedina għal laqgħa sabiex tkun magħrufa l-opinjoni tiegħu dwar l-estensjoni tal-ftehim ikkontestat għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent". Konsegwentement, anki jekk ir-rikorrent ma huwiex parti f'dan il-ftehim u ma pparteċipax fin-negozjati sabiex jiġi konkluż, li kienu jinvolvu biss lill-awtoritajiet tal-Unjoni u l-awtoritajiet Marokkini, huwa ġie kkunsidrat mill-istituzzjonijiet bħala interlokutur leġittimu sabiex jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar l-imsemmi ftehim (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 214).

250 Konsegwentement, sa fejn il-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat taffettwa lill-poplu tas-Saħara tal-Punent u għandha tkun suġġetta għall-kunsens tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata toħloq effetti diretti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent bħala rappreżentant ta' dan il-poplu. Barra minn hekk, sa fejn dan il-ftehim ġie konkluż mar-Renju tal-Marokk, huwa jikkonċernah direttament bħala parti fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni f'dan it-territorju. Fil-fatt, minn naħa waħda, huwa stabbilit li r-rikorrent ma tax il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat u min-naħa l-oħra, huwa jsostni li, fil-qafas ta' dan ir-rikors, li l-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent ma ngħatax b'mod validu, minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li ma ngħatax minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 215).

251 Il-fatt li r-rikorrent ma huwiex operatur ekonomiku ma huwiex rilevanti, sa fejn huwa mhux qiegħed jippretendi li għandu din il-kwalità u ma għandux intenzjoni li jibbaża l-inċidenza diretta mill-applikazzjoni fil-konfront tiegħu ta' regoli li jikkundizzjonaw l-għoti ta' preferenzi tariffarji lill-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent, iżda mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali stess ta' dan il-ftehim. B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-paragun bejn din il-kawża u l-kawża li tat lok għas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (T-65/18, EU:T:2019:649), invokata mill-Kunsill u mill-Kummissjoni insostenn tal-argument tagħhom, apparti l-fatt li, permezz tas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Involviment ta' Stat terz) (C-872/19 P, EU:C:2021:507), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ċċitata mill-Kunsill, hemm lok li jiġi rrilevat li t-tilwima inkwistjoni f'dik il-kawża bejn dan l-Istat terz u l-Kunsill kienet relatata ma' atti unilaterali li japplikaw biss fit-territorju tal-Unjoni u li l-kunsens ta' terz għal dawn l-atti ma kienx rikjest. Dan il-paragun, għalhekk, ma huwiex, fi kwalunkwe każ, rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 217).

252 Barra minn hekk, il-fatt allegat mill-Kummissjoni li l-ftehim ikkontestat u d-deċiżjoni kkontestata ma jippreġudikawx il-konklużjoni tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni ma jfissirx li dawn l-atti ma humiex ta' natura li jibdlu s-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent, bħala rappreżentant ta' terz f'dan il-ftehim u parti f'dan il-proċess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 218).

253 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li t-tliet partijiet tal-argument tal-Kunsill, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM, f'dak li jirrigwarda l-ewwel kriterju ta' inċidenza diretta, għandhom jiġu miċħuda u li r-rikorrent jissodisfa dan il-kriterju.

ii) Fuq it-tieni kriterju tal-inċidenza diretta, relatata man-natura purament awtomatika u li tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tal-implimentazzjoni tal-miżura kkontestata

254 Kif tfakkar fil-punt 176 iktar 'il fuq, il-Kunsill isostni li l-ftehim ikkontestat jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni sabiex joħloq effetti ġuridiċi fir-rigward ta' terzi, filwaqt li r-rikorrent isostni li, minħabba s-sempliċi fatt li d-deċiżjoni kkontestata twassal għall-konklużjoni ta' ftehim applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu, hija taffettwah direttament, mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri ta' implimentazzjoni.

255 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 179 iktar 'il fuq, it-tieni kriterju tal-inċidenza diretta jirrikjedi li l-miżura kkontestata ma tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha, fid-dawl tan-natura awtomatika tal-implimentazzjoni tagħha, li tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra.

256 F'dan il-każ, fil-qafas tal-eżami tal-ewwel kriterju tal-inċidenza diretta, fil-punti 204 sa 216 iktar 'il fuq ġie kkonstatat li l-inċidenza fuq il-poplu tas-Saħara tal-Punent u l-obbligu li jintalab il-kunsens tiegħu jirriżultaw biss mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni, moqrija flimkien mal-iskambju ta' ittri, liema tliet strumenti kienu kollha kemm huma approvati bid-deċiżjoni kkontestata, indipendentement minn miżuri ta' implimentazzjoni addizzjonali. B'mod partikolari, kif isostni r-rikorrent, ir-regolament ikkontestat fil-Kawża T-356/19 ma jistax jostakola l-inċidenza diretta tiegħu permezz tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dan ir-regolament huwa miżura teknika relatata ma' aspett ta' punt tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni, jiġifieri l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija bis-saħħa ta' dan il-protokoll.

257 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, it-tieni kriterju tal-inċidenza diretta huwa ssodisfatt meta l-possibbiltà għad-destinatarji li ma jikkonformawx ruħhom mal-att tal-Unjoni hija purament teoretika, peress li ma jkunx hemm dubju dwar il-volontà tagħhom li jisiltu konklużjonijiet konformi miegħu (ara s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2019, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni, C-117/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1042, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

258 F'dan il-każ, sa fejn il-ftehim ikkontestat ġie konkluż preċiżament bil-għan li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni li jerġgħu jibdew l-attivitajiet ta' sajd tagħhom fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent u lill-popolazzjonijiet ta' dan it-territorju li jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja korrispondenti, għandu jiġi kkonstatat li l-volontà tal-awtoritajiet tal-Unjoni u ta' dawk tar-Renju tal-Marokk li ma jikkonformawx ruħhom mal-obbligi li jirriżultaw minnu hija purament teoretika.

259 Għalhekk, hemm lok li jiġi konkluż li r-rikorrent huwa affettwat direttament mid-deċiżjoni kkontestata.

2) Fuq l-inċidenza individwali fuq ir-rikorrent

260 Il-Kunsill isostni li l-parteċipazzjoni tar-rikorrent fin-negozjati dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent ma hijiex tali li tindividwalizzah fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata u li l-ftehim ikkontestat ma jaffettwax il-pożizzjoni tiegħu fil-qafas ta' dawn in-negozjati. Fil-kontroreplika, huwa jżid li anki jekk ir-rikorrent għandu kompetenza għall-kwistjonijiet ekonomiċi tas-Saħara tal-Punent, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 69 tas-sentenza tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Nederlandse Antillen (C-142/00 P, EU:C:2003:217), li din il-kompetenza ma hijiex suffiċjenti sabiex tistabbilixxi li huwa individwalment ikkonċernat bil-ftehim ikkontestat.

261 Il-Kummissjoni, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju ta' Spanja u l-KSMM jiżviluppaw, essenzjalment, l-istess argument.

262 Ir-rikorrent isostni li huwa individwalment ikkonċernat, minħabba li mill-punti 100 sa 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario jirriżulta li l-poplu tas-Saħara tal-Punent, li tiegħu huwa r-rappreżentant, għandu jagħti l-kunsens tiegħu għal kull ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju tas-Saħara. B'hekk, fid-dawl tar-rwol li għandu fir-rigward ta' dan il-poplu, b'mod partikolari fl-espressjoni tal-kunsens tiegħu li jkun marbut permezz ta' trattat, huwa għandu kwalitajiet partikolari li jikkaratterizawh meta mqabbel ma' kwalunkwe persuna oħra u għalhekk huwa affettwat individwalment mid-deċiżjoni kkontestata. Fir-replika, ir-rikorrent iżid li, billi pproċeda bil-konsultazzjonijiet imsemmija fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill ipprekludieh milli jeżerċita l-kompetenza tiegħu sabiex jesprimi l-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u jsostni, essenzjalment, l-argument espost sabiex juri li huwa direttament affettwat minn din id-deċiżjoni.

263 Skont ġurisprudenza stabbilita, is-suġġetti l-oħra li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni jistgħu jallegaw li huma kkonċernati individwalment biss jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni fattwali li tikkaratterizzahom meta mqabbla ma' kwalunkwe persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, jiġu individwalizzati bl-istess mod bħalma kien ikun individwalizzat id-destinatarju ta' tali deċiżjoni (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 228 u l-ġurisprudenza ċċitata).

264 F'dan il-każ, bħala rappreżentant tal-poplu ta' territorju mhux awtonomu, li għandu dritt għall-awtodeterminazzjoni, ir-rikorrent għandu, bis-saħħa tad-dritt internazzjonali, kompetenzi proprji u distinti minn dawk tal-partijiet għall-ftehim ikkontestat. B'hekk, huwa jista' utilment isostni, sabiex juri li huwa individwalment affettwat mid-deċiżjoni kkontestata, li din tipprekludih milli jeżerċita, kif jixtieq, l-imsemmija kompetenzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 229).

265 Fil-qafas tal-eżami tal-inċidenza diretta tar-rikorrent, ġie konkluż li, sa fejn il-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat taffettwa lill-poplu tas-Saħara tal-Punent u tinvolvi l-kisba tal-kunsens tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata toħloq effetti diretti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent bħala rappreżentant ta' dan il-poplu u bħala parti fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni fuq dan it-territorju (ara l-punti 241 sa 250 iktar 'il fuq). Konsegwentement, ir-rikorrent għandu jiġi kkunsidrat bħala affettwat mid-deċiżjoni kkontestata minħabba kwalitajiet li huma partikolari għalih u li jindividwalizzawh bl-istess mod bħalma kien ikun individwalizzat id-destinatarju ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 230 u 231).

266 Il-fatti tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Nederlandse Antillen (C-142/00 P, EU:C:2003:217), invokata mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-KSMM, ma humiex komparabbli ma' dawk ta' din il-kawża. Fil-fatt, minn naħa waħda, il-miżuri kkontestati fil-qafas ta' dik il-kawża ma jsemmux b'mod speċifiku t-territorju tal-partijiet rikorrenti. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri ma tfissirx li huwa meħtieġ il-kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 233 sa 235).

267 Il-ġurisprudenza relatata mal-effett individwali tal-assoċjazzjonijiet (ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, EU:C:2007:32, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tat-3 ta' April 2014, ADEAS vs Il-Kummissjoni, T-7/13, mhux ippubblikat, EU:T:2014:221, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), iċċitata mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Franċiża, lanqas ma hija rilevanti, peress li l-inċidenza individwali ta' assoċjazzjoni li tiddefendi l-interessi privati tal-membri tagħha ma għandhiex tkun ipparagunata ma' dik ta' entità li tirrapreżenta lill-poplu ta' territorju mhux awtonomu. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol tar-rikorrent u taċ-ċirkustanzi msemmija fil-punti 241 sa 250 iktar 'il fuq, li huma suffiċjenti sabiex jindividwalizzawh fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li ma pparteċipax fin-negozjati mmexxija mill-Unjoni għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat ma jistax jiġi invokat kontrih (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 236 u 237).

268 Minn dan isegwi li r-rikorrent ma huwiex biss direttament, iżda wkoll individwalment affettwat bid-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, hemm lok li tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill ibbażata fuq in-nuqqas ta' *locus standi* tiegħu u li jiġi eżaminat il-mertu tar-rikors.

3. Fuq il-mertu tar-rikors

269 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent iqajjem ħdax-il motiv. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-inkompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata, it-tieni, fuq il-ksur tal-obbligu tiegħu li jivverifika r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tad-dritt internazzjonali umanitarju, it-tielet, fuq il-ksur tal-obbligu li jiġu eżegwiti s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raba', fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali, bħala prinċipji u valuri li għandhom jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-Unjoni, il-ħames, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, is-sitta, fuq

l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità, is-sebgħa, fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-politika dwar is-sajd, it-tmienja, fuq il-ksur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, id-disgħa, fuq il-ksur tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, l-għaxra, fuq il-ksur tad-dritt internazzjonali umanitarju u, il-ħdax, fuq il-ksur tal-obbligi tal-Unjoni taħt id-dritt tar-responsabbiltà internazzjonali.

a) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata

270 Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill, bħala organu tal-Unjoni, ma kellux kompetenza sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata, peress li din twassal għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali applikabbli għal territorju li jaqa' taħt is-sovranità ta' poplu terz, li fir-rigward tiegħu la l-Unjoni u lanqas il-kokontraent tagħha ma kellhom awtorità.

271 Il-Kunsill isostni li, permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrent jikkontesta, fir-realtà, il-kompetenza tal-Unjoni minħabba l-ksur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati u jirreferi għar-risposta tiegħu għat-tmien u disa' motiv. Barra minn hekk, huwa jirrileva li l-kompetenza sabiex jikkonkludi ftehim internazzjonali ingħatatlu permezz tal-Artikolu 218(6) TFUE.

272 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ssostni li d-dritt internazzjonali ma jipprekludix il-konklużjoni, mill-awtorità amministrattiva ta' territorju mhux awtonomu, ta' ftehim internazzjonali li japplika għal dan it-territorju. F'dan il-każ, ir-Renju tal-Marokk għandu jiġi kkunsidrat bħala li huwa, *de facto*, l-awtorità amministrattiva tas-Saħara tal-Punent. Ir-Repubblika Franċiża tiddefendi, essenzjalment, pożizzjoni simili. Il-KSMM japprovaw, essenzjalment, ir-risposta tal-Kunsill għal dan il-motiv.

273 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, mill-provi prodotti mir-rikorrent u mid-dokumenti tal-proċess ma jirriżultax li l-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat għandha tkun eskluża minħabba l-istatus ta' organizzazzjoni internazzjonali tal-Unjoni jew minħabba regola tad-dritt internazzjonali li tipprojbixxi espressament tali konklużjoni, li tirriżulta, b'mod partikolari, minn riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà jew minn sentenza tal-QIĠ. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif jiġi dedott mill-punt 98 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario u mill-punti 70 sa 72 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx, bħala regola, li l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk jistgħu jikkonkludu ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent jew għall-ibħra li jmissu miegħu (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 247 u 248 u l-ġurisprudenza ċċitata).

274 Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

275 L-eżami dwar il-mertu tar-rikors għandu jkompli bl-analiżi tat-tielet motiv.

b) Fuq it-tielet motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur, mill-Kunsill, tal-obbligu tiegħu li jikkonforma ruħu mar-rekwiżiti dedotti mill-ġurisprudenza tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati

276 Ir-rikorrent isostni li, meta kkonkluda mar-Renju tal-Marokk ftehim espliċitament applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu mingħajr il-kunsens tiegħu, il-Kunsill kiser l-obbligu ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirriżulta mill-Artikolu 266 TFUE. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-inklużjoni impliċita ta' dan it-territorju fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ftehim konklużi bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk hija ġuridikament impossibbli, minħabba l-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. Minn dan ir-rikorrent jiddeduċi li, għall-istess raġunijiet, applikazzjoni espliċita ta' tali ftehim fir-rigward tal-imsemmi territorju u tal-ibħra li jmissu miegħu hija, iktar u iktar, esklużа. Barra minn hekk, fl-ewwel parti tar-rikors kif ukoll fil-kunsiderazzjonijiet preliminari tar-replika u fl-osservazzjonijiet fin-noti ta' intervent, ir-rikorrent isostni, b'mod partikolari, li l-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat hija kuntrarja għall-ġurisprudenza inkwantu ma tosservax l-istatus separat u distint tas-Saħara tal-Punent u li hija ġiet adottata mingħajr il-kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju għall-imsemmi ftehim.

277 Il-Kunsill isostni li, meta kkonkluda ftehim li jinkludi espliċitament fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent, wara li kiseb il-kunsens tal-popolazzjonijiet ta' dan it-territorju, huwa kkonforma ruħu mas-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK.

278 B'mod iktar preċiż, fil-kunsiderazzjonijiet preliminari tar-risposta, intitolati "Kwistjonijiet orizzontali", fl-ewwel lok, il-Kunsill isostni li l-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-SEAE, li kellhom l-għan li jiżguraw l-ikbar parteċipazzjoni possibbli ta' awtoritajiet u organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-popolazzjonijiet milqutin, mingħajr preġudizzju għat-tmiem tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni, ippermettew li jinkiseb il-kunsens tagħhom, skont is-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario u b'osservanza tal-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali. Fit-tieni lok, għandu jiġi sostnut li s-sitwazzjoni attwali tas-Saħara tal-Punent ma tippermettix li jiġi kkonsultat b'mod dirett il-poplu kkonċernat jew permezz ta' rappreżentant istituzzjonali tal-poplu ta' dan it-territorju. Fit-tielet lok, l-istituzzjonijiet setgħu jużaw il-marġni diskrezzjonali tagħhom sabiex jipproċedu b'konsultazzjonijiet ibbażati fuq kriterju oġġettiv, ibbażat fuq benefiċċji għall-popolazzjonijiet ta' dan it-territorju, u dawn huma, f'dan ir-rigward, konformi mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli. Fir-raba' lok, fil-kontroreplika, il-Kunsill jiddikjara li huwa biss ir-Renju tal-Marokk, li huwa l-awtorità amministrattiva "*de facto*" fuq it-territorju tas-Saħara tal-Punent, li għandu l-kapaċità ġuridika u l-mezzi amministrattivi u doganali sabiex jikkonkludi ftehim dwar is-sajd mal-Unjoni. Fil-ħames lok, ir-rikorrent ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati mill-ġurisprudenza sabiex jinvoka regoli ta' dritt internazzjonali.

279 Il-Kummissjoni tiżviluppa, essenzjalment l-istess analiżi bħal dik tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-proċess li wassal għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat u l-invokabbiltà tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet ta' konklużjoni ta' dawn il-ftehim. Fil-qafas tas-seba' u tat-tmien motiv, hija terġa' tikkontesta, b'mod speċifiku, l-invokabbiltà tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. Hija żżid, fil-punt 1.2 ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, li l-ftehim ikkontestat huwa konformi mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali pubbliku stabbiliti bl-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u mir-Riżoluzzjoni III tal-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar. Hija ssostni, essenzjalment, li dawn id-dispożizzjonijiet ma

jipprekludux il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent mir-Renju tal-Marokk u mill-Unjoni fil-qafas ta' ftehim internazzjonali, peress li din il-ġestjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-popolazzjoni ta' dan it-territorju, u li l-argumenti tar-rikorrent joħolqu lakuna ġuridika fil-governanza ta' dawn l-ibħra. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar ma tużax il-kunċett ta' kunsens. Finalment, hija ssostni li r-rikorrent jinterpreta b'mod żbaljat il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, li huma limitati sabiex jinterpretaw il-ftehim applikabbli għat-territorju tar-Renju tal-Marokk u tal-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali rilevanti, iżda li ma jirrigwardawx il-validità ta' dawn il-ftehim.

280 Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Franċiża jiżviluppaw, essenzjalment, argument simili għal dak tal-Kunsill u tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta-prinċipji ta' dritt internazzjonali, l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni kkontestata u l-validità tal-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u s-SEAE.

281 Il-KSMM jaqblu, parzjalment, mal-analiżi tal-Kunsill relatat mal-proċess ta' konsultazzjonijiet qabel il-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat. Barra minn hekk, huma jiddikjaraw li r-rappreżentanti lokali eletti, li pparteċipaw f'din il-konsultazzjoni, huma r-rappreżentanti leġittimi tal-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent u għandhom il-leġittimità demokratika. Barra minn hekk, fir-rigward b'mod speċifiku, tat-tielet motiv, huma jsostnu li, b'mod partikolari, l-Artikolu 266 TFUE ma huwiex applikabbli f'dan il-każ. Finalment, fil-kuntest tar-raba' motiv, huma jsostnu li l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati ma huwiex applikabbli u li, fi kwalunkwe każ, il-ftehim ikkontestat ma jistax jiġi kkontestat mir-rikorrent.

282 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li parti mill-argument tal-Kunsill, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM tqajjem, b'mod definittiv, il-kwistjoni dwar jekk dan il-motiv huwiex ineffettiv. Din il-kwistjoni għandha għalhekk tiġi eżaminata qabel ma tingħata deċiżjoni, jekk ikun il-każ, fuq il-mertu ta' dan il-motiv.

1) Fuq l-argumenti tal-Kunsill, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM relatati man-natura ineffettiva tat-tielet motiv

283 L-argumenti tal-Kunsill u tal-intervenjenti jikkontestaw il-bażijiet legali ta' dan il-motiv taħt tlett aspetti. L-ewwel nett, l-Artikolu 266 TFUE ma huwiex applikabbli. It-tieni, is-sentenzi ċċitati mir-rikorrent ma jistgħux jiġu invokati b'mod utli sabiex jikkontestaw il-validità tal-ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk. It-tielet, ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-prinċipji tad-dritt internazzjonali konswetudinarju li, f'dan il-każ, jallega li nkiser.

284 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 266 TFUE, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fil-qafas tat-tielet motiv tiegħu, li kien ibbażat fuq l-istess bażijiet legali bħal dan il-motiv, mill-Artikolu 266 TFUE, ir-rikorrent ma setax jiddeduċi obbligu, fuq l-istituzzjonijiet, li jeżegwixxu s-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK jew id-digrieti tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punt 52 iktar 'il fuq, b'mod partikolari, minħabba li l-ebda waħda minn dawn id-deċiżjonijiet tal-Unjoni ma kienet wasslet għall-annullament ta' att tal-Unjoni jew ikkonstatat l-invalidità ta' tali att. Minn dan hija kkonkludiet li, peress li kien ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dan il-motiv kien ineffettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 262 sa 265 u l-ġurisprudenza ċċitata).

285 Madankollu, peress li l-argument żviluppat insostenn ta' dan il-motiv kien mibni fuq ilment ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur, mill-istituzzjonijiet, tal-obbligu tagħhom li jikkonformaw ruħhom mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mar-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli għall-ftehim inkwistjoni f'dik il-kawża, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrent seta' utilment juża dan il-ksur, peress li l-qrati tal-Unjoni għandhom kompetenza jistħarrġu, fil-qafas ta' rikors għal annullament, il-konformità tal-att ikkontestat mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li d-deċiżjoni li kienet ikkontestata fil-kawża inkwistjoni kienet ġiet adottata preċiżament sabiex jiġu misluta l-konsegwenzi ta' din il-ġurisprudenza, u b'mod iktar partikolari tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario. Hija għalhekk ikkonkludiet li, minkejja r-riferiment żbaljat għall-Artikolu 266 TFUE, it-tielet motiv, inkwantu bbażat, essenzjalment, fuq l-ilment imsemmi iktar 'il fuq, ma huwiex ineffettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 267 sa 272).

286 Sa fejn, fil-qafas ta' dan il-motiv, ir-rikorrent jirreferi għall-eżekuzzjoni tal-istess deċiżjonijiet tal-qrati tal-Unjoni bħal dawk invokati fil-qafas tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud, inkwantu huwa bbażat fuq l-Artikolu 266 TFUE, għall-istess raġunijiet bħal dawk stipulati fil-punt 284 iktar 'il fuq.

287 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 276 iktar 'il fuq, ir-rikorrent jagħmel użu, essenzjalment, fil-qafas ta' dan il-motiv, mill-ksur, min-naħa tal-istituzzjonijiet, tal-obbligu tagħhom li jkunu konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-interpretazzjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli, stipulati fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-premessi 3 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 116 iktar 'il fuq), il-ftehim ikkontestat ġie nnegozjat u konkluż mill-istituzzjonijiet sabiex jiġu misluta l-konsegwenzi tat-tieni waħda minn dawn is-sentenzi, li kienet eskludiet l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 u tal-Protokoll tal-2013 għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu, minħabba li din kienet kontra l-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, kif interpretati fl-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi. Minn dan isegwi li, għal raġunijiet analogi għal dawk imsemmija fil-punti 267 sa 272 tas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), dan il-motiv, inkwantu bbażat fuq dan il-ksur, ma huwiex ineffettiv.

288 Fit-tieni lok, l-argumenti tal-Kummissjoni u taċ-CPMM ibbażati fuq il-fatt li, fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja tat interpretazzjoni tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-ftehim inkwistjoni f'dawn il-kawżi u mhux tal-istħarriġ tal-validità tagħhom, għandhom jiġu miċħuda. Fil-fatt, minn naħa waħda, l-istituzzjonijiet huma obbligati jikkonformaw ruħhom mhux biss mal-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll ma' dik tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni u l-qrati tal-Unjoni huma kompetenti jevalwaw il-kompatibbiltà ta' ftehim konkluż għan-nom tal-Unjoni ma' din l-interpretazzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-regoli tad-dritt internazzjonali interpretati f'dan il-każ mill-Qorti tal-Ġustizzja, li kienu rilevanti sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-applikazzjoni impliċita ta' dan il-ftehim, konkluż mar-Renju tal-Marokk, għas-Saħara tal-Punent huma rilevanti, ħafna iktar, sabiex tiġi eżaminata l-legalità ta' dispożizzjoni ta' ftehim bejn l-istess partijiet li espliċitament tipprevedi tali applikazzjoni territorjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 273 sa 275).

289 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-invokabbiltà tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, jista' jitfakkar li, fil-kuntest ta' ftehim fil-qasam tal-politika kummerċjali, konkluż għan-nom tal-Unjoni, sabiex tkun konformi mal-interpretazzjoni ta' dawn il-prinċipji mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeduċiet mill-interpretazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fid-dawl tal-imsemmija prinċipji, obbligi ċari, preċiżi u inkundizzjonali imposti fil-qafas tar-relazzjonijiet tal-Unjoni mar-Renju tal-Marokk, jiġifieri, minn naħa waħda, l-osservanza tal-istatus separat u distint tas-Saħara tal-Punent u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li jiġi żgurat il-kunsens tal-poplu tagħha f'każ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fuq dan it-territorju (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 281 u l-ġurisprudenza ċċitata).

290 Minn din il-konstatazzjoni, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, sabiex jiġu difiżi d-drittijiet li l-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu abbażi tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, ir-rikorrent għandu jkollu l-possibbiltà li jinvoka l-ksur ta' dawn l-obbligi ċari, preċiżi u inkundizzjonali, kontra d-deċiżjoni li kienet ikkontestata fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), sa fejn dan l-allegat ksur jista' jaffettwa lill-imsemmi poplu, bħala terz fir-rigward tal-ftehim konkluż bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li l-ġurisprudenza relatata mal-invokabbiltà tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali konswetudinarju stipulati fil-punti 107 sa 109 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), ma kinitx tipprekludi din il-konklużjoni. Fil-fatt, hija kkonstatat li l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu f'dawn il-punti huma bbażati fuq evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ relatati man-natura tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali invokati u tal-att ikkontestat kif ukoll tas-sitwazzjoni ġuridika tal-partijiet rikorrenti fil-kawża prinċipali li ma kinux komparabbli ma' dawk tal-Kawża T-279/19 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 282 sa 291 u l-ġurisprudenza ċċitata).

291 Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-konklużjoni msemmija fil-punt 290 iktar 'il fuq ma kinitx ikkontestata mill-argumenti tal-Kummissjoni u tal-Comader relatati mal-invokabbiltà speċifika, minn naħa waħda, tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. Fil-fatt, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, fi kwalunkwe każ, il-fatt li d-dritt stabbilit minn dan il-prinċipju kien dritt kollettiv u l-fatt li kien jagħti bidu għal proċess li t-tmiem tiegħu ma kienx iddefinit ma kellhomx effett f'dan il-każ, peress li s-suġġett terz li kien jirrappreżenta r-rikorrent kien preċiżament detentur ta' dan id-dritt u kien igawdih effettivament, irrispettivament mit-tmiem tal-proċess pendenti. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li n-natura tal-ftehim fuq il-preferenzi tariffarji għall-poplu tas-Saħara tal-Punent fl-ordinament internazzjonali eventwalment mhux kontestabbli ma tistax tostakola lir-rikorrent milli jinvoka dan il-prinċipju quddiem il-qrati tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 293 sa 296 u l-ġurisprudenza ċċitata).

292 Il-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punti 289 sa 291 iktar 'il fuq huma applikabbli għall-invokabbiltà tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati kontra d-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tal-applikabbiltà ta' dawn il-prinċipji fil-qafas ta' Ftehim dwar is-Sajd konkluż bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, ikkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 63 sa 72 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK.

293 Fi kwalunkwe każ, fil-qafas ta' dan il-motiv, ir-rikorrent iqajjem ilment ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur, mill-istituzzjonijiet, tal-obbligu tagħhom li jikkonformaw ruħhom mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-interpretazzjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli u, b'mod partikolari, l-obbligu tagħhom li jikkonformaw ruħhom mas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, insostenn ta' rikors indirizzat kontra deċiżjoni adottata sabiex jiġu misluta l-konsegwenzi ta' dik is-sentenza. Konsegwentement, f'dan il-kuntest, ma jistax jiġi mċaħħad lilu d-dritt li jikkontesta l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata filwaqt li jinvoka, fil-qafas ta' dan l-ilment, tali regoli, ta' natura fundamentali, filwaqt li l-Unjoni hija marbuta minn dawn ir-regoli u li din id-deċiżjoni ġiet adottata sabiex tikkonforma ruħha mal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 292 u l-ġurisprudenza ċċitata).

294 Għalhekk, fil-qafas ta' dan il-motiv, ir-rikorrent jista' utilment jinvoka s-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK u l-interpretazzjoni mogħtija fihom tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati insostenn ta' dan il-motiv. Dan għalhekk ma huwiex ineffettiv.

2) Fuq il-fondatezza tal-argumenti invokati mir-rikorrent insostenn ta' dan il-motiv

295 L-argument tar-rikorrent insostenn ta' dan il-motiv jinvolvi, essenzjalment, tliet partijiet, ibbażati, l-ewwel nett, fuq l-impossibbiltà, għall-Unjoni u għar-Renju tal-Marokk, li jikkonkludu ftehim applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha, it-tieni, fuq il-ksur tal-istatus separat u distint ta' dan it-territorju, kuntrarjament għall-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni, u, it-tielet, fuq il-ksur tar-rekwiżit li l-poplu ta' dan it-territorju għandu jagħti l-kunsens għall-ftehim ikkontestat, bħala terz fil-konfront tiegħu, fis-sens tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati.

i) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-impossibbiltà għall-Unjoni u għar-Renju tal-Marokk li jikkonkludu ftehim applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha

296 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrent isostni li, kif jirriżulta mis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, l-applikazzjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha hija impossibbli legalment minħabba l-fatt, b'mod partikolari, tal-ksur tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati. B'mod iktar partikolari, fir-rigward tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, ir-rikorrent jiddikjara li l-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet, fil-punt 72 tagħha, tali ftehim minħabba li, fi kwalunkwe każ, ir-Renju tal-Marokk kategorikament irrifjuta li jikkunsidra lilu nnifsu b'xi mod ieħor ħlief li huwa sovran fir-rigward tal-imsemmi territorju. Issa, il-ftehim ikkontestat huwa intiż, fir-realtà, sabiex "jrendi dejjiema" l-applikazzjoni *de facto* dwar is-Sajd tal-2006 u tal-protokolli għall-parti tat-territorju inkwistjoni kkontrollata minn dan il-pajjiż terz u għall-ibħra li jmissu miegħu, li kienet ġiet eskluża mis-sentenza msemmija iktar 'il fuq.

297 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Franċiża, mill-Kummissjoni u mill-KSMM, isostni li s-sentenzi ċċitati fil-punt 296 iktar 'il fuq ma eskludewx l-applikazzjoni għas-Saħara tal-Punent ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk.

298 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fil-qafas tal-ġurisprudenza relatata mal-ftehim konklużi għan-nom tal-Unjoni mar-Renju tal-Marokk fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-qrati tal-Unjoni ma ddeċidewx dwar il-kawżi relatati ma' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li jinkludu dikjarazzjoni espliċita li tinkludi s-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tali ftehim. B'hekk, fil-qafas ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ddeċidew biss li r-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli kienu jopponu li dan it-territorju mhux awtonomu jkun ikkunsidrat bħala li jaqa' impliċitament fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, filwaqt li dan il-kamp ta' applikazzjoni kien espliċitament limitat, f'dak li jirrigwarda lil dan il-pajjiż terz, għat-territorju tiegħu jew għall-ibħra li jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 300 sa 304 u l-ġurisprudenza ċċitata).

299 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punti 301 u 305 tas-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punti 94 sa 98 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, ikkonstatat li r-regola kkodifikata fl-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna ma kinitx tipprekludi li trattat jorbot Stat fir-rigward ta' territorju ieħor li ma huwiex tiegħu jekk tali intenzjoni toħroġ minn dan it-trattat.

300 Minn dan għandu għalhekk jiġi konklużż li, kuntrarjament għal dak li jiddikjara r-rikorrent, il-ftehim ikkontestat ma jistax ikun ikkunsidrat bħala li "isostni" prattika eskluża mill-ġurisprudenza. Fil-fatt, minn naħa waħda, din ma warrbitx totalment il-possibbiltà li ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk jista' legalment japplika għas-Saħara tal-Punent jew għall-ibħra li jmissu magħha. Min-naħa l-oħra, din l-applikazzjoni ma tirriżultax, f'dan il-każ, minn sempliċi "prattika", iżda minn termini espliċiti tal-ftehim ikkontestat stess, li jirrifletti l-volontà komuni tal-partijiet, u b'mod partikolari tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 305 u l-ġurisprudenza ċċitata).

301 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkontestati, f'dan il-każ, mill-punt 72 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK (ara l-punt 48 iktar 'il fuq). Fil-fatt, f'dan il-punt tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement warrbet l-ipoteżi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent setgħu jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk, bħala awtorità amministrattiva "*de facto*" jew awtorità okkupanti ta' dan it-territorju, peress li dan tal-aħħar kien "kategorikament" eskluda dawn il-klassifikazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, fl-istess punt, hija ma warrbitx il-possibbiltà li dawn l-ibħra jistgħu jkunu inklużi fi ftehim dwar is-sajd bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li jiddistingwihom espliċitament mill-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat terz.

302 L-ewwel parti tat-tielet motiv għandha għalhekk tiġi miċħuda.

303 Issa għandha ssir l-analiżi tat-tielet parti ta' dan il-motiv.

ii) Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ksur tar-rekwiżit li l-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim ikkontestat, bħala terz fil-konfront tiegħu, skont il-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati

304 Permezz tat-tielet parti tat-tielet motiv, ir-rikorrent, kemm fir-rikors kif ukoll fir-replika, jikkontesta l-validità tal-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-SEAE u r-rilevanza tar-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 li jirreferi, b'mod partikolari, għalihom. Fil-fatt, dawn il-konsultazzjonijiet kienu ffukati fuq il-benefiċċji tal-ftehim ikkontestat, minkejja li l-uniku

kriterju rilevanti, iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, skont ir-rikorrent, dawn il-konsultazzjonijiet, li għalihom l-istituzzjonijiet u r-Renju tal-Marokk ma kellhomx, skont ir-rikorrent, kompetenza, ma setax ikollhom bħala għan jew bħala effett li jinkiseb l-imsemmi kunsens, b'mod partikolari minħabba l-fatt li, minn naħa waħda, dan tal-aħħar ma setax jirriżulta minn proċess informali ta' konsultazzjoni u li, min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar kien jikkonċerna entitajiet stabbiliti bis-saħħa tal-liġi Marokkina u ma kienx inkluda l-parti ta' dan il-poplu li tgħix barra miż-żona kkontrollata mir-Renju tal-Marokk. Barra minn hekk, fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill biddel in-natura u l-portata tal-imsemmija konsultazzjonijiet billi kkunsidrahom bħala manifestazzjoni tal-"popolazzjonijiet milqutin". Dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill ma humiex konformi mas-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario Western Sahara Campaign UK, b'mod partikolari fil-punt 106 tal-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi.

305 Il-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni u l-KSMM isostnu, essenzjalment, li l-konsultazzjonijiet magħmula josservaw il-prinċipji applikabbli tad-dritt internazzjonali, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent, li ma kinux jippermettu li jinkiseb direttament il-kunsens tal-poplu tiegħu u tas-setgħa diskrezzjonali sinjifikattiva tal-istituzzjonijiet (ara l-punti 277 sa 281 iktar 'il fuq).

306 L-eżami ta' din il-parti jimplika li għandha tiġi eżaminata, l-ewwel nett, l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati f'dan il-każ, it-tieni, il-modalitajiet li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet xtaqu, f'dan il-każ, ikunu konformi, skont l-espressjoni tal-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, mal-"kunsiderazzjonijiet ifformulati fis-sentenza [Western Sahara Campaign UK]" u, it-tielet, il-fondatezza tal-argument imfakkar fil-punt 304 iktar 'il fuq.

– *Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati f'dan il-każ*

307 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, kuntrarjament għal dak li l-KSMM isostnu u kif jirrizulta mill-punti 100 sa 107 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario u mill-punti 63, 69, 71 u 72 tas-sentenza Western Sahara Campaign UK, il-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati huwa applikabbli f'dan il-każ. B'mod partikolari, il-fatt allegat li, fid-dawl tal-pożizzjoni tiegħu fuq is-Saħara tal-Punent, ir-Renju tal-Marokk ma kellux l-intenzjoni li jagħti la drittijiet u lanqas obbligi lill-poplu ta' dan it-territorju ma għandux effett fuq l-applikabbiltà ta' dan il-prinċipju fil-kuntest tal-interpretazzjoni, mill-qrati tal-Unjoni, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha bħall-ftehim ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 310).

308 L-applikazzjoni, f'dan il-każ, tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati lanqas ma hija kkontestata mill-kunsiderazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni li jirrigwardaw in-natura allegatament mhux riżolta fid-dritt internazzjonali dwar ir-relazzjoni bejn territorju mhux awtonomu u l-ibħra li jmissu miegħu u, b'mod partikolari, mill-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar in-nuqqas ta' riferiment għall-kunċett ta' kunsens fil-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, b'mod partikolari fir-Riżoluzzjoni III tal-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar.

309 Fil-fatt, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif ġie konkluż fil-punt 233 iktar 'il fuq, mill-analiżi tal-prinċipji tad-dritt konswetudinarju stabbiliti mill-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar u mid-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, kif interpretati, b'mod partikolari, mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punti 221 sa 232 iktar 'il fuq), jirriżulta li d-drittijiet tal-Istat kostali stabbiliti

mill-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar, u b'mod partikolari d-drittijiet relatati mal-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd li jinsabu fiż-żoni ddefiniti minn din il-Konvenzjoni, jistgħu jiġu eżerċitati għall-benefiċċju tal-popli tat-territorji mhux awtonomi li għandhom kosta marittima, bħas-Saħara tal-Punent. Madankollu, fil-każ fejn id-drittijiet tal-poplu inkwistjoni jiġu eżerċitati għall-benefiċċju tagħhom minn Stati terzi, dan il-poplu, skont il-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, għandu jesprimi l-kunsens tiegħu sabiex dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati minnhom. Fi kwalunkwe każ, kif diġà ġie kkonstatat b'mod repetut f'din is-sentenza, il-ftehim ikkontestat japplika mhux biss għall-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju, iżda wkoll għall-parti tal-art ta' dan it-territorju.

310 Sussegwentement, fin-nuqqas ta' indikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew teħid ta' pożizzjoni mill-organi tal-ONU dwar il-kriterji relatati mal-modalitajiet ta' espressjoni tal-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali tal-effett relattiv tat-trattati, li r-regola li tinsab fl-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna tikkostitwixxi espressjoni partikolari tiegħu, it-trattati ma għandhom la jippreġudikaw u lanqas jibbenefikaw lil suġġetti terzi mingħajr il-kunsens tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 311 sa 313).

311 F'dan ir-rigward, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 36 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, jista' jiġi dedott li l-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fir-rigward tal-ftehim ikkontestat ma jistax jiġi preżunt ħlief fil-każ fejn il-partijiet f'dan il-ftehim kellhom l-intenzjoni li jagħtuh dritt, ħlief f'każ ta' indikazzjoni kuntrarja, u li, għall-kuntrarju, dan il-kunsens għandu jkun espliċitu fir-rigward tal-obbligi li dawn l-istess partijiet għandhom l-intenzjoni jimponu fuqu. Fil-fatt, minbarra li l-prinċipji kkodifikati mill-Konvenzjoni ta' Vjenna fir-rigward tar-relazzjonijiet konvenzjonali bejn Stati jistgħu japplikaw għal suġġetti oħra tad-dritt internazzjonali, mill-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario ma tirriżultax differenza ta' kontenut bejn il-kunċett ta' "terz" applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-poplu inkwistjoni u għall-kunċett ta' "Stat terz" skont din il-konvenzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 314 sa 317 u l-ġurisprudenza ċċitata).

312 Irrispettivament mill-fatt li, f'dan il-każ, ir-rikorrent irrifjuta li jipparteċipa fil-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-SEAE qabel il-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat, għandu jiġi rrilevat li dan tal-aħħar ma jagħti ebda dritt lill-poplu tas-Saħara tal-Punent, bħala terz f'dan il-ftehim, u li l-kunsens tiegħu ma jistax għalhekk jiġi preżunt skont il-prinċipju espress fl-Artikolu 36(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 318 sa 323).

313 Fil-fatt, minn naħa waħda, id-drittijiet tas-sajd mogħtija bis-saħħa tal-Ftehim dwar is-Sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent huma għall-benefiċċju tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-ġestjoni ta' attivitajiet ta' sajd f'dawn l-ibħra, b'mod partikolari fil-kuntest tad-definizzjoni taż-żoni ta' ġestjoni li japplikaw għal dawn l-ibħra, hija eżerċitata mill-awtoritajiet Marokkini fil-qafas tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali tagħhom, skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmi ftehim.

314 Min-naħa l-oħra, kif tfakkar fil-punt 215 iktar 'il fuq, id-diversi komponenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja jitħallsu lill-awtoritajiet Marokkini, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(4) u mill-Artikolu 8(3) tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni u mill-punt E tal-Kapitolu I tal-Anness ta' dan il-protokoll. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikoli 6 sa 8 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni, din il-kontribuzzjoni hija allokata mill-awtoritajiet tar-Renju tal-Marokk, taħt il-kontroll tal-Kumitat

Konġunt stabbilit bl-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd, li huwa kompost minn rappreżentanti ta' dan l-Istat terz u tal-Unjoni, u skont il-prinċipju ta' allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta msemmija fl-Artikolu 12(4) tal-istess ftehim.

315 Kif jirriżulta mill-iskambju ta' ittri (ara l-punt 70 iktar 'il fuq), ir-Renju tal-Marokk jeżerċita dawn ir-responsabbiltajiet abbażi tal-pożizzjoni tiegħu li "ir-reġjun tas-Saħara huwa parti integrali tat-territorju nazzjonali li fuqu jeżerċita sovranità sħiħa bħal fuq il-bqija tat-territorju nazzjonali".

316 F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat, b'mod partikolari, li mill-kunsiderazzjonijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd jew mill-Protokoll ta' Implimentazzjoni u mill-annessi u appendiċi tiegħu ma jirriżultax li l-prinċipju ta' allokazzjoni ġeografika u soċjali ġusta tal-kontribuzzjoni finanzjarja huwa implimentat b'mod differenti fuq it-territorju tas-Saħara tal-Punent u fuq it-territorju tal-Marokk, fis-sens tal-Artikolu 94 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

317 B'hekk, ir-Renju tal-Marokk ma jassumix ir-responsabiltajiet u l-kompetenzi li jaqgħu fuqu bis-saħħa tal-ftehim ikkontestat, inkwantu t-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu huma kkonċernati, sabiex jeżerċita d-drittijiet tal-poplu ta' dan it-territorju għall-benefiċċju tiegħu. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-pożizzjoni tiegħu espressa fl-iskambju ta' ittri u kif, ukoll, ifakkru l-KSMM (ara l-punt 307 iktar 'il fuq), huwa ma għandux l-intenzjoni li jirrikonoxxilu drittijiet f'dak li jirrigwarda l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd f'dawn l-ibħra u l-allokazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw minnha. Barra minn hekk, id-drittijiet li dan il-ftehim jista' eventwalment joħloq għall-operaturi stabbiliti fuq dan it-territorju jikkonċernaw individwi u mhux terzi li għandhom jagħtu l-kunsens għalih. Fir-rigward tal-benefiċċji għall-popolazzjonijiet ta' dan it-territorju li jistgħu jirriżultaw minnhom, dawn huma effetti purament soċjo-ekonomiċi, li huma iktar indiretti, u li ma għandhomx jiġu assimilati ma' drittijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 320 u 321).

318 Għall-kuntrarju, inkwantu jagħti lil waħda mill-partijiet kompetenza fit-territorju ta' terz, li huwa għalhekk ma għandux dritt jeżerċita hu stess jew, jekk ikun il-każ, li jiddelega l-eżerċizzju tagħha, il-ftehim ikkontestat jimponi fuq it-terz ikkonċernat, kif jenfasizza r-rikorrent, obbligu, indipendentement mill-fatt, allegat mill-Kunsill, li f'dan l-istadju, huwa ma huwiex f'pożizzjoni li jeżerċita hu stess jew permezz tar-rappreżentant tiegħu dawn il-kompetenzi. Il-kunsens tiegħu għall-ftehim ikkontestat għandu għalhekk ikun espliċitu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 322 u 323).

319 Finalment, fir-rigward tal-kontenut u tal-portata tal-kunċett ta' kunsens, kif użat fl-Artikoli 34 sa 36 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna u msemmi fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mit-tielet paragrafu tal-preambolu ta' din il-Konvenzjoni, il-prinċipju ta' kunsens liberu jikkostitwixxi prinċipju "rrikonoxxut universalment" li għandu rwol fundamentali fil-qasam tad-dritt tat-trattati. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, meta regola tad-dritt internazzjoni timplimenta l-prinċipju ta' kunsens liberu, din ir-regola timplika, l-ewwel, li l-espressjoni ta' dan il-kunsens minn parti jew minn terz tikkundizzjona l-validità tal-att li għalih huwa mitlub, it-tieni, li l-validità tal-imsemmi kunsens stess tiddependi min-natura "libera u awtentika" tiegħu u, it-tielet, li l-imsemmi att jista' jiġi kkontestat minn parti jew minn terz li jkun ta l-kunsens tiegħu b'mod validu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 324 u 325 u l-ġurisprudenza ċċitata).

320 Il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, bħala terz fir-rigward tal-ftehim ikkontestat, fis-sens tal-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, għandu għalhekk, bħala regola, jissodisfa l-istess rekwiżiti u joħloq l-istess effetti ġuridiċi bħal dawk stipulati fil-punt 319 iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 326).

321 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-inizjattivi konkreti implimentati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti dedotti mill-Qorti tal-Ġustizzja mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati.

– Fuq il-konsultazzjonijiet implimentati, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, sabiex jikkonformaw ruħhom mal-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati magħmula fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK

322 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill jiddikjara li "il-Kummissjoni, flimkien mas-[SEAE], ħadet il-miżuri raġonevoli u possibbli kollha fil-kuntest attwali biex il-popolazzjoni kkonċernata tiġi involuta b'mod xieraq sabiex jiġi determinat il-kunsens tagħhom". Barra minn hekk, il-Kunsill spjega, f'din il-premessa, li "[s]aru konsultazzjonijiet estensivi fis-Saħara tal-Punent u fir-Renju tal-Marokk, u l-atturi soċjoekonomiċi u politiċi li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet kienu b'mod ċar favur il-konklużjoni tal-Ftehim [ikkontestat]", iżda li, "[m]adankollu, i[r-rikorrent] u xi partijiet oħra ma [kinux aċċettaw] li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni". Kif huwa dedott minn dawn l-indikazzjonijiet, huwa dan il-"proċess ta' konsultazzjoni" li ppermetta, skont il-Kunsill, li huwa jikkonforma ruħu mal-"kunsiderazzjonijiet ifformulati" fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, b'mod partikolari ma' dawk tal-punt 106 tal-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi.

323 Fit-tieni lok, kif jirriżulta mir-risposta u mid-dokumenti prodotti insostenn tagħha, il-Kunsill, flimkien mad-deċiżjoni tiegħu, tas-16 ta' April 2018, li awtorizzat il-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tal-Marokk sabiex jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd u l-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-imsemmi ftehim, ħareġ direttivi ta' negozjati. Dawn id-direttivi kienu jistipulaw, b'mod partikolari, minn naħa waħda, li "l-Kummissjoni [evalwat] l-implikazzjonijiet potenzjali ta' Ftehim [ikkontestat], b'mod partikolari fir-rigward ta' benefiċċji għall-persuni kkonċernati u l-isfruttar tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati", u, min-naħa l-oħra, li din l-istituzzjoni "jenħtieġ li […] tiżgura li, fil-waqt tal-proposta tagħha għall-iffirmar u l-konklużjoni, il-persuni kkonċernati mill-ftehim kienu involuti b'mod adegwat".

324 Fit-tielet lok, fir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni indikat, fir-rigward tat-tieni direttiva ta' negozjati msemmija fil-punt 323 iktar 'il fuq:

"Fin-nuqqas ta' kwalunkwe alternattiva konċepibbli, li tippermetti li l-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent tiġi kkonsultata b'mod dirett, is-servizzi tal-[Kummissjoni] u s-SEAE għalhekk wettqu konsultazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili tas-Saħara tal-Punent, ma' parlamentari, ma' operaturi ekonomiċi u ma' organizzazzjonijiet […]

[D]awn il-konsultazzjonijiet iffukaw fuq l-għan prinċipali li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet u kummenti dwar l-interess li jista' jkollhom il-popolazzjonijiet tas-Saħara tal-Punent u l-ekonomija tat-territorju bil-konklużjoni [tal-ftehim ikkontestat].

Minkejja li r-[rikorrent] kien mistieden mis-SEAE u mill-Kummissjoni sabiex jipparteċipa f'konsultazzjonijiet fi Brussell, ma ġiet irċevuta l-ebda risposta pożittiva […] Bl-istess mod, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li esprimew ruħhom kontra l-estensjoni tal-[ftehim ikkontestat] għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent ġew mistiedna fi Brussell, iżda ħadd ma aċċetta l-istedina.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Marokk ipproċedew bil-konsultazzjonijiet tagħhom ma' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u professjonali kkonċernati bil-[ftehim ikkontestat]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

325 Fil-fatt, fir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni indikat:

"[L]-għan ta' dan l-approċċ tripartitiku kien li jkun kemm jista' jkun inklużiv, sostanzjali u kredibbli, f'kuntest politiku u ġuridiku kumpless ferm.

Sa mill-bidu, kien spjegat li l-proċess ta' konsultazzjoni ma kienx intiż sabiex jistabbilixxi l-istatus politiku u kostituzzjonali definittiv tat-territorju tas-Saħara tal-Punent, iżda sabiex jivverifika jekk il-popolazzjonijiet milqutin mill-ftehim kinux jaqblu mal-estensjoni ta[l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006] għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

326 Fir-raba' lok, fir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni tislet il-konklużjonijiet minn dawn il-konsultazzjonijiet billi tiddikjara li "l-ewwel parti [tagħha], li kienet tikkonsisti f'konsultazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet Marokkini, ippermettiet li jiġi kkonstatat li kien hemm kunsens wiesa' insostenn tas-sħubija ġdida ta' sajd sostenibbli, inkluż l-estensjoni tagħha għall-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent" u li "f'dak li jirrigwarda r-riżultati tal-konsultazzjonijiet immexxija mis-SEAE u [minnha], kunsens qawwi ferm għall-estensjoni tal-[ftehim ikkontestat] għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent ukoll seta' jiġi kkonstatat" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Barra minn hekk, hija tiddikjara li "[ir-rikorrent] u diversi atturi oħra sensittivi għall-kawża tiegħu rrifjutaw li jipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni mingħajr ma ressqu argumenti kontra [il-ftehim ikkontestat]", filwaqt li kkunsidrat li "[dan] ir-rifjut jidher li huwa marbut ma' riżervi ta' natura politika [relatati mal-]kwistjoni tal-istatus finali tas-Saħara tal-Punent" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

327 B'hekk, kif tesponi l-Kummissjoni fin-nota ta' intervent tagħha, is-SEAE u hi stess ikkunsidraw li, "bis-saħħa tal-prinċipju ta' newtralità politika u nuqqas ta' indħil tagħhom, [huma] kellhom iwettqu konsultazzjonijiet 'inklużivi' kemm jista' jkun mingħajr ma jieħdu pożizzjoni" fil-"kunflitt ta' leġittimità li [kien hemm] bejn [ir-Renju tal-]Marokk u r-rikorrent". B'hekk, sa fejn "kull [p]arti fil-proċess tal-ONU (ir-Renju tal-Marokk u r-[rikorrent]) kienet tippretendi li għandha l-esklużività tar-rappreżentattività tal-popolazzjonijiet milqutin mill-ftehim", huma kkunsidraw li "jekk tingħata preferenza lil[l-]interpretazzjoni [ta' xi waħda minn dawn il-partijiet] inevitabbilment iwassal sabiex l-Unjoni tieħu sehem f'din it-tilwima politika" u li "r-[r]ikonoxximent tar-[rikorrent] bħala l-uniku interlokutur kien jikser l-approċċ ġenerali tal-Unjoni li qatt ma [kienet] għadha rrikonoxxiet l-organizzazzjoni inkwistjoni ħlief bħala waħda mill-'partijiet' fil-proċess tal-ONU". B'hekk, billi telqu mill-prinċipju li "ebda waħda [minn dawn] il-[p]artijiet ma kellha d-dritt esklużiv tal-leġittimità", il-Kummissjoni u s-SEAE applikaw is-soluzzjoni li "jifirxu l-bażi tal-konsultazzjoni lil hinn mill-interlokuturi rrakkomandati minn xi waħda mill-[p]artijiet, billi estendewha, kemm setgħu, għas-soċjetà ċivili milquta bil-ftehim u r-rappreżentanti tagħha".

328 F'dan ir-rigward, qabelxejn, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jista' jiġi dedott li l-istituzzjonijiet ikkunsidraw li ma kienx possibbli, fil-prattika, li jinkiseb, b'mod dirett jew unikament permezz tar-rikorrent, il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, bħala terz fil-konfront tal-ftehim ikkontestat, minħabba s-sitwazzjoni partikolari ta' dan it-territorju, iżda li, għall-kuntrarju, il-konsultazzjoni mal-"popolazzjonijiet milquta" sabiex jinkiseb il-"kunsens" tagħhom għal dan il-ftehim ippermettiet, fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, li jikkonformaw ruħhom, sa fejn huwa possibbli, mar-rekwiżiti li setgħu jiġu dedotti mill-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 336).

329 Sussegwentement, minn dan jista' jiġi dedott li l-kunċett ta' "popolazzjonijiet milquta" imsemmi mill-istituzzjonijiet jinkludi essenzjalment il-popolazzjonijiet li jinsabu attwalment fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, indipendentement minn jekk jappartjenux jew le għall-poplu ta' dan it-territorju, mingħajr preġudizzju, madankollu, skont ir-rapport tal-11 ta' Ġunju 2018, għall-"[ġbir tal-]opinjoni tal-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent refuġjata" li kienet tippermetti "[l-]inklużjoni [tar-]rikorrent fost il-partijiet ikkonsultati". B'hekk, dan il-kunċett huwa distint minn dak tal-"poplu tas-Saħara tal-Punent" minn naħa waħda, inkwantu jista' jinkludi l-popolazzjonijiet lokali kollha affettwati, pożittivament jew negattivament, mill-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat fuq dan it-territorju u, min-naħa l-oħra, inkwantu ma jinkludix il-kontenut politiku ta' dan it-tieni kunċett, li jirriżulta, b'mod partikolari, mid-dritt għall-awtodeterminazzjoni rrikonoxxut lill-imsemmi poplu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 337).

330 Finalment, kif irrileva r-rikorrent, essenzjalment, il-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-SEAE huma bbażati fuq approċċ komparabbli ma' dak mitlub mill-Artikolu 11(3) TUE u mill-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 2 tat-TFUE fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, li jipprevedu li l-Kummissjoni għandha tipproċedi b'konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari qabel ma tipproponi att leġiżlattiv. Qabelxejn, kif juru l-estratti differenti ta' proposti ta' konklużjoni ta' ftehim ta' sajd, għan-nom tal-Unjoni, prodotti mir-rikorrent, din tal-aħħar issistematizzat din il-prattika fil-qafas ta' tali proposti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 338).

331 Madankollu, tali approċċ jimplika biss, bħala regola, li għandhom jinkisbu l-opinjonijiet tal-partijiet differenti kkonċernati u li dawn jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari għall-adozzjoni tal-att propost, mingħajr ma dan it-teħid inkunsiderazzjoni joħloq effetti ġuridiċi komparabbli ma' dak tal-espressjoni tal-kunsens ta' terz, rikjesta għall-adozzjoni ta' tali att. Konsegwentement, l-espressjoni il-"kunsens tal-popolazzjonijiet milqutin" fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, ma tistax tiġi interpretata bħala li għandha l-kontenut ġuridiku tal-kunċett ta' kunsens indikat fil-punt 319 iktar 'il fuq. B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-konklużjonijiet tar-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018, il-kunċett ta' kunsens imsemmi fid-deċiżjoni kkontestata għandu jinftiehem, f'dan il-kuntest partikolari, bħala li jirreferi biss għall-opinjoni fil-parti l-kbira tagħha favur l-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ikkunsidrati mill-Kummissjoni u s-SEAE bħala rappreżentanti tal-imsemmija popolazzjonijiet u li ġew ikkonsultati kemm minn dawn tal-aħħar kif ukoll mir-Renju tal-Marokk. Din l-opinjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tikkundizzjona l-validità tal-ftehim ikkontestat u tad-deċiżjoni kkontestata u bħala li torbot lil dawn l-istituzzjonijiet u lil dawn l-organizzazzjonijiet jew il-"popolazzjonijiet milqutin" stess, b'tali mod li l-imsemmi ftehim ikun jista' jiġi kkontestat minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 339 u 340).

332 Huwa fil-qafas tal-eżami tal-fondatezza ta' din il-parti li għandu jiġi vverifikat jekk is-sens partikolari mogħti lill-kunċett ta' kunsens mid-deċiżjoni kkontestata, kif iddefinit fil-punt 331 iktar 'il fuq, huwiex kompatibbli mal-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

– Fuq il-kwistjoni dwar jekk is-sens partikolari mogħti lill-kunċett ta' kunsens fid-deċiżjoni kkontestata huwiex kompatibbli mal-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati użat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK

333 Din il-parti tat-tielet motiv tqajjem, essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk, fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent, il-Kunsill setax juża l-marġni diskrezzjonali tiegħu sabiex jinterpreta r-rekwiżit ta' kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju għall-ftehim ikkontestat bħala li jimplika biss li jiġbor l-opinjoni fil-parti l-kbira tagħha favorevoli tal-"popolazzjonijiet milqutin".

334 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, minkejja li l-ġurisprudenza tagħti lill-istituzzjonijiet marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv f'oqsma li jinvolvu evalwazzjonijiet kumplessi, b'mod partikolari, politiċi u ekonomiċi, bħar-relazzjonijiet esterni u l-politika tas-sajd, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, awturi tal-att inkwistjoni, ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu quddiem il-qrati tal-Unjoni li l-att ġie adottat permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom, li jippreżupponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi u l-fatti kollha rilevanti tas-sitwazzjoni li dan l-att huwa intiż li jirregola. Barra minn hekk, is-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet tista' tkun limitata, inkluż fil-kuntest ta' tali oqsma, b'kunċett ġuridiku li jistabbilixxi kriterji oġġettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 342 sa 347 u l-ġurisprudenza ċċitata).

335 F'dan il-każ, il-marġni diskrezzjonali tal-Kunsill sabiex jikkonkludi ftehim mar-Renju tal-Marokk li japplika esklużivament għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha huwa ristrett ġuridikament mill-obbligi ċari, preċiżi u inkundizzjonati, dedotti mill-Qorti tal-Ġustizzja mill-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati f'dak li jirrigwarda tali ftehim. B'mod partikolari, fir-rigward tar-rekwiżit li l-poplu ta' dan it-territorju għandu jagħti l-kunsens tiegħu għal tali ftehim, ċertament, huwa l-Kunsill, li għandu jevalwa jekk is-sitwazzjoni attwali ta' dan it-territorju tiġġustifikax adattament tal-modalitajiet tal-espressjoni ta' dan il-kunsens u jekk il-kundizzjonijiet kinux issodisfatti sabiex jiġi kkunsidrat li kien ingħata. Madankollu, huwa ma huwiex intitolat jiddeċiedi jekk dan il-kunsens kienx indispensabbli, u jekk jagħmel dan jikser dan ir-rekwiżit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 348 u 349).

336 Fit-tieni lok, fil-punt 238 iktar 'il fuq tfakkret is-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent u, b'mod partikolari, il-"kunflitt ta' leġittimità" bejn iż-żewġ partijiet fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni, jiġifieri r-Renju tal-Marokk u r-rikorrent. B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li, sal-lum, ma jeżistix ftehim bejn dawn il-partijiet li permezz tiegħu wieħed jew l-ieħor ta l-kunsens tiegħu sabiex il-parti l-oħra teżerċita għall-benefiċċju ta' dan it-territorju mhux awtonomu l-kompetenzi meħtieġa minn ftehim internazzjonali mal-Unjoni jekk applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd li jinsabu fl-ibħra li jmissu miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 350 u 351).

337 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-premessi 5 u 10 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 60 iktar 'il fuq), il-Kunsill ikkunsidra li l-uniku mezz, minn naħa waħda, sabiex il-flotot tal-Unjoni jista' jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw l-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent u, min-naħa l-oħra, sabiex dan it-territorju u l-popolazzjonijiet tiegħu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-appoġġ settorjali mogħti bis-saħħa tal-ftehim u sabiex jiġi assigurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd ta' dawn l-ibħra kien li jiġi konkluż ftehim dwar is-sajd ġdid mar-Renju tal-Marokk. Fil-fatt, kif jista' jiġi dedott mill-argumenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, huma jikkunsidraw li dan il-pajjiż terz, b'differenza mir-rikorrent, huwa f'pożizzjoni li jeżerċita l-kompetenzi rikjesti minn dan il-ftehim (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 352).

338 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 328 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet ikkunsidraw ukoll li s-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent ma tippermettilhomx, fil-prattika, li jiksbu l-kunsens tal-poplu ta' dan it-territorju, bħala terz fil-ftehim ikkontestat, direttament jew permezz tar-rikorrent, u li huma kellhom jipproċedu b'konsultazzjonijiet kemm jista' inklużivi sabiex ma jindaħlux fil-kunflitt ta' leġittimità bejn ir-rikorrent u r-Renju tal-Marokk (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 353).

339 Minkejja dan, l-elementi differenti relatati mas-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent imressqa mill-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni msemmija fil-punt 338 iktar 'il fuq ma għandhomx jintlaqgħu.

340 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li r-rekwiżit ta' kunsens ma jistax jiġi applikat bl-istess mod għal Stat u għal territorju mhux awtonomu, dan għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet diġà esposti fil-punt 311 iktar 'il fuq.

341 It-tieni, l-argument tal-KSMM li l-popolazzjonijiet milqutin kienu allegatament taw il-kunsens tagħhom b'mod impliċitu għad-drittijiet mogħtija mill-ftehim ikkontestat meta jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja applikata *de facto* għas-Saħara tal-Punent għal diversi snin għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 312 sa 317 iktar 'il fuq.

342 It-tielet, fir-rigward tal-argument tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-diffikultà li jiġu identifikati l-membri tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, minn naħa waħda, hemm lok li jiġi rrilevat, kif għamel ir-rikorrent, li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa dritt kollettiv u li l-imsemmi poplu ngħata, mill-awtoritajiet tal-ONU, dan id-dritt u, bl-istess mod, l-eżistenza tiegħu, indipendentement mill-individwi li jiffurmawh u n-numru tagħhom. Min-naħa l-oħra, mill-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario għandu jiġi dedott li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, b'mod impliċitu, lil dan il-poplu bħala suġġett ta' dritt awtonomu li jista' jesprimi l-kunsens tiegħu għal ftehim internazzjonali indipendentement mill-kwistjoni ta' min huma l-membri tiegħu. Konsegwentement, mill-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi dedott li l-kunsens ta' dan il-poplu għandu jkun neċessarjament ġie miksub bis-saħħa ta' konsultazzjoni diretta mal-membri tiegħu. Id-diffikultà msemmija mill-istituzzjonijiet ma għandhiex għalhekk, fiha nnifisha, tikkostitwixxi ostakolu għall-espressjoni ta' dan il-kunsens (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 357).

343 Ir-raba' net, fir-rigward tan-neċessità li ma jkunx hemm indħil fil-"kunflitt ta' leġittimità" bejn ir-rikorrent u r-Renju tal-Marokk dwar is-Saħara tal-Punent, invokata mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Franċiża, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, peress li l-Unjoni ma tistax tirrikonoxxi, skont id-dritt internazzjonali u l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja

tat, il-pretensjonijiet tar-Renju tal-Marokk fuq dan it-territorju, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jastjenu milli jipproċedu bl-azzjonijiet adegwati sabiex jiżguraw li hemm il-kunsens tal-poplu tiegħu billi jinvokaw riskju ta' ndħil fil-tilwima bejn ir-rikorrent u dan il-pajjiż terz minħabba dawn il-pretensjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 358).

344 Il-ħames, l-argument tal-Kunsill li s-Saħara tal-Punent hija, f'dan l-istadju, territorju mhux awtonomu u għalhekk ma għandhiex il-kapaċità li tesprimi l-kunsens tagħha bl-istess mod bħal Stat indipendenti għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, minn naħa waħda, dan l-argument huwa bbażat, b'mod definittiv, fuq il-premessa żbaljata li l-poplu tas-Saħara tal-Punent ma għandux diġà d-dritt għall-awtodeterminazzjoni minħabba li l-proċess relatat mal-istatus definittiv ta' dan it-territorju ma kienx intemm, li huwa kontra r-rikonoxximent ta' dan id-dritt mill-organi tal-ONU, ikkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-inkapaċità allegata tar-rikorrent u tal-poplu li jirrappreżenta li jikkonkludu trattat dwar is-sajd jew li jeżerċitaw il-kompetenzi relatati, mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi dedott li l-kunsens tal-poplu inkwistjoni, bħala terz għall-ftehim ikkontestat, għandu neċessarjament anki hu jingħabar permezz ta' trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 295 u 359 sa 361).

345 Is-sitta, il-fatt li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw lir-Renju tal-Marokk bħala l-"awtorità amministrattiva *de facto*" għas-Saħara tal-Punent ma jidhirx li huwa fatt li jista' jeskludi n-neċessità li l-poplu ta' dan it-territorju jagħti l-kunsens għall-ftehim ikkontestat. Fil-fatt, peress li r-Renju tal-Marokk kien, min-naħa tiegħu, eskluda li jeżerċita tali kompetenzi u li jippretendi drittijiet sovrani fuq l-imsemmi territorju, il-pożizzjoni tiegħu hija irrikonċiljabbli mal-klassifikazzjoni ta' awtorità amministrattiva. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jiġi aċċettat li r-Renju tal-Marokk għandu tali rwol, "*de facto*", fir-rigward tat-territorju inkwistjoni, dan il-fatt ma għandux ineħħi l-ħtieġa tal-kunsens tal-poplu tiegħu għall-ftehim ikkontestat, fid-dawl tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tiegħu u tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 362 u 363).

346 Is-sebgħa, fil-qafas tal-eżami tal-*locus standi* tar-rikorrent, ġie kkonstatat, minn naħa waħda, li l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent ma tfissirx li ma setax jippreżenta lil dan il-poplu fil-qafas ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk u, min-naħa l-oħra, li mid-dokumenti tal-proċess ma jirriżultax li l-organi tal-ONU rrikonoxxew xi organizzazzjonijiet oħra li awtorizzawh jirrappreżenta lill-imsemmi poplu (ara l-punti 241 u 243 iktar 'il fuq). Konsegwentement, ma kienx impossibbli li jinkiseb il-kunsens ta' dan tal-aħħar permezz tar-rikorrent. L-argument tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li din il-possibbiltà tagħti "dritt ta' veto" lil din l-organizzazzjoni fuq l-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għall-imsemmi territorju u għall-ibħra li jmissu miegħu għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, huwa suffiċjenti li jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, kif ġie kkonstatat fil-punt 335 iktar 'il fuq, ma għandux ikun il-Kunsill li jiddeċiedi jekk kienx possibbli li ma jiġix ikkunsidrat il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent sabiex jiġi konkluż il-ftehim ikkontestat. Konsegwentement, l-allegat fatt li l-kompetenza tar-rikorrent sabiex jesprimi dan il-kunsens tagħtih "dritt ta' veto" ma jistax jiġġustifika tali deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 364).

347 Minn dan isegwi li l-punti relatati mas-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent invokati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni ma humiex tali li jeskludu l-possibbiltà għall-poplu tas-Saħara tal-Punent li jesprimi l-kunsens tiegħu għall-ftehim, bħala terz fir-rigward tiegħu.

348 Fit-tielet lok, kif ġie kkonstatat fil-punt 331 iktar ’il fuq, il-konsultazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mis-SEAE kellhom biss l-għan li jiġbru l-opinjoni tal-“popolazzjonijiet milqutin” fir-rigward tal-ftehim ikkontestat u mhux il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għalih. Konsegwentement, kif isostni, korrettament, ir-rikorrent, dawn il-konsultazzjonijiet ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala konformi mar-rekwiżiti dedotti mill-Qorti tal-Ġustizzja mill-prinċipju ta’ awtodeterminazzjoni u mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 366).

349 L-argument tal-Kunsill, sostnut mir-Renju ta’ Spanja, mir-Repubblika Franċiża, mill-Kummissjoni u mill-KSMM, li l-konsultazzjonijiet inkwistjoni kienu josservaw il-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali ma għandux jikkontesta din il-konklużjoni.

350 F’dan ir-rigward, minn naħa waħda, il-Kunsill isostni li l-konsultazzjoni magħmula mill-Unjoni hija konformi mal-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali, peress li hija saret ma’ awtoritajiet rappreżentattivi tal-popolazzjonijiet milqutin u bil-għan li jinkiseb kunsens. Il-Kunsill jiddeduċi, b’mod partikolari, dawn il-kriterji mill-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Popli Indiġeni u Tribali, adottata f’Genève fis-27 ta’ Ġunju 1989, u mid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni, adottata mill-Assemblea Ġenerali tal-ONU fit-13 ta’ Settembru 2007. B’hekk, il-konsultazzjoni inkwistjoni allegatament kellha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni l-iktar wiesgħa possibbli ta’ awtoritajiet u ta’ organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-popolazzjonijiet milqutin. F’dan il-qafas, ir-Renju tal-Marokk ikkonsulta, b’mod partikolari, lir-rappreżentanti reġjonali, maħtura b’vot universali dirett fl-2015 u li parti sinjifikattiva tagħhom ġejja mit-tribujiet lokali. Il-Kummissjoni u s-SEAE kkonsultaw firxa wiesgħa ta’ organizzazzjonijiet lokali politiċi u soċjo-politiċi u ta’ rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u r-rikorrent.

351 Min-naħa l-oħra, skont il-Kunsill, l-istituzzjonijiet ibbażaw ruħhom fuq kriterju oġġettiv, jiġifieri jekk il-popolazzjonijiet tas-Saħara tal-Punent jibbenefikawx jew le mill-Ftehim dwar is-Sajd, u dan huwa konformi mal-prinċipji msemmija fl-ittra tad-29 ta’ Jannar 2002 tal-konsulent legali tal-ONU.

352 Fir-rigward tal-argument tal-Kunsill imsemmi fil-punt 350 iktar ’il fuq, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-kriterji li dan tal-aħħar jiddeduċi minn din il-konvenzjoni u minn din id-dikjarazzjoni, jiġifieri li kull konsultazzjoni għandha ssir mal-awtoritajiet rappreżentattivi tal-popolazzjonijiet milqutin u għandu jkollha l-għan li tikseb il-kunsens tagħhom, ma jikkorrispondux mar-rekwiżiti dedotti mill-Qorti tal-Ġustizzja mill-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati flimkien mal-prinċipju ta’ awtodeterminazzjoni (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 370).

353 Fil-fatt, minn naħa waħda, hemm lok li jiġi rrilevat, qabelxejn, li kif diġà ġie indikat b’mod repetut, il-Kunsill ma jagħtix lill-kunċett ta’ kunsens l-effetti ġuridiċi li huma marbuta, bħala regola, fid-dritt internazzjonali, ma’ dan il-kunċett, peress li dan ma jikkunsidrax f’dan il-każ, il-kunsens ta’ suġġett terz fir-rigward tal-ftehim ikkontestat, fis-sens tal-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, iżda l-opinjoni fil-parti l-kbira tagħha favorevoli tal-popolazzjonijiet lokali (ara l-punti 328 sa 331 iktar ’il fuq). Barra minn hekk, kif jenfasizza r-rikorrent, fir-rapport tat-8 ta’ Ottubru 2018, il-Kummissjoni ma tirreferix għall-kunċett ta’ kunsens. Fil-fatt, hija tirreferi biss għall-“appoġġ” jew is-“sostenn” tal-entitajiet ikkonsultati mill-awtoritajiet Marokkini fil-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat kif ukoll “għas-sostenn qawwi ferm” tal-“interlokuturi” tagħha u dawk tas-SEAE għall-“inklużjoni tal-ibħra li jmissu ma[s-]Saħara tal-Punent” (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 371 u 372).

354 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jitfakkar li, kif sostna r-rikorrent, il-kunċett ta' "popolazzjonijiet milqutin", li għalih l-istituzzjonijiet jirreferu, ma jikkoinċidix ma' dak tal-"poplu tas-Saħara tal-Punent", li l-kontenut tiegħu jimplika d-dritt għall-awtodeterminazzjoni (ara l-punt 329 iktar 'il fuq). B'mod partikolari, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-konsultazzjonijiet magħmula ma' awtoritajiet lokali u reġjonali mir-Renju tal-Marokk, parti fil-ftehim ikkontestat, ma setax ikollhom l-għan li jiksbu l-kunsens ta' terz għal dan il-ftehim, iżda, possibbilment, li l-assoċjazzjonijiet lokali u l-korpi pubbliċi interessati li jaqgħu f'dan l-Istat jiġu assoċjati fil-konklużjoni ta' dan il-ftehim. Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li l-entitajiet u l-korpi kkonsultati mill-Kummissjoni huma, l-iktar l-iktar, rappreżentattivi ta' interessi soċjo-ekonomiċi differenti u tas-soċjetà ċivili nnifisha, u dan mingħajr il-fatt li dawn l-entitajiet jew korpi jikkunsidraw lilhom innifishom jew li għandhom jiġu kkunsidrati bħala awtoritajiet rappreżentattivi tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u awtorizzati li jesprimu l-kunsens tiegħu, u dawn jikkonfermaw, barra minn hekk, il-kriterji ta' selezzjoni ta' dawn l-entitajiet u l-korpi, indikati mill-Kummissjoni fit-tweġibiet bil-miktub tagħha tal-25 ta' Jannar 2021 għal mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali magħmula fil-qafas ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 373 sa 379).

355 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrent dwar ir-rabtiet tal-entitajiet u l-korpi kkonsultati mill-Kummissjoni u s-SEAE mal-awtoritajiet Marokkini, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-qafas tat-tweġibiet bil-miktub tagħha tal-25 ta' Jannar 2021 dwar l-istatus u l-attivitajiet tal-imsemmija entitajiet u korpi jirriżulta li l-maġġoranza tagħhom huma jew korpi pubbliċi taħt id-dritt Marokkin li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom taħt it-tutela ta' dawn l-awtoritajiet, jew awtoritajiet indipendenti Marokkini u li parti sinjifikattiva minn dawn il-korpi pubbliċi għandha kompetenza nazzjonali.

356 Barra minn hekk, kif tindika l-Kummissjoni stess fir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent u l-assoċjazzjonijiet li għandhom l-istess opinjoni bħalu rrifjutaw li jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet li hija organizzat.

357 Madankollu, minn naħa waħda, għandu jiġi rrilevat li ma huwiex ikkontestat li, kif jindika r-rikorrent fir-replika, huwa wera l-oppożizzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat. B'mod partikolari, f'ittra elettronika tas-7 ta' Ġunju 2018 indirizzata lis-SEAE, huwa indika, essenzjalment, li, fir-rigward tal-prinċipji, fl-opinjoni tiegħu, stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri, b'mod partikolari, in-natura separata u distinta tas-Saħara tal-Punent u l-osservanza, bħala kriterju uniku, tal-kunsens ta' dan il-poplu, huwa ma setax jaċċetta li dawn l-iskambji jsiru fil-perspettiva ta' "eventwali kopertura tas-Saħara tal-Punent fi ftehim innegozjati bejn l-[Unjoni] u r-Renju tal-Marokk" u fil-qafas ta' proġett li jsemmi l-"provinċji tan-Nofsinhar" filwaqt li tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-"popolazzjonijiet lokali" permezz tas-SEAE u tal-istituzzjonijiet Marokkini. Konsegwentement, anki jekk ir-rikorrent ma aċċettax li jipparteċipa fil-konsultazzjonijiet organizzati mill-Kummissjoni u mis-SEAE, huma l-Kummissjoni u l-Kunsill li għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni tiegħu, iktar u iktar peress li, b'kuntrast ma' entitajiet oħra kkonsultati, huwa seta' jiġi leġittimament ikkunsidrat bħala "awtorità rappreżentattiva" tal-poplu inkwistjoni.

358 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, kif jindika, essenzjalment, ir-rikorrent, ir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 ma jieħux inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni pubblika tat-28 ta' Novembru 2018, adottata mill-95 "organizzazzjoni mhux governattiva tas-soċjetà ċivili tas-Saħara" (The Saharawi civil society NGOs) u annessa mar-rikors, li fiha dawn l-organizzazzjonijiet talbu lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex ma jadottax il-ftehim ikkontestat li

huwa intiż, fi kliemhom stess, sabiex "jisraq" ir-riżorsi tas-sajd tal-poplu Saħara tal-Punent u "sabiex jinkludi b'mod illegali s-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

359 Għandu jiġi kkonstatat li dawn il-konsultazzjonijiet u r-riżultati li huma misluta minnhom fir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 jirriflettu iktar il-perspettiva ta' istituzzjonijiet u korpi pubbliċi Marokkini milli ta' korpi tas-soċjetà ċivili tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, ir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 ma jieħux inkunsiderazzjoni l-perspettiva tar-rikorrent, minkejja li dan tal-aħħar wera preċiżament x'kienu r-raġunijiet għall-oppożizzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat.

360 Fi kwalunkwe każ, kif isostni r-rikorrent, dawn il-konsultazzjonijiet saru mhux ma' "awtoritajiet rappreżentattivi" tal-poplu Saħara tal-Punent, iżda, pjuttost, ma' "partijiet ikkonċernati" li l-istituzzjonijiet setgħu, fi kwalunkwe każ, jassoċjaw mal-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat, skont it-trattati, indipendentement mill-"kunsiderazzjonijiet" tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 383).

361 Mill-punti 353 sa 360 iktar 'il fuq jirriżulta li l-konsultazzjonijiet magħmula fuq it-talba tal-Kunsill mill-Kummissjoni u mis-SEAE ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li ppermettew li jinkiseb il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-ftehim ikkontestat, skont il-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 384).

362 Fir-rigward, f'dan il-każ, tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali difiża mill-Kunsill abbażi tal-ittra tad-29 ta' Jannar 2002 tal-konsulent legali tal-ONU, sostnuta, f'dan ir-rigward, mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Franċiża, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-istituzzjonijiet ma għandhomx jissuġġettaw ruħhom għall-obbligu li jkunu konformi mal-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' regoli tad-dritt internazzjonali billi jissostitwixxu din l-interpretazzjoni ta' kriterji differenti misluta minn din l-ittra, li, qabelxejn, ma għandhiex portata ekwivalenti għal dik ta' opinjonijiet konsultattivi tal-QIĠ, it-tieni, li din l-ittra kienet tirrigwarda l-kwistjoni tal-legalità tal-kuntratti ta' dritt privat konklużi bejn korpi pubbliċi Marokkini u kumpanniji taż-żejt u mhux fuq il-legalità ta' ftehim internazzjonali konklużi mir-Renju tal-Marokk, it-tielet, li din l-ittra kienet ibbażata fuq analoġiji mal-kwistjoni tal-legalità ta' attivitajiet ta' awtorità amministrattiva li tirrigwarda riżorsi minerali ta' territorju mhux awtonomu, minkejja li, f'dan il-każ, il-pajjiż terz inkwistjoni ma għandux jiġi kkunsidrat bħala tali awtorità, u, ir-raba', li, fi kwalunkwe każ, mill-konklużjonijiet ta' din l-ittra jirriżulta espressament li l-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli ma jirrikjedux biss li l-isfruttament tar-riżorsi naturali ta' tali territorju jkunu konformi mal-interessi tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, iżda wkoll mal-volontà tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 385 sa 389).

363 Konsegwentement, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jibbażaw ruħhom fuq l-ittra tad-29 ta' Jannar 2002 tal-konsulent legali tal-ONU sabiex jiġġustifikaw il-konformità tal-konsultazzjonijiet magħmula mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli. B'hekk, huwa korrett li r-rikorrent isostni li l-istituzzjonijiet ma setgħux jissostitwixxu r-rekwiżit tal-espressjoni ta' dan il-kunsens, stipulat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, bil-kriterju tal-benefiċċji tal-ftehim ikkontestat għall-popolazzjonijiet milqutin (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 390).

364 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, meta adotta d-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-elementi rilevanti kollha relatati mas-Saħara tal-Punent u kkunsidra, b'mod żbaljat, li huwa kellu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeċiedi jekk kienx hemm lok li jikkonforma ruħu mar-rekwiżit li l-poplu ta' dan it-territorju kellu jesprimi l-kunsens tiegħu għall-applikazzjoni tal-ftehim ikkontestat għalih, bħala terz fir-rigward tiegħu, skont l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati flimkien mal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni. B'mod partikolari, l-ewwel nett, il-Kunsill ikkunsidra b'mod żbaljat li s-sitwazzjoni attwali ta' dan it-territorju ma kinitx tippermetti li tiġi żgurata l-eżistenza tal-kunsens ta' dan il-poplu u, b'mod partikolari, permezz tar-rikorrent. It-tieni, billi kkunsidra li l-konsultazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni u mis-SEAE ppermettew li jikkonformaw ruħhom mal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Kunsill interpreta b'mod żbaljat kemm il-portata ta' dawn il-konsultazzjonijiet kif ukoll dik tar-rekwiżit imsemmi f'dan il-punt. It-tielet, il-Kunsill ikkunsidra, b'mod żbaljat, li seta' jissostitwixxi dan ir-rekwiżit bil-kriterji allegatament stipulati fl-ittra tad-29 ta' Jannar 2002 tal-konsulent legali tal-ONU. Minn dan isegwi li din il-parti tat-tielet motiv hija fondata u tista' twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punt 391).

365 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-offerti ġodda ta' provi prodotti mir-rikorrent u punti li huwa ppreżenta spontanjament wara s-seduta għat-trattazzjoni (ara l-punti 89 u 92 iktar 'il fuq) u mingħajr il-bżonn li tiġi eżaminata t-tieni parti tat-tielet motiv u l-motivi l-oħra tar-rikors, hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata.

4. Fuq iż-żamma fiż-żmien tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata

366 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, il-Qorti Ġenerali tista', jekk tikkunsidra dan meħtieġ, tindika liema mill-effetti ta' att annullat għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.

367 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-effetti ta' att ikkontestat, b'mod partikolari d-deċiżjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, jistgħu jinżammu, inkluż *ex officio*, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, b'mod partikolari meta l-effetti immedjati tal-annullament ta' dan l-att iwasslu għal konsegwenzi negattivi serji (ara s-sentenza tal-lum, Front Polisario vs Il-Kunsill, T-279/19, punti 394 u 396 u l-ġurisprudenza ċċitata).

368 F'dan il-każ, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata b'effett immedjat jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq l-azzjoni esterna tal-Unjoni u tikkontesta ċ-ċertezza legali ta' obbligi internazzjonali li għalihom tkun tat il-kunsens u li jorbtu lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri. L-osservazzjonijiet tar-rikorrent dwar it-talba tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE ma għandhiex tikkontesta din il-konstatazzjoni.

369 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi applikat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, filwaqt li l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata jinżammu għal perijodu li ma jistax jeċċedi t-terminu msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew, jekk ikun tressaq appell f'dan it-terminu, sad-data tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar dan l-appell.

B. Fuq ir-rikors fil-Kawża T-356/19

370 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif ġie espost fil-punt 177 iktar 'il fuq, fil-qafas tal-Kawża T-344/19, ir-rikorrent isostni, insostenn tal-effett dirett mid-deċiżjoni kkontestata, li r-regolament ikkontestat ma jistax jiġi interpretat bħala li jikkostitwixxi miżura intermedja li tista' tostakola l-interess dirett tiegħu mid-deċiżjoni kkontestata.

371 Madankollu, fil-qafas ta' din il-kawża, ir-rikorrent jesponi li, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li r-regolament ikkontestat jikkostitwixxi tali miżura intermedja, huwa jippreżenta, b'mod sussidjarju, dan ir-rikors.

372 Mistoqsi waqt is-seduta dwar il-kwistjoni tal-effett għal dan ir-rikors tal-inċidenza diretta tiegħu mid-deċiżjoni kkontestata fil-Kawża T-344/19, fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkunsidra li r-regolament ikkontestat ma jostakolax din l-inċidenza diretta, ir-rikorrent indika li, fl-opinjoni tiegħu, minn dan jirriżulta li ma huwiex ammissibbli li jiġi ppreżentat dan ir-rikors u li, fi kwalunkwe każ, dan ir-rikors ma jibqagħlux skop. Minkejja dan, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrent ma talabx lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li r-rikors ma kienx għad għandu skop.

373 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, permezz ta' din is-sentenza, jista' jostakola l-eżekuzzjoni tajba tar-regolament ikkontestat [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Kazakistan), C-244/17, EU:C:2018:662, punt 51], huwa ma għandux l-effett li jwassal, fih innifsu, għan-nullità ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, dan ir-regolament, li l-adozzjoni tiegħu saret qabel dik tal-imsemmija deċiżjoni, għandha bħala bażi legali, mhux din id-deċiżjoni stess, iżda l-Protokoll ta' Implimentazzjoni, u, b'mod partikolari, il-konstatazzjonijiet tal-Artikolu 3 ta' dan tal-aħħar relatati mal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti li jtajru bandiera tal-Istati Membri, li huwa intiż li jimplimenta (ara l-punti 71 u 72 iktar 'il fuq). Konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrent għall-annullament ta' dan ir-regolament jibqgħalhom skop u hemm lok li tingħata deċiżjoni dwarhom.

374 Mingħajr ma jippreżenta formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kunsill iqajjem żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà kontra dan ir-rikors, ibbażati, wieħed, fuq in-nuqqas ta' kapaċità tar-rikorrent ta' *locus standi in judicio* u, l-ieħor, fuq in-nuqqas ta' *locus standi* kontra l-att ikkontestat.

375 Għandha tiġi eżaminata t-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill.

376 Il-Kunsill jikkonkludi li r-rikorrent ma ġiex affettwat b'mod dirett u individwali mir-regolament ikkontestat. Minn naħa waħda, huwa jsostni li r-regolament ma jipproduċix effetti ġuridiċi ħlief fir-rigward ta' Stati Membru u mhux fir-rigward ta' persuni oħra. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma kien jeżerċita ebda attività fis-settur ekonomiku kkonċernat u ma kienx jiddependi minnu. L-effetti ta' dan ir-regolament fuq is-sitwazzjoni tiegħu kienu biss indiretti u politiċi. Min-naħa l-oħra, huwa jiddikjara li dan l-att jirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri intermedjarji min-naħa tal-Istati Membri u li dawn tal-aħħar għandhom l-għażla li ma jużawx l-opportunitajiet tas-sajd kollha mogħtija lilhom. Barra minn hekk, il-Kunsill isostni li r-regolament ikkontestat ma jaffettwax lir-rikorrent minħabba sitwazzjoni fattwali li tikkaratterizzah jew minħabba kwalitajiet li huma partikolari għalih, b'mod partikolari, minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fin-negozjati dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent, li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawża.

377 Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent isostni li huwa affettwat b'mod dirett u individwali mir-regolament ikkontestat. Fir-rigward, minn naħa waħda, tal-inċidenza diretta tiegħu, huwa jsostni li, peress li dan ir-regolament għandu l-għan li jalloka, lill-Istati Membri, opportunitajiet ta' sajd li jikkonċernaw direttament l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, huwa jaffettwa lil dan il-poplu u għalhekk jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu, bħala uniku rappreżentant ta' dan il-poplu. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-imsemmi regolament hija ta' natura purament awtomatika. Fir-rigward, minn naħa waħda, tal-inċidenza individwali tiegħu, huwa jiddikjara li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss dan il-poplu li jista' jagħti l-kunsens tiegħu għal ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju tiegħu u għar-riżorsi naturali tiegħu. Fl-opinjoni tiegħu, din il-possibbiltà tinkludi d-dritt tal-poplu inkwistjoni li jopponi għall-allokazzjoni, mingħajr il-kunsens tiegħu, tal-opportunitajiet tal-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tiegħu. Fid-dawl tar-rwol tiegħu fl-espressjoni ta' dan il-kunsens, huwa għandu kwalitajiet li huma partikolari għalih u li jikkaratterizzawh meta mqabbla ma' persuna oħra, b'tali mod li r-regolament ikkontestat jaffettwah b'mod individwali.

378 Ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni jaqblu, essenzjalment, mal-argument tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tindika, madankollu, li, fl-opinjoni tagħha, ir-regolament ikkontestat, fid-dawl tal-effetti limitati tiegħu, lanqas ma jipproduċi effetti indiretti jew politiċi fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrent. Min-naħa tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jenfasizza li r-rikorrent ma huwiex imċaħħad mid-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li huwa jista', jekk ikun il-każ, jeżerċita fir-rigward ta' atti ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

379 Preliminarjament, qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors ta' persuna fiżika jew ġuridika kontra r-regolament ikkontestat għandhom jiġu stabbiliti skont in-natura speċifika ta' dan l-att, u mhux skont in-natura tad-deċiżjoni kkontestata fil-Kawża T-344/19.

380 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, b'differenza minn deċiżjoni li tirrigwarda l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, bħad-deċiżjoni kkontestata fil-Kawża T-344/19, ir-regolament ikkontestat, li ġie adottat sabiex jimplimenta l-ftehim ikkontestat fl-Unjoni, ma huwiex element kostituttiv tal-espressjoni ta' qbil ta' intenzjonijiet ta' suġġetti tad-dritt internazzjonali, iżda att ta' portata ġenerali adottat fil-qafas tal-kompetenzi interni tal-Unjoni, obbligatorju fl-elementi kollha tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skont id-definizzjoni tat-terminu "regolament" imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE.

381 Fil-fatt, inkwantu jipproċedi bl-allokazzjoni għal kull Stat Membru tal-opportunitajiet ta' sajd previsti mill-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni, ir-regolament ikkontestat japplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jipproduċi effetti legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni previsti b'mod ġenerali u astratt (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2020, IFSUA vs Il-Kunsill, T-251/18, EU:T:2020:89, punt 35).

382 Ir-regolament ikkontestat huwa bbażat fuq l-Artikolu 43(3) TFUE, li la jirreferi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u lanqas għall-proċedura leġiżlattiva speċjali u, qabelxejn, jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri mill-Kunsill mingħajr ma jsemmi l-parteċipazzjoni tal-Parlament. Tali regolament għalhekk ma jistax jikkostitwixxi att leġiżlattiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill, C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punti 58 sa 62). Konsegwentement, tali att ta' portata ġenerali, li ma huwiex att leġiżlattiv, jikkostitwixxi att regolatorju, li jimplika li għandu jiġi vverifikat biss, skont it-tielet frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li huwa jirrigwarda direttament lir-rikorrent u li

ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punti 22 u 28, u tal-10 ta' Marzu 2020, IFSUA vs Il-Kunsill, T-251/18, EU:T:2020:89, punti 32 sa 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

383 F'dan ir-rigward, kif tfakkar fil-punt 179 iktar 'il fuq, il-kundizzjoni tal-inċidenza diretta tiegħu għandha tiġi eżaminata skont żewġ kriterji, jiġifieri, minn naħa waħda, il-miżura tal-Unjoni kkontestata għandha toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, ma għandha tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li huma inkarigati mill-implimentazzjoni tagħha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra.

384 F'dak li jirrigwarda l-ewwel wieħed minn dawn il-kriterji, għandu jiġi rrilevat li r-regolament ikkontestat huwa intiż biss sabiex jalloka bejn l-Istati Membri l-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti permezz tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni.

385 B'hekk, ir-regolament ikkontestat ma jistax jipproduċi, minnu nnifsu, effetti fuq kif jiġu stabbiliti dawn l-opportunitajiet tas-sajd, u wisq inqas kif tiġi stabbilita ż-żona tas-sajd koperta bil-Ftehim dwar is-Sajd kollu kemm hu jew iż-żoni ta' ġestjoni stabbiliti fl-imsemmija żona tas-sajd skont kategoriji differenti ta' sajd applikabbli.

386 Barra minn hekk, tali att, adottat fil-qafas tal-eżerċizzju tal-kompetenzi interni tal-Unjoni, jirrigwarda biss ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u mhux ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk jew ir-relazzjonijiet tiegħu mal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Fil-fatt, minkejja li d-determinazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri fiż-żona tas-sajd stabbilita mill-Ftehim dwar is-Sajd timplika skambju ta' drittijiet u ta' obbligi reċiproċi bejn il-partijiet f'dan il-ftehim, l-allokazzjoni ta' dawn il-possibbiltajiet bejn l-Istati Membri tikkostitwixxi kwistjoni purament interna għall-Unjoni, li ma taqax fil-kompetenza tal-Istat terz imsemmi iktar 'il fuq u lanqas ma tista' taffettwa, minnha nnifisha, l-imsemmi poplu.

387 Ċertament, kif jiddikjara r-rikorrent, l-opportunitajiet tas-sajd allokati bejn l-Istati Membri mir-regolament ikkontestat jistgħu jikkonċernaw l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent, tal-inqas dawk li huma relatati mal-kategoriji 3 sa 6 tas-sajd imsemmija fid-dokumenti tekniċi tas-sajd korrispondenti.

388 Madankollu, dan l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tas-Saħara tal-Punent ma jirriżultax, fih innifsu, mill-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri magħmula mir-regolament ikkontestat, iżda mid-determinazzjoni taż-żona tas-sajd u l-limiti taż-żoni ta' ġestjoni li jinsabu fiha, magħmula mill-ftehim ikkontestat, liema determinazzjoni tinkludi l-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju.

389 Konsegwentement, anki jekk ir-rikorrent isostni, korrettament, minn naħa waħda, li l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tas-Saħara tal-Punent jaffettwa lill-poplu ta' dan it-territorju u, min-naħa l-oħra, li dan l-isfruttament jaffettwa lilu stess, bħala rappreżentant leġittimu ta' dan il-poplu, minn dan ma jistax jiġi dedott, għaldaqstant, li r-regolament ikkontestat jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu minħabba f'hekk. L-ewwel kriterju tal-inċidenza diretta għalhekk ma huwiex issodisfatt f'dan il-każ.

390 Barra minn hekk, fir-rigward tat-tieni kriterju, huwa veru, kuntrarjament għal dak li jiddikjara l-Kunsill, li r-regolament ikkontestat, fih innifsu, ma jitlob l-adozzjoni tal-ebda miżura intermedja, peress li l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri tal-opportunitajiet ta' sajd hija purament awtomatika, peress li tirriżulta direttament mill-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament.

391 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, minħabba miżuri oħra neċessarji għall-implimentazzjoni tal-ftehim ikkontestat, inkluż tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, l-effett tar-regolament ikkontestat fuq l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd koperti mill-imsemmi ftehim, jista' jkun biss, fi kwalunkwe każ, indirett ħafna.

392 Fil-fatt, kif jispjega l-Kunsill, id-dritt għal bastiment li jtajjar bandiera ta' Stat Membru kkonċernat li juża r-riżorsi tas-sajd koperti bil-ftehim ikkontestat huwa suġġett, barra minn hekk, għal proċedura ta' awtorizzazzjoni, irregolata mill-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU 2017, L 347, p. 81), liema proċedura teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mir-Renju tal-Marokk. Barra minn hekk, kif jindika wkoll il-Kunsill, mill-Artikolu 12 tal-istess regolament jirriżulta li l-Istati Membri għandhom il-fakultà li ma jużawx l-opportunitajiet tas-sajd kollha li jkunu ġew allokati lilhom.

393 Fi kwalunkwe każ, kif ġie konkluż fil-punt 259 iktar 'il fuq, ir-rikorrent huwa affettwat b'mod dirett bid-deċiżjoni kkontestata fil-Kawża T-344/19, inkwantu tirrigwarda l-konklużjoni tal-ftehim ikkontestat u li dan japplika għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha, indipendentement mill-miżuri adottati mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tiegħu. B'hekk, miżura ta' implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, bħar-regolament ikkontestat, ma għandha l-ebda rwol fl-applikazzjoni tal-imsemmi ftehim għall-ibħra li jmissu mat-territorju inkwistjoni u għalhekk mar-riżorsi tas-sajd tiegħu, li tirriżulta awtomatikament u mingħajr l-adozzjoni ta' regoli intermedjarji ta' dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim.

394 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrent ma huwiex affettwat b'mod dirett mir-regolament ikkontestat. Konsegwentement, dan ir-rikors huwa inammissibbli u għandu jiġi miċħud bħala tali.

Fuq l-ispejjeż

395 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

396 Peress li l-Kunsill tilef fil-Kawża T-344/19, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż f'din il-kawża, skont it-talbiet tar-rikorrent.

397 Peress li r-rikorrent tilef fil-Kawża T-356/19, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż f'din il-kawża, skont it-talbiet tal-Kunsill.

398 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

399 Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li l-intervenjenti li ma hijiex waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

400 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi deċiż li l-KSMM għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-Kawża T-344/19.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (id-Disa' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim hija annullata.**

2) **L-effetti tad-Deċiżjoni 2019/441 huma miżmuma għal perijodu li ma jistax jeċċedi t-terminu msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell f'dan it-terminu, sal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar dan l-appell.**

3) **Ir-rikors fil-Kawża T-356/19 huwa miċħud.**

4) **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat li jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż sostnuti mill-Front populaire pour la libération de la Saguia el-Hamra et du Rio de oro (Front Polisario) fil-Kawża T-344/19.**

5) **Il-Front Polisario huwa kkundannat li jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill fil-Kawża T-356/19.**

6) **Ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

7) **Il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Mediterran, il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tat-Tramuntana, il-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku Ċentrali u l-Kamra tas-Sajd Marittimu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom fil-Kawża T-344/19.**

Costeira Gratsias Kancheva

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Settembru 2021.

Firem

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 3

A. Il-kuntest internazzjonali . . . 3

B. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 . . . 7

1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni . . . 7

2. Il-Ftehim dwar is-Sajd tal-2006 . . . 8

C. Il-kawżi marbuta mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni . . . 9

1. Il-Kawżi T-512/12 u C-104/16 P . . . 9

2. Il-Kawża C-266/16 . . . 10

3. Id-digrieti fil-Kawżi T-180/14, T-275/18, T-376/18 . . . 13

D. Id-deċiżjoni kkontestata u l-ftehim ikkontestat . . . 13

E. Ir-regolament ikkontestat . . . 17

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . 20

III. Id-dritt . . . 22

A. Fuq ir-rikors fil-Kawża T-344/19 . . . 22

1. Fuq l-ammissibbiltà ta' wħud mill-annessi tar-replika . . . 23

2. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors . . . 24

a) Fuq il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim ikkontestat . . . 24

b) Fuq il-portata tat-talbiet għall-annullament . . . 27

c) Fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill, ibbażata fuq in-nuqqas ta' locus standi in judicio tar-rikorrent . . . 29

d) Fuq il-validità tal-mandat mogħti mir-rikorrent lill-avukat tiegħu . . . 34

e) Fuq it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kunsill, ibbażata fuq nuqqas ta' locus standi tar-rikorrent . . . 36

1) Fuq l-inċidenza diretta fuq ir-rikorrent . . . 37

i) Fuq l-osservanza, mir-rikorrent, tal-ewwel kriterju tal-inċidenza diretta, li jirrikjedi li l-miżura kkontestata għandha tipproduċi b'mod dirett effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu . . . 38

– Fuq l-ewwel parti tal-argument tal-Kunsill, dwar l-effetti ġuridiċi intrinsiċi ta' deċiżjoni ta' konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni, ta' ftehim internazzjonali 38

– Fuq it-tieni parti tal-argument tal-Kunsill, relatata mal-effetti ġuridiċi speċifiċi tal-ftehim ikkontestat, fid-dawl tal-applikazzjoni territorjali tiegħu għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu 40

– Fuq it-tielet parti tal-argument tal-Kunsill, ibbażata fuq in-nuqqas ta' bidla tas-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent, fid-dawl tar-rwol limitat tiegħu għall-parteċipazzjoni fil-proċess ta' awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent 48

ii) Fuq it-tieni kriterju tal-inċidenza diretta, relatata man-natura purament awtomatika u li tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tal-implimentazzjoni tal-miżura kkontestata 51

2) Fuq l-inċidenza individwali fuq ir-rikorrent 52

3. Fuq il-mertu tar-rikors 53

a) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata 54

b) Fuq it-tielet motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur, mill-Kunsill, tal-obbligu tiegħu li jikkonforma ruħu mar-rekwiżiti dedotti mill-ġurisprudenza tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati 55

1) Fuq l-argumenti tal-Kunsill, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni u tal-KSMM relatati man-natura ineffettiva tat-tielet motiv 56

2) Fuq il-fondatezza tal-argumenti invokati mir-rikorrent insostenn ta' dan il-motiv 59

i) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-impossibbiltà għall-Unjoni u għar-Renju tal-Marokk li jikkonkludu ftehim applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha 59

ii) Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ksur tar-rekwiżit li l-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim ikkontestat, bħala terz fil-konfront tiegħu, skont il-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati 60

– Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati f'dan il-każ 61

– Fuq il-konsultazzjonijiet implimentati, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, sabiex jikkonformaw ruħhom mal-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati magħmula fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK 64

– Fuq il-kwistjoni dwar jekk is-sens partikolari mogħti lill-kunċett ta' kunsens fid-deċiżjoni kkontestata huwiex kompatibbli mal-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati użat

mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK 67

4. Fuq iż-żamma fiż-żmien tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata 73

B. Fuq ir-rikors fil-Kawża T-356/19 74

Fuq l-ispejjeż 77